

RELAZZJONI JIET BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW U I-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE



RAPPORT ANNWALI 2022



IL-PARLAMENTI FL-UNJONI EWROPEA



Il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa bbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva.



705 siġġijiet*



L-istati Membri huma rappreżentati fil-Kunsill Ewropew mill-Kappijiet ta' Stat jew ta' Gvern tagħhom u fil-Kunsill mill-gvernijiet tagħhom, fejn huma stess ikunu demokratikament responsabbli lejn il-Parlamenti nazzjonali tagħhom, jew lejn iċ-ċittadini tagħhom.

Iċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew.



Il-parlamenti nazzjonali jikkontribwixxu b'mod attiv għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni billi...



...jinżammu informati mill-isti-tuzzjonijiet tal-UE u jintbagħtul-hom l-abbozzi tal-liġijiet tal-UE.



...jiżguraw li l-prinċipju tas-sus-sidjarjetà jiġi rrispettat.



...jieħdu sehem fil-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni għall-ispażju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u jinvolvu ruħhom fil-monitoraġġ politiku tal-Europol u fl-evalwazzjoni tal-Eurojust.



...jieħdu sehem fil-proċeduri ta' reviżjoni tat-Trattati tal-UE.



...jiġi nnotifikati bl-applikazzjoni njiġi għall-adeżjoni mal-UE.



...jieħdu sehem fil-kooperazzjoni interparlamentari bejn il-parlamenti nazzjonali u mal-Parlament Ewropew.



Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali għandhom jiddeterminaw flim-kien l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni interparlamentari effikaċi u regolari fl-UE.



Il-Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC) tista' tippreżenta kwalunkwe kontribut li jidhrilha xieraq għall-attenzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Din il-konferenza għandha tippromwovi wkoll l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar pratti bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew.

* Mill-1 ta' Frar 2020, il-Parlament Ewropew għandu 705 siġġu wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fil-31 ta' Jannar 2020.

Sorsi: I-Artikolu 12 tat-Trattat dwar I-Unjoni Ewropea u I-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea (Nru 1) anness mat-Trattati.

**DIRETTORAT GħAR-RELAZZJONIJIET
MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI**

ANNUAL REPORT 2022
Relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew
U l-parlamenti nazzjonali tal-UE

Dan ir-rapport annwali tal-attività tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitàajiet u l-iżviluppi politiċi ewlenin fil-kooperazzjoni interparlamentari mal-Parlamenti nazzjonali fl-2022 fil-qasam tal-kooperazzjoni istituzzjonali, id-djalogu leġiżlattiv u l-iskrutinju parlamentari konġunt. Din il-kooperazzjoni kienet tinvolti 39 parlament u kamra parlamentari nazzjonali fis-27 Stat Membru u l-Parlament Ewropew.

Ir-rapport huwa pubblikazzjoni tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Parlament Ewropew, li jikkostitwixxi parti mid-Direttorat Ġenerali għas-Sħubiji għad-Demokrazija Parlamentari tal-Parlament Ewropew.

Katrin RUHRMANN

Direttriċi

katrin.ruhrmann@europarl.europa.eu

Jesús GÓMEZ

Kap tal-Unità, Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv

jesus.gomez@europarl.europa.eu

Ms Anne Louise MCLAUCHLAN

Kap tal-Unità, Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali

anne.mclauchlan@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta minn:

Zsuzsanna BALÁZS

Amministratur, Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv

zsuzsanna.balazs@europarl.europa.eu

Il-manuskritt ingħalaq fil-31 ta' Marzu 2023.

relnatparl@europarl.europa.eu

[Relations with National Parliaments](http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home.html) (<http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home.html>)

Ir-ritratti u l-illustrazzjonijiet kollha © I-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

WERREJ

Daħla mill-Viċi Presidenti tal-Parlament Ewropew responsabbi mir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali tal-UE	4
L-IŻVILUPPI U S-SUĠĠETTI EWLENIN FL-AĠENDA INTERPARLAMENTARI FL-2022	6
1. IKORPI INTERPARLAMENTARI ISTITUZZJONALI	14
1.1. Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet Ewropej (COSAC)	14
1.2. Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE (EUSC)	18
2. KONFERENZI INTERPARLAMENTARI	22
2.1. Ġimgħa Parlamentari Ewropea, Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE u Konferenza dwar is-Semestru Ewropew (IPC SEC)	22
2.2. Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)	27
3. SORVELJANZA INTERPARLAMENTARI FIL-QASAM TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA	31
3.1. JGrupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol	31
3.2. Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-Evalwazzjoni tal-Eurojust	34
4. LAQGĦAT INTERPARLAMENTARI TAL-KUMITATI U KOOPERAZZJONI INTERPARLAMENTARI OĦRA	37
4.1. Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati	37
4.2. Laqgħa tal-Presidenti tal-Parlament Nazzjonali mal-President tal-Parlament Ukren u Laqgħa tal-Presidenti Nisa tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea	44
4.3. Kooperazzjoni interparlamentari fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE u assemblej parlamentari multilaterali	46
4.4. Żjarat bilaterali u skambji bilaterali oħra	48
5. KOOPERAZZJONI LEĞIΖLATTIVA MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE	49
5.1. Is-Sistema ta' Twissija Preventiva u l-Protokoll Nru 2 tat-Trattati	49
5.2. Djalogu Politiku Informali u l-Protokoll Nru 1 tat-Trattati	54
6. NETWORKS U SKAMBUJU TA' INFORMAZZJONI	56
6.1. Skambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX)	56
6.2. Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)	57
6.3. Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza	62
6.4. Network tar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell	63
6.5. Seminars tal-personal	64
7. GĦODOD U ATTIVITAJIET TA' APPOĠġ	66
7.1. L-organizzazzjoni ta' laqgħat mill-bogħod u vidjokonf	66
7.2. CONNECT – il-bażi tad-data tal-Parlament Ewropew ta' osservazzjonijiet ippreżentati mill-Parlamenti nazzjonali	67
7.3. Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti (CorCom)	68
7.4. Għoddha għall-Osservazzjoni tal-Parlamenti Nazzjonali (Għoddha NPS)	68
7.5. Il-publikazzjonijiet tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali	69
8. DIRETTORAT GħAR-RELAZZJONIJET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI	71
ANNESI	72
ANNESS I – Laqgħat tal-COSAC – Suġġetti u kelliema ewlenin tal-2022	73
ANNESS II – Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati u Konferenzi Interparlamentari organizzati mill-Parlament Ewropew fi Brussell fl-2022	75
ANNESS III – Żjarat tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew fl-2022 (inklużi vidjokonferenzi ffaċilitati mid-Direttorat)	76
ANNESS IV – Data tas-Sistema ta' Twissija Preventiva	81
ANNESS V – Kontributi fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1 – Djalogu Politiku Informali	83
ANNESS VI – Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)	84
GLOSSARJU TAT-TERMINI U L-AKRONIMI	89

Daħla mill-Viċi Presidenti tal-Parlament Ewropew responsabbi mir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali tal-UE



*Othmar Karas, l-Ewwel Viċi President tal-PE, u Dita Charanzová, Viċi President, fil-binja tal-PE fi
Strasburgu © I-UE 2021 – PE/Andrea Adrianii*

Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata, illegali u inġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna kienet kwistjoni ċentrali u ta' tħassib fil-kooperazzjoni interparlamentari fl-2022. Il-gwerra terribbli mmexxija mill-Kremlin kontra l-popolazzjoni Ukrena qalbet l-ordni tas-sigurtà Ewropea u globali. F'dawn iż-żminijiet ta' gwerra, l-Unjoni Ewropea ngħaqdet b'mod riżolut fl-appoġġ sod tagħha għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u fid-difīża tal-valuri Ewropej, id-demokrazija, il-libertà u l-istat tad-dritt.

Il-gwerra fl-Ukrajna, li qed isseħħi fil-fruntiera tal-UE, kellha wkoll impatt qawwi fuq l-irkupru ekonomiku ta' wara l-COVID-19 fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Iż-żieda fl-inflazzjoni u ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija affettwaw il-ħajja taċ-ċittadini fl-Istati Membri kollha tal-UE. Bħala membri parlamentari, jeħtieġ li noħorġu bi tweġibiet għal dawn l-isfidi enormi u għat-tħassib taċ-ċittadini Ewropej.

Il-laqqħat interparlamentari fl-2022 ipprovdex l-opportunità lill-Membri tal-Parlamenti nazzjonali u lill-Parlament Ewropew biex jiskambjaw fehmiet, ideat u l-aħjar prattiki dwar dawn il-kwistjonijiet.

Il-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħha baqgħu wkoll fuq l-aġenda ta' ħafna laqqħat interparlamentari. Id-diskussjoni u l-analiżi ta' sitwazzjoni kumplessa, li tvarja minn kwistjonijiet ta' saħħa għal sfidi soċjali u ekonomiċi u pjanijet ta' rkupru wara l-pandemija, u l-kwistjoni ta' kif għandhom jiġu indirizzati dawn l-isfidi ta' spissi ġew diskussi matul avvenimenti interparlamentarji.

Wara l-ħidma mwettqa fl-2020-2021, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa lestiet il-mandat tagħha fl-2022. Kemm il-Parlamenti nazzjonali kif ukoll il-Parlament Ewropew ikkooperaw mill-qrib fil-Konferenza u kellhom rwol ewljeni fid-dibattitu dwar it-tiswir tal-futur tal-Ewropa. Huma ġadmu flimkien biex jiddefdu l-interessi taċ-ċittadini biex jagħtu sehemhom fit-tfassil mill-ġdid tal-politiki u l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll ir-rwol tal-Parlamenti bħala r-rappreżentanti eletti taċ-ċittadini

tagħhom

L-aktivitajiet interparlamentari finalment setgħu jerġgħu jibdew kompletament fl-2022, bil-biċċa l-kbira tal-laqqħat isiru bi preżenza fiżika għal darb'oħra wara l-pandemja, għalkemm għal raġunijiet pratti xi wħud saru f'format ibridu. Il-kuntatti personali bilaterali reġgħu saru parti essenzjali mil-laqqħat interparlamentari u, aktar minn qatt qabel, il-gwerra fl-Ukrajna għamlitna konxji ta' kemm huwa importanti r-rwl tal-Parlamenti fid-difiża tal-valuri komuni tagħna, id-demokrazija u l-istat tad-dritt bħala l-pedament tal-paċi u l-istabbiltà kemm fl-Ewropa kif ukoll fid-din ja kollha. Il-parlamenti sejkollhom ukoll rwol importanti fir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, kif ukoll fl-appoġġ ta' triqitha lejn is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Bħala Viċi Presidenti għar-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali, aħna impenjati bis-sħiħ biex niżviluppaw aktar djalogu interparlamentari fi żminijiet ta' sfida. Aħna konvinti li l-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE jibqgħu sħab ewlen fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa bħala post ta' paċi u prosperu għaċċi-ċittadini tagħha.

Othmar Karas

L-Ewwel Viċi President tal-PE

Dita Charanzová

Viċi President



L-IŻVILUPPI U S-SUĠĠETTI EWLENIN FL-AĠENDA INTERPARLAMENTARI FL-2022

Il-ħidma tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali fl-2022 twettqet taħt it-tmexxija politika u l-gwida ta' Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew, Othmar Karas, l-Ewwel Viċi President, flimkien mal-Viċi President Dita Charanzová, it-tnejn responsabbi għar-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali, u Antonio Tajani, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjoni (AFCO) u l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitat. Wara l-elezzjoni tiegħu bħala Membru tal-Parlament Taljan, u l-ħatra sussegwenti tiegħu bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin u Viċi Prim Ministru tal-Italja, Antonio Tajani ġie sostitwit mill-President il-ġdid tal-AFCO Salvatore de Meo fis-17 ta' Ottubru 2022.

Is-suġġetti rikorrenti ewlenin diskussi f'diversi laqgħat interparlamentari kienu jinkludu s-sigurtà u l-azzjoni esterna tal-UE b'reazzjoni għall-gwerra fl-Ukrajna, l-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19, l-istat tad-dritt fl-Istati Membri u n-NextGenerationEU tal-UE u l-pjanijiet ta' rkupru ekonomiku.

Il-gwerra fl-Ukrajna dehret b'mod prominenti fuq l-ajġendi tal-attivitàjet interparlamentari ewlenin fl-2022. Saru laqgħat straordinarji mal-Parlament tal-Ukrajna u mal-Gvern Ukrayna, u ġew inklużi punti spċifici dwar l-Ukrajna fl-ajġendi tal-laqgħat interparlamentari rilevanti kollha matul is-sena bħall-Konferenzi tal-Presidenti, il-Kooperazzjoni Interparlamentari (IPC) għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), il-COSAC, il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (JPSG) dwar il-Europol u IPCs oħra.



Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew fl-emiċiklu tal-PE fl-24 ta' Marzu 2022 turi solidarjetà mal-Ukrajna billi turi l-bandiera Ukrena u l-bandiera tal-UE.

© Unjoni Ewropea 2022 PE/Daina Le Lardic

Bħala l-ewwel sena parżjalment ta' wara l-COVID-19, l-2022 kienet mistennija li tkun politikament ta' sfida. L-irkupru ta' wara l-pandemija u l-kwistjoni ta' kif għandhom jiġu indirizzati l-konseġwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha, filwaqt li jinkiseb irkupru ekoloġiku, diġitali u sostenibbli, u l-iżgurar tal-iskrutinju parlamentari, kienu sfidi politiċi ewlenin fl-UE u fl-Istati Membri. Matul is-sena, il-Parlamenti skambjaw fehmiet, esperjenzi u l-aħjar prattiki ta' miżuri soċjali, ekonomiċi u tal-kura tas-saħħha wara l-COVID-19, kif ukoll dwar l-iżviluppi tal-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija li qed jiżdiedu, u l-konseġwenzi serji tagħhom kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi.

L-eżitu u l-Konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kienu wkoll suġġetti rikorrenti fuq l-ajġendi tal-laqgħat interparlamentari. Il-parlamenti nazzjonali kienu involuti bis-sħiħ fil-Konferenza u s-suġġett ġie diskuss b'mod intensiv fil-laqgħat interparlamentari.

Fl-2022, ħafna laqgħat interparlamentari, għalkemm mhux kollha, setgħu jerġgħu jsiru bil-preżenza fiżika, għall-ewwel darba mit-tifqigħha tal-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, il-pandemija aċċellerat l-użu ta' għodod diġitali, li naturalment se jibqgħu disponibbli u xorta waħda jistgħu jkunu

utli ħafna għall-organizzazzjoni ta' ċerti laqgħat f'formati ibridi jew mill-bogħod. B'mod ġenerali, ir-ritorn għal-laqgħat wiċċi imb wiċċi u bi preżenza fiżika intlaqa' tajeb ħafna u ta dinamika ġidha lill-aktivitajiet interparlamentari fl-2022.

Ir-ritorn għal-laqgħat mal-parteċipanti preżenti fiżikament ippermetta wkoll li terġa' tibda l-adozzjoni ta' testi politiċi, li normalment huma s-suġġett ta' negozjati intensi matul il-laqgħat. Fil-COSAC, ġew adottati konklużjonijiet bil-miktub. Il-Konferenza tal-Presidenti reġgħet saret bi preżenza fiżika, u "Konklużjonijiet tal-Presidenta" miktuba ġew adottati b'kunsens.

Il-Parlament Ewropew kompla jintensifika r-relazzjonijiet tiegħu mal-Parlamenti nazzjonali permezz ta' skambji formali u informali minn Othmar Karas, I-Ewwel Viċi President tiegħu responsabbi għar-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali u għall-COSAC. Iż-żjara ta' delegazzjoni tal-Presidenti tal-COSAC u tal-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew fl-Ukrain f'Settembru 2022, li wriet bil-qawwa l-appoġġ tagħhom għall-poplu Ukreñ, kienet possibbli bħala riżultat tat-tkomplja tal-kooperazzjoni interparlamentari u l-qawmien mill-ġdid tal-kuntatti personali.

Fl-2022 tnedew mill-ġdid ukoll żjarat bilaterali mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fil-binja tal-Parlament Ewropew b'29 delegazzjoni viżitatur.

Wara l-kiżi tas-saħħħa, l-intensità tal-iskambji ta' informazzjoni online u elettroniċi (bil-miktub) bejn il-Parlamenti, b'mod partikolari fil-qafas taċ-Ċentru Ewropew ta' Riċerka u d-Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD), baqgħet stabbli f'livell għoli. In-network tal-ECPRD seta' wkoll jerġa' jibda jiltaqa' bi preżenza fiżika. Mit-12-il laqgħa organizzati fl-2022 – erba' laqgħat statutorji u tmien webinars – tnejn saru bi preżenza fiżika, waħda kienet laqgħa ibrida u l-oħra jen saru mill-bogħod.

L-2022 immarkat l-ewwel sena sħiħa ta' attivitা għall-pjattaforma l-ġidida għall-Iskambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX v3), li issa tippermetti lill-Parlamenti jtellgħu tipi ġoddha ta' dokumenti, u mhux biss dawk marbuta mal-parametru tas-sussidjarjetà (opinjonijiet motivati jew kontributi fl-ambitu tad-djalogu politiku informali). In-network IPEX laħaq kompromess finali dwar ir-reviżjoni tal-Linji Gwida tal-IPEX, iffinalizza l-istudju ta' segwit u l-kwestjonarju għall-utenti u adotta l-Pakketti tal-Identità Viżwali.

Wara ż-żieda kbira fin-numru ta' osservazzjonijiet riċevuti skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati fl-2021, ladarba l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Parlamenti nazzjonali kienu adattaw għall-impatt tal-pandemja tal-COVID-19 u kien qed jaħdmu fil-kapaċită leġiżlattiva sħiħa tagħhom, kien hemm nuqqas komparativ fl-2022. Madankollu, il-Parlamenti nazzjonali xorta għamlu numru pjuttost kbir ta' kontributi taħt il-Protokoll Nru 2, b'mod partikolari bi tweġiba għan-numru ta' proposti leġiżlattivi prinċipalment dwar l-ambjent u fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarrijiet interni. L-istatistika tikkonferma li l-Parlamenti nazzjonali tal-UE għadhom jużaw il-Protokoll bħala mezz biex jesprimu l-fehm tagħhom dwar is-sustanza tal-proposti aktar ta' spiss milli dwar is-sussidjarjetà. Dan jista' jirrifletti x-xewqa tagħhom li jkunu involuti aktar mill-qrib fis-sustanza tal-proċess leġiżlattiv.

Tradizzjonalment, il-kooperazzjoni interparlamentari tikkonċentra fuq kwistjonijiet u diskussionijiet ta' natura politika u istituzzjonali. Is-Sistema ta' Twissija Preventiva, li tgħaqqu lill-parlamenti nazzjonali mal-proċess leġiżlattiv tal-UE permezz tal-analiżi tas-sussidjarjetà, qanqlet djalogu leġiżlattiv estensiv li jmur ferm lil hinn mis-sussidjarjetà.

Matul dawn l-aħħar snin, ingħataw l-attenzjoni wkoll l-iskrutinju u s-sorveljanza parlamentari tal-azzjoni u tal-aġenziji eżekuttivi Ewropej, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarrijiet interni. Il-kooperazzjoni parlamentari qiegħda tiżviluppa wkoll fil-qasam tal-politiki esterni tal-UE, l-aktar fil-qafas tal-PESK/PSDK, iżda wkoll fid-diplomazija parlamentari, fis-sostenn għad-demokrazija u fil-kooperazzjoni fi ħdan il-fora multilaterali u saħansitra globali, biex tippromwovi l-valuri u l-interessi Ewropej.

Fl-2022, fl-ambitu ta' diversi fora interparlamentari u diskussionijiet bilaterali, tqajmu dawn is-suġġetti rikorrenti li ġejjin:

i. Il-gwerra fl-Ukrajna – appoġġ lill-Parlament tal-Ukrajna u lill-poplu Ukren

Il-Federazzjoni Russa wettqet attakk militari u invażjoni illegali tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, li ħabtet mal-ewwel jum tal-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK li sar fis-Senat Franċiż. Il-koorganizzaturi reaġixxew malajr għal din is-sitwazzjoni internazzjonali, u b'hekk immodifikaw l-aġenda li kienet tfasslet minn qabel biex tiffoka fuq aspetti differenti tal-avvenimenti li kienu qed iseħħu fl-Ukrajna. L-organizzazzjoni ta' Sessjoni Speċjali dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, bil-kontribut tal-Ambaxxatur Ukren għal Franza, u l-adozzjoni ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ukrajna kienu żviluppi ewlenin f'din il-Konferenza Interparlamentari.

Sussegwentement, il-gwerra fl-Ukrajna okkupat post prominenti fuq l-aġendi tal-avvenimenti interparlamentari ewlenin kollha fl-ewwel nofs tal-2022.

Fuq l-inizjattiva tal-President tal-PE, Roberta Metsola, u ffit wara li bdiet l-aggressjoni Russa, il-Kelliema tal-Parlamenti nazzjonali kelhom laqgħa mill-bogħod online ma' Ruslan Stefanchuk, il-President tal-Parlament tal-Ukrajna fl-4 ta' Marzu 2022.



Roberta Metsola, President tal-PE, matul iż-żjara tagħha f'Marsilja, ipparteċipat fil-laqqha straordinarja online tal-Presidenti tal-Parlamenti nazzjonali Ewropej mal-President tal-Parlament tal-Ukrajna, Ruslan Stefanchuk, fl-4 ta' Marzu 2022
© Unjoni Ewropea 2022 PE/Daina Le Lardic

Fil-laqqha plenarja tal-COSAC mit-3 sal-5 ta' Marzu 2022 f'Pariġi, żdiedet sessjoni ta' dibattitu urġenti dwar l-Ukrajna mal-programm u ġiet adottata dikjarazzjoni tat-Trojka. Fil-livell ta' kumitat, fil-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM) bit-titolu "An ambitious future for Europe's women after COVID-19" (Futur ambizzjuż għan-nisa tal-Ewropa wara l-COVID-19), li saret online fil-PE fit-3 ta' Marzu 2022, il-parteċipanti esprimew is-solidarjetà tagħhom mal-poplu Ukren u Ivanna Klympush-Tsintsadze, il-President tal-Kumitat għall-Integrazzjoni tal-Ukrajna fl-Unjoni Ewropea tal-Parlament tal-Ukrajna, ipprovdex l-aħħar aħbarijiet dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

Il-Konferenza tal-Presidenti mit-28 sad-29 ta' Marzu 2022 fis-Slovenja semgħet indirizz speċjali minn Ruslan Stefanchuk, li kien konness permezz ta' vidjokonferenza minn Kiev. Fil- [Konklużjonijiet tal-Presidenta](#), il-Presidenti kkundannaw "bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-istat sovran tal-Ukrajna", u kkunsidrawha bħala attakk fuq l-ordni internazzjonali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET) iddedika Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat fis-27 ta' Ġunju 2022 għal "EU Enlargement Policy in the Aftermath of Russia's Invasion of Ukraine". (Il-Politika tat-Tkabbir tal-UE wara l-Invażjoni tal-



Ukrajna mir-Russia). Fit-12 ta' Lulju 2022 saret Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitat konġunta organizzata mill-FEMM, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċċali (EMPL) dwar "The rights of Ukrainian women fleeing the war" (Id-drittijiet tan-nisa Ukreni li qed jaħarbu mill-gwerra).

Ilvanna Klympush-Tsintsadze, il-President tal-Parlament tal-Kumitat għall-Integrazzjoni tal-Ukrajna fl-Unjoni Ewropea, ġiet mistiedna għal-laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC fi Praga fil-11 ta' Lulju. Hija esprimiet ir-ringrażżjament tagħha għall-appoġġ mogħti lill-Ukrajna kontra l-aggressjoni Russa u għad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jagħti lill-Ukrajna l-istatus ta' pajjiż kandidat tal-UE.

Barra minn hekk, hija stiednet lill-Presidenti tal-COSAC biex jagħmlu żjara ta' solidarjetà f'Kiev, li saret fit-30 ta' Settembru 2022, ma' Othmar Karas, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew, bħala Kap tad-Delegazzjoni. Il-parteċipanti adottaw [dikjarazzjoni konġunta għall-istampa](#) li ttenni l-appoġġ inekwivoku tagħhom għas-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonālment.



Othmar Karas, l-Ewwel Viċi President tal-PE waqt laqgħa ma' Yevhen Perebyin, il-Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna, fl-Ukrajna fit-30 ta' Settembru 2022 matul iż-żjara tal-Presidenti tal-COSAC f'Kiev.

Il-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK fi Praga mill-4 sal-5 ta' Settembru 2022 iddedikat sessjoni għall-“Ukraine: modes of political support and reconstruction”. (Ukrajna: modi ta' appoġġ politiku u rikostruzjoni). Id-[dikjarazzjoni konġunta mill-Kopresidenti](#) ffukat ukoll fuq il-gwerra fl-Ukrajna fost kwistjonijiet oħra.

Fil-laqqha informali tal-Presidenti Nisa tal-Parlamenti tal-UE fit-12 ta' Ottubru 2022, ġiet adottata dikjarazzjoni tal-Kopresidenti dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

Il-JPSG dwar I-Europol fil-qafas tal-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat tal-Kumitat LIBE fi Brussell kelli dibattitu tematiku dwar "Impact of the war in Ukraine on the area of security." (L-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fuq il-qasam tas-sigurtà) fil-25 ta' Ottubru 2022. Is-sessjoni IV tas-LXVI Laqqha Plenarja tal-COSAC fi Praga, mit-13-15 ta' Novembru 2022 kellha t-titlu ta' "Ukraine – state of play, reconstruction, migration" (L-Ukrajna – is-sitwazzjoni attwali, ir-rikostruzzjoni, il-migrazzjoni).

It-Tielet Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat Annwali dwar I-Attivitajiet tal-Eurojust saret fit-30 ta' Novembru 2022 fil-Parlament Ewropew. Id-diskussjoni ffukat fuq il-fatt li wara ċ-ċirkostanzi straordinarji marbuta mal-gwerra fl-Ukrajna, ir-Regolament dwar I-Eurojust kien ġie emendat malajr b'dispożizzjonijiet ġodda, li estendew il-mandat, li taw lill-aġenzija l-possibbiltà legali li tiġbor, tippreserva u tikkondividu evidenza dwar delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ġenoċidju. Fl-istess jum, it-30 ta' Novembru 2022, it-tieni Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat ġiet organizzata mill-Kumitat AFET fi Brussell bit-titolu "Europe in the world – Supporting Ukraine". (L-Ewropa fid-dinja – Appoġġ għall-Ukrajna).

ii. Ir-rispons tal-UE għall-pandemja u l-pjanijiet ta' rkupru wara l-COVID-19

Fl-2022, il-membri parlamentari tal-UE ddiskutew ir-rispons tal-UE dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemja tal-COVID-19. L-enfasi ewlenija tal-iskambji ta' fehmiet kienet fuq kif jista' jinkiseb irkupru sostenibbli u ekoloġiku. Din il-kwistjoni ddominat id-diskussionijiet fil-Ġimgħa Parlamentari Ewropea fi Brussell kif ukoll fit-18-il sessjoni tal-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fi Praga. L-iskambji ffokaw fuq l-impatt ta' strateġija ta' ħruġ definita mill-kriżi, il-ħolqien ta' riżorsi propri ġodda, it-tiġihi tar-reżiljenza u r-rispons ekonomiku tal-Ewropa bħala riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna u l-effett konsegwenzjali tagħha fuq l-ekonomiji tal-UE. Il-kost tal-indipendenza enerġētika, il-ħolqien tal-Fond Soċjali għall-Klima 2025-2032 u t-tħejjija għal kriżijiet futuri kienu wkoll fuq quddiem fl-aġenda.



Ġimgħa Parlamentari Ewropea- Governanza Ekonomika tal-UE minn Perspettiva Parlamentari, Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea, diskors ewleni minn Antonio Costa, il-Prim Ministro tal-Portugall fis-16 ta' Marzu 2022.

© Unjoni Ewropea 2022 PE/Alain Rolland

iii. It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-inflazzjoni u l-impatt tal-kunflitt fuq il-provvista tal-gass

Tilt-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali kienu priorità ewlenija tal-Presidenta Franċiża u kienu wieħed mis-suġġetti ewlenin tad-dibattiti fil-laqqha interparlamentari, mhux ingas matul il-Ġimgħa

Parlamentari Ewropea 2022. Peress li s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja ġew adottati u implitmentati bħala riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna, it-tnejjix fil-provvista tal-gass Russu ntuża bħala kontromiżura. L-UE kellha tadatta malajr u b'mod effiċċienti fl-2022 biex tiżgura l-provvisti tagħha minn sorsi u forniture alternattivi, kif ukoll biex tintroduċi miżuri biex tnaqqas il-konsum tal-gass sabiex tikseb l-indipendenza mill-fjuwils fossili Russi.

L-effett negattiv ewljeni fuq l-ekonomija tal-UE kien iż-żieda fl-inflazzjoni u l-prezzijiet tal-enerġija, li ġġeneraw biżże' ta' riċessjoni għall-ekonomija tal-UE. L-inizjattiva REPowerEU kienet reazzjoni biex jiġu indirizzati l-iż-żviluppi fis-swieq globali tal-enerġija u t-tfixxil tagħhom. Dan ġie diskuss fid-dettall kemm fil-Ġimgħa Parlamentari Ewropea 2022 kif ukoll fil-Konferenza Interparlamentari tal-Artikolu 13 fi Praga. L-objettiv ewljeni kien li r-REPowerEU tiġi inkorporata fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Din tfasslet b'tali mod li tgħin biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili permezz ta' riformi u investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika u l-ħolqien ta' sistema tal-enerġija aktar reżiljenti.

iv. L-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali fl-UE

Billi r-rispett għall-istat tad-dritt sar priorità trasversali fil-politiki kollha tal-UE, dan ġie rifless ukoll f'diversi dibattiti interparlamentari, filwaqt li tqies ir-rwol kruċjali tal-Parlamenti nazzjonali fil-ħarsien u fl-infurzar tal-valuri u tal-liġijiet tal-UE.

Il-laqqħat tal-Presidenti tal-COSAC poġġew ukoll dan is-suġġett fuq quddiem fl-aġenda. Fil-laqqha tagħhom fi Praga fl-10 u l-11 ta' Lulju 2022, it-tieni sessjoni kienet iddedikata għal "Media and Democracy: Current Challenges". (Midja u Demokrazija: Sfidi Attwali). Huma kellhom ukoll vidjokonferenza fis-27 ta' Ottubru 2022 dwar ir-rapport dwar l-İstat tad-Dritt u l-Att dwar il-Libertà tal-Midja ma' Věra Jourová, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza.



Il-President tal-Kumitat LIBE, Juan Fernando López Aguilar u Didier Reynders, il-Kummissarju għall-Ġustizzja waqt il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat LIBE dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE
© Unjoni Ewropea 2022 PE/Philippe Buisson

F'din il-perspettiva, fl-1 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew organizza t-tieni Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat annwali dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE. Il-laqqha, li ppermettiet skambju regolari bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew mill-2020, għandha l-għan li tippromwovi u tissalvagwardja l-valuri komuni tal-UE sabiex tkompli d-dibattitu dwar ir-rwol tal-UE, tal-İstati Membri u tal-Parlamenti nazzjonali f'dan ir-rigward.

v. Ir-rwol tal-UE fid-dinja

Billi l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, politiċi u ġeopolitiċi drammatiċi tal-gwerra fl-Ukrajna u l-pandemija komplew ikollhom impatt fuq aspetti ewlenin tal-PESK u l-PSDK tal-UE, il-kuntest tas-sigurtà tal-UE kompla wkoll jiddeterjora fl-2022 u kien wieħed mill-aktar suġġetti diskussi bil-ħerqa f'fora interparlamentari dwar il-kwistjonijiet ta' politika estera.

Fil-qafas tal-Konferenza Interparlamentari għalli-PESK/PSDK, l-iskambji ffukaw fuq l-lawtonomija strateġika tal-UE. Il-Membri saħqu fuq l-importanza fundamentali tar-reżiljenza interna tal-UE, tal-iżvilupp ta' sħubijiet ġodda u tat-tiċhi ġħal multilaterali tal-UE fid-dinja kollha. It-talba ewlenja tagħhom kienet li l-istruttura awtonoma tal-UE għall-provvista u d-difiża tal-enerġija titħaffef u tinbena mingħajr dewmien. Membri kienu favur li jiġu adottati u implimentati sanzjonijiet qawwija kontra r-Russja, b'mod partikolari sanzjonijiet immirati kontra l-mexxejja ewlenin tagħha.

Huma appellaw biex l-Istati Membri juru rieda politika ġenwina biex jagħmlu pressjoni fuq l-għanijiet tal-politika estera tal-UE u jiġiieldu kontra t-tentattivi ta' pajiżi mhux tal-UE li jaqsmu l-UE. Fil-biċċa l-kbira tal-laqqħat, il-Membri talbu lill-UE biex issaħħaħ ir-rwol tagħha fil-viċinat tagħha, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, billi tippromwovi pjan direzzjonali ċar biex il-pajiżi tal-Balkani tal-Punent jissiebħu fl-UE. Fl-2022, ir-rappreżentanti tal-Parlamenti tal-Ukrajna u tal-Moldova ġew mistiedna bħala osservaturi għal diversi laqqħat interparlamentari, bħala pajiżi li ngħataw l-istatus ta' kandidat tal-UE fit-23 ta' Ġunju 2022 mill-Kunsill Ewropew.

vi. II-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

Il-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali komplew jirriflettu dwar il-futur tal-Ewropa fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (CoFE), li kkonkludiet il-ħidma tagħha fl-2022. L-iżvilupp tas-“sens ta’ appartenenza għall-valuri Ewropej” bil-finalizzazzjoni tal-CoFE kien priorità importanti tal-Presidenza Franċiża, li ġie diskuss kemm fil-laqqħat tal-Presidenti tal-COSAC kif ukoll fil-laqqħat plenarji tal-COSAC f'Pariġi. Věra Jourová, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasprenza tkellmet ukoll fil-laqqħa plenarja tal-COSAC fl-14 ta’ Novembru 2022 fi Praga matul is-sessjoni dwar il-“Futur tal-UE”.



Diskors minn Guy Verhofstadt, il-Kopresident tal-PE tal-Bord Eżekuttiv tal-CoFE fil-Laqqha Interparlamentari tal-AFCO fis-26 ta’ Ottubru 2022 dwar “Conclusions of the Conference on the Future of Europe and the Role of National Parliaments in the EU” (Konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u r-Rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-UE

© EU 2022 PE/ Eric Vidal

Il-Kumitat AFCO kcellu l-ewwel Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat ddedikata speċifikament għall-CoFE dwar “First results of the Conference on the Future of the European Union” (L-ewwel riżultati tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Unjoni Ewropea) mill-bogħod fis-17 ta’ Mejju 2022 u t-tieni Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat tal-Kumitat AFCO dwar “Conclusions of the Conference on the Future of Europe and the role of national Parliaments” (Konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali) fis-26 ta’ Ottubru 2022. Fiż-żewġ Laqqħat Interparlamentari tal-Kumitat l-Membriddiskutew is-segwitu u l-implimentazzjoni tal-proposti tal-Konferenza. Matul il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat f'Ottubru, il-Membri tal-PE flimkien ma’

Membri mill-Parlamenti nazzjonali u t-tliet Kopresidenti tal-Bord Eżekuttiv tal-CoFE qablu dwar ir-rwol importanti tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE, kif ukoll dwar il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini permezz tal-involviment taċ-ċittadini fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE.

1. IKORPI INTERPARLAMENTARI ISTITUZZJONALI

1.1. Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet Ewropej (COSAC)



COSAC, jew il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet Ewropej, ġiet stabbilita f'Novembru 1989 f'Pariġi. L-uniċità tagħha tikkonsisti fil-fatt li hija l-uniku forum interparlamentari stabbilit fit-Trattati (Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea). Il-Parlament nazzjonali tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenta tal-Kunsill b'rotazzjoni jiżvolġi rwol ewljeni fid-definizzjoni tad-direzzjoni u tal-ħidma tal-COSAC. Trojka Presidenzjali, li l-Parlament Ewropew huwa membru permanenti tagħha, tappoġġjaha. Il-Presidenta toqgħod fuq l-appoġġ organizzattiv ta' segretarjat żgħir, ospitat mill-Parlament Ewropew u mmexxi minn uffiċjal issekondat minn parlament nazzjonali (“membru permanenti”). Ara www.ipex.eu.

1.1.1. Wara sentejn ta' laqgħat ta' vidjokonferenza organizzata kompletament mill-bogħod, [il-laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC](#) matul il-Presidenta Franciżza tal-Kunsill tal-UE saret fit-13 u l-14 ta' Jannar 2022 f'Pariġi, f'format ibridu. Il-format ibridu ntgħażel minħabba l-kriżi tas-saħħa kkawżata mill-pandemja tal-COVID-19, li kompliet fil-bidu tal-2022. Il-laqgħa ġiet ospitata mis-Senat Franċiżi fil-binja tiegħu. Il-laqgħa bdiet b'ġieħ l-l-President David Sassoli, li miet fil-11 ta' Jannar 2022, segwita minn indirizz minn Clément Beaune, is-Segretarju tal-Istat lill-Ministru għall-Ewropa u l-Affarijiet Barranin ta' Franzia, responsabbi għall-Affarijiet Ewropej. Huwa ffoka fuq il-prioritajiet tal-Presidenta Franciżza, bħat-tišeħiħ tas-sovranità tal-Ewropa; “il-mudell Ewropew ta’ tranżizzjoni klimatika, soċjali u diġitali” u tas-“sens ta’ appartenenza għall-valuri Ewropej” bil-finalizzazzjoni tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Christine Lagarde, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, ġiet mistiedna wkoll għal-laqgħa biex titkellem dwar “Twentieth anniversary of the euro: achievements and future of the euro” (L-Għoxrin anniversarju tal-euro: il-kisbiet u l-futur tal-euro). Fost affarrijiet oħra, hija ħabbret it-tnejja ta' fażi ta' ħidma bil-ħsieb li tintrodu i-l-euro diġitali fi żmien ġumes snin, b'reazzjoni għaż-żieda fid-dematerjalizzazzjoni tal-pagamenti u l-proliferazzjoni tal-criptovaluti.



Laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC, Pariġi, Franzia, 13-14 ta' Jannar 2022

© Presidenza Franciżza

Matul il-laqqha tal-Presidenti ta' Jannar 2022, il-Presidenza Franċiża pproponiet ukoll il-ħolqien ta' żewġ Gruppi ta' Ħidma bil-ħsieb li tingħata aktar viżibbiltà lill-ħidma tal-COSAC, li ġiet approvata b'kunsens. Filwaqt li ġie miftiehem li dawn il-Gruppi ta' Ħidma ma jinvolvu l-ebda obbligu għall-Presidenti Ċeċi jew Presidenzi oħra li ġejjin, kull Parlament nazzjonali u l-Parlament Ewropew ġew mistiedna jinnominaw sa' żewġ membri biex jirrappreżentaw f'kull Grupp ta' Ħidma fuq bażi volontarja. L-ewwel Grupp ta' Ħidma kien dwar "The role of national Parliaments in the EU" (Ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE) u t-tieni dwar "The place of European values at the heart of the feeling of belonging" (Il-post tal-valuri Ewropej fil-qalba tas-sentiment ta' appartenenza). Il-proċedimenti bdew fi Frar 2022 u ġew iffinalizzati f'Ġunju 2022. Huma adottaw kemm rapporti kif ukoll konklużjonijiet, li jiġbru fil-qosor l-iskambji li saru matul l-ewwel semestru tal-2022.

1.1.2. Is-[LXVII Laqqha Plenaria tal-COSAC f'Parij, Franza, 3-5 ta' Marzu 2022](#), saret fil-binja tal-Assemblée Nationale (Assemblea Nazzjonali Franċiża). Il-laqqha kienet skedata fi stadju relativament bikri fis-semestru tal-Presidenza Franċiża minħabba l-elezzjonijiet Presidenziali Franċiżi tal-10 u l-24 ta' April 2022. L-atmosfera u d-diskussionijiet kienu affettwati ħafna mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia, li kienet seħħet il-ġimxha ta' qabel. Ġie miżjud dibattitu urgħenti dwar l-Ukrajna mal-programm u ġiet adottata dikjarazzjoni tat-Trojka bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet l-oħra. Id-delegazzjonijiet parlamentari kollha kkundannaw l-aggressjoni Russa u esprimew is-solidarjetà tagħhom mal-awtoritajiet eletti demokratikament tal-Ukrajna u mal-poplu Ukreñ. Il-bqija tal-programm iffoka fuq il-valutazzjoni inizjali tal-Presidenza Franċiża, b'kontribut mill-Prim Ministru Jean Castex dwar il-pjan ta' rkupru għall-Ewropa u li ħiereġ mill-kriżi, dwar it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni tal-enerġija u dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Sessjoni qasira oħra tat-opportunità biex jiġi ppreżentat l-ewwel rapport ta' progress dwar l-eżiutu taż-żewġ Gruppi ta' Ħidma stabbiliti mill-Presidenti tal-COSAC.



Sessjoni tal-ftuħ tal-laqqha tal-Presidenti tal-COSAC fi Praga, iċ-Ċekja fis-Senat taċ-Ċekja fil-11 ta' Lulju 2022

© Presidenza Ċeka

1.1.3. Id-dimensjoni parlamentari tal-Presidenza Ċeka tal-Kunsill tal-UE bdiet bil-[laqqha tal-Presidenti tal-COSAC fi Praga, iċ-Ċekja, fil-11 ta' Lulju 2022](#), ospitata mis-Senat Ċek. Jan Lipavsky, il-Ministru Ċek għall-Affarijiet Barranin, ippreżenta l-prioritajiet tal-Presidenza Ċeka, taħt il-motto "Europe as a Task: Rethink, Rebuild, Repower", (l-Ewropa bħala missjoni) ispirat mill-eks President Václav Havel. Věra Jourová, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, introduċiet it-tieni sessjoni dwar "Media and Democracy: Current Challenges" (Il-Midja u d-Demokrazija: Sfidi Attwali) b'messaġġ bil-vidjo, filwaqt li l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew, Othmar Karas, għamel id-diskors ewljeni, flimkien ma' Michal Klíma, il-Kummissarju għall-Midja u l-Ğiedha Kontra d-Diżinformazzjoni tal-Gvern Ċek.



Kontribut ta' Ivanna Klympush-Tsintsadze, President tal-Parlament tal-Kumitat għall-Integrazzjoni tal-Ukrajna fl-Unjoni Ewropea, fil-laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC fil-11 ta'Lulju 2022 fi Praga, fis-Senat taċ-Ċekja

© Presidenza Ċeka

Ivanna Klympush-Tsintsadze, President tal-Parlament tal-Kumitat tal-Ukrajna għall-Integrazzjoni tal-Ukrajna fl-Unjoni Ewropea, u Adrian Băluțel, Membru tal-Kumitat Permanenti għall-Politika Estera u l-Integrazzjoni Ewropea tal-Parlament tal-Moldova, ġew mistiedna wkoll għal-laqgħa, għall-ewwel darba, bħala rappreżentanti tal-Parlamenti minn pajjiżi li ngħataw status ta' kandidat għall-UE mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022. Huma esprimew ir-ringrażżjament tagħhom għall-appoġġ mogħiġi lill-pajjiżi tagħhom kontra l-aggressjoni Russa u għad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jagħti lil kull wieħed minnhom l-i-status ta' pajjiż kandidat tal-UE. Barra minn hekk, Ivanna Klympush-Tsintsadze stiednet lill-Presidenti tal-COSAC biex jagħmlu żjara ta' solidarjetà f'Kiev fil-ġimġħat ta' wara.



Diskors ta' merħba fis-LXVII Lagħha Plenarja tal-COSAC minn Markéta Pekarová Adamová, il-President tal-Kamra tad-Deputati, il-Parlament taċ-Ċekja, fi Praga fl-14 ta' Novembru 2022

©Presidenza Ċeka



Ir-raba' sessjoni plenarja tas-LXVII Laqgħa Plenarja tal-COSAC dwar "Ukraine – state of play, reconstruction, migration"

(L-Ukrajna – is-sitwazzjoni attwali, ir-rikostruzzjoni, il-migrazzjoni) fil-15 ta' Novembru 2022

© Presidenza Ċeka

1.1.4. Is-[LXVII Laggħa Plenarja tal-COSAC fi Praga, mit-13 sal-15 ta' Novembru 2022](#) saret kompletament bi preżenza fiżika. Mikuláš Bek mill-Ministeru Ċek għall-Affarijiet Ewropej ippreżenta r-riżultati tal-Presidenza Ċeka tal-Kunsill tal-UE. Matul sessjoni dwar il-Futur tal-UE, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew, Othmar Karas, u l-Viċi President tal-Kummissjoni Věra Jourová t-tnejn enfasizzaw l-importanza ta' segwitu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-membri parlamentari kellhom ukoll l-opportunità li jiddiskutu l-awtonomija strateġika tal-UE, is-sitwazzjoni attwali fl-Ukrajna u l-perspettiva Ewropea għall-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. Il-Plenarja adottat ukoll Kontribut u Konklużjonijiet għall-ewwel darba mit-tifqigħha tal-pandemija.



Othmar Karas, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew u Ruslan Stefanchuk, President tal-Parlament tal-Ukrajna, matul laqgħa mal-Presidenti ta' diversi kumitati tal-Parlament tal-Ukrajna fit-30 ta' Settembru 2022.

© L-Unjoni Ewropea 2022 / PE Sergei Chuzavkov

Bħala sinjal importanti ta' appoġġ, il-Presidenti tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew għamlu żjara ta' solidarjetà fl-Ukrajna fit-30 ta' Settembru 2022. Il-parteċipanti adottaw dikjarazzjoni konġunta għall-istampa li ttenni l-appoġġ inekwivoku tagħhom għas-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Din kienet apprezzata īnfra min-naħħa Ukreña, peress li indikat b'mod ċar li l-COSAC kienet "determinata li tiddefendi l-libertà u d-demokrazija fl-Ewropa, skont l-iskop tal-kooperazzjoni interparlamentari".



Othmar Karas, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew u d-delegazzjoni tal-Presidenti tal-COSAC matul laqgħa ma' Vitali Klitschko, Sindku ta' Kiev, fuq il-lemin, fl-Ukrajna fit-30 ta' Settembru 2022.

© L-Unjoni Ewropea 2022 / PE Sergei Chuzavkov

Barra minn hekk, il-vidjokonferenzi informali tradizzjonal bejn id-delegati tal-COSAC u l-membri tal-Kummissjoni, li bdew matul il-pandemja, komplew fl-2022, u offrew "opportunità għal diskussionijiet f'waqthom u dettaljati dwar inizjattivi Ewropej konkreti u t-tiġi tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni interparlamentar". Ġie miftiehem li l-prattika tkompli, kif ikkonfermat mill-Konklużjonijiet adottati fis-LXVII Laqgħa Plenarja tal-COSAC.

Ara l-Anness l-għal-lista dettaljata tal-avvenimenti u l-laqgħat tal-COSAC.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Il-laqgħat tal-COSAC fl-2022 bdew f'format ibridu u rritornaw matul is-semestru tal-Presidenza Ċeka għall-format tradizzjonal tagħhom "kompletament bi preżenza fiżika".
- Testi politiċi, bħal Kontribut u Konklużjonijiet, ġew adottati għall-ewwel darba fi tliet snin mis-LXVII Laqgħa Plenarja tal-COSAC.
- L-ewwel żjara li qatt saret ta' grupp ta' Presidenti tal-COSAC u tal-Parlament Ewropew f'pajjiż mhux tal-UE, saret f'Kiev, fl-Ukrajna, f'Settembru 2022.
- Żewġ Gruppi ta' Ħidma tal-COSAC ġew stabbiliti matul l-ewwel semestru tal-2022 fuq l-inizjattiva tal-Presidenza Franċiża.
- L-iskambji tal-COSAC komplew jiżdiedu fl-2022: l-iskambji informali ta' fehmiet ma' kelliema ta' livell għoli (mill-Kummissjoni) komplew iseħħu u saru skambji addizzjonal fil-qafas taż-żewġ Gruppi ta' Ħidma tal-COSAC.
- Il-Parlament Ewropew żamm preżenza konsistenti u rilevanti fil-laqgħat tal-COSAC.

1.2. Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE (EUSC)

Il-Linji Gwida ta' Stokkolma għall-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE ġew adottati fl-2010. Dawn jipprevedu laqgħa annwali waħda tal-Presidenti, organizzata mill-Istat Membru li jkollu t-tieni Presidenza semestrali f'sena partikolari, b'tali mod li ssir matul il-Presidenza tar-rebbiegħha tas-sena ta' wara. Din il-Konferenza tadotta konklużjonijiet mhux vinkolanti tal-Presidenza. Hija fdata wkoll bil-kompli li tissorvelja l-koordinament tal-attività interparlamentari tal-UE.

L-ajenda tal-EUSC titħejja mil-Laqgħa tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti tal-UE. Ara www.ipex.eu



Ritratt tal-grupp tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE, is-Slovenja, 28-29 ta' Marzu 2022

© Presidenza Slovena/Nebojša Tejič/STA.

Wara l-kanċellazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-UE tal-2020 u konferenza mqassra ta' nafstanhar li saret mill-bogħod fl-2021, it-tnejn bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, l-2022 rat ritorn għan-normal b'Konferenza tal-Presidenti bi preżenza fiżika f'Brdo pri Kranju, is-Slovenja fit-28-29 ta' Marzu 2022.

Il-konferenza bdiet b'diskors ta' merħba minn Igor Zorčić, il-President tal-Assemblea Nazzjonali tas-Slovenja, u Alojz Kovšča, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja. Il-Parlament Ewropew kien rappreżentat mill-President Roberta Metsola, li għamlet diskors ewlioni fis-sessjoni tal-ftuħ, li kienet segwita b'diskors minn Borut Pahor, il-President tas-Slovenja.


Fid-diskors ewlioni tagħha, il-President Metsola kkonfermat l-appoġġ tal-Parlament Ewropew għall-Ukrajna kontra l-aggressjoni Russa, li ġie formalizzat f'rīżoluzzjoni u muri wkoll permezz ta' miżuri prattiċi ta' solidarjetà mal-Parlament Ukren, li żiedu l-kooperazzjoni li kienet bdiet fl-2014.



RRoberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew fil-Konferenza tal-Presidenti fis-Slovenja fid-29 ta' Marzu 2022.

© Presidenza Slovena/Matija Sušnik

Fost forom oħra ta' appoġġ, il-Parlament Ewropew ħoloq is-sit web "Stand with Ukraine", kemm bl-Ingliż kif ukoll bl-Ukren, b'aħbarijiet u podcasts kif ukoll leġiżlazzjoni u riżoluzzjonijiet, li jippermettu l-Parlament Ukren jikkondivid il-kontenut. Filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li tittieħed azzjoni deċiżiva sabiex jiġu ppreservati ċ-ċarezza u t-tama fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi fejn id-demokrazija parlamentari u l-istat tad-dritt għandhom jiġu prott. Il-President Metsola ħabbret ukoll ir-rieda tagħha li żżur Kiev biex turi il-livell ta' appoġġ tal-Parlament Ewropew għall-proċess demokratiku tal-Ukrajna. Iż-żjara tagħha saret ftit wara l-Konferenza tal-Presidenti, fl-1 ta' April 2022.



Bħala għodda ta' appoġġ, il-Parlament Ewropew waqqaf is-sit web "[Stand with Ukraine](#)".

© Presidenza Slovena/Nebojša Tejič/STA.

Wara s-sessjoni tal-ftuħ, il-Presidenti pproċedew għas-Sessjoni I dwar "The Role of Parliaments in Emergency Politics – Building Resilience for Democratic Governance" (Ir-Rwol tal-Parlamenti fil-Politika ta' Emerġenza – Nibnu r-Reżiljenza għall-Governanza Demokratika), li kkonċentrat fuq il-pandemija reċenti tal-COVID-19 u l-gwerra li ġhaddejja fl-Ukrajna. Il-kelliem ewlieni Meritxell Batet Lamaña, il-President tal-Kungress tad-Deputati ta' Spanja, esprima l-fehma li l-preżenza fiziċka tal-leġiżlaturi hija kritika biex jiġu kkoordinati perspettivi politiċi differenti, biex tkun tista' ssir sorveljanza tal-fergħa eżekuttiva u biex jintlaħaq kunsens. Roberto Fico, il-President tal-Kamra tad-Deputati tal-Italja, enfażizza l-kapaċità tal-Parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew biex jirrispondu b'mod adegwat f'emerġenzi għall-ġid taċ-ċittadini. Fl-aħħar nett, it-tielet kelliem ewlieni, Tomasz Grodzki, Marixxall tas-Senat tal-Polonja, enfażizza l-missjoni tal-Parlamenti li jiżguraw proċess leġiżlattiv xieraq u li jkunu l-gwardjani ta' valuri komuni kondiviżi bħall-istat tad-dritt u l-midja ħielsa. Id-dibattitu li jmiss enfażizza li r-rwol tal-Parlamenti bħala gwardjani li jagħtihom mandat biex juru r-reżiljenza u l-effettività f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħall-pandemja tal-COVID-19 jew il-gwerra fl-Ukrajna.



SDiskors minn Ruslan Stefanchuk, President tal-Parlament tal-Ukrajna permezz ta' vidjokonferenza fit-tieni sessjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE, is-Slovenja, 29 ta' Marzu 2022.

© SPresidenza Slovena/Matija Sušni

It-tieni dibattitu tal-Konferenza kien dwar "the European Union as the Guarantor of Stability, Security and Prosperity in the Region (and Beyond)" (I-Unjoni Ewropea bħala l-Garanti tal-Istabbiltà, is-Sigurtà u l-Prosperità fir-Reġjun (u lil hinn)). F'din is-sessjoni, il-Presidenti qasemu l-fehmiet tagħiġhom dwar l-istratgeġja ta' sigurtà li l-UE għandha tadotta, filwaqt li kkundannaw l-aggressjoni tar-Russja u esprimew appoġġ għall-Ukrajna. Wara diskors tal-ftuħ mill-kelliem mistieden Talat Xhaferi, President tas-Sobranie (Parlament) tal-Maċedonja ta' Fuq, il-Konferenza tal-Presidenti semgħet diskors speċjali minn Ruslan Stefanchuk, President tal-Parlament tal-Ukrajna, li kien konness b'vidjokonferenza minn Kiev. Filwaqt li ddeskriva l-aggressjoni Russa bħala gwerra kontra l-Ewropa u d-dinja demokratika, huwa ta' ġieħ lil dawk li tilfu ħajjithom u lill-44% tal-Ukrajni li kienu ġew spostati u mgħiegħla jħallu l-membri tal-familja warajhom. Huwa kkaratterizza l-ibbumbardjar ta' miri ċivilii, inklużi skejjel, bħala delitti tal-gwerra u ġenoċidju kontra n-nazzjon Ukreñ u appella għal sanżjonijiet aktar b'saħħiethom

u biex jiġi pprovdut materjal tal-gwerra.

Saru aktar diskorsi ewlenin minn Miloš Vystrčil, il-President tas-Senat taċ-Ċekja, Constantine An. Tassoulas, il-President tal-Parlament Elleniku tal-Greċċa u Wolfgang Sobotka, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Awstrijja. Fid-dibattitu sussegwenti, il-Presidenti mhux biss ikkundannaw il-ksur min-naħħa tar-Russja tal-liġi internazzjonali tal-kunflitt armat, il-prevenzjoni tagħha tat-twassil tal-għajnejha umanitarja u l-ksur tagħha tal-waqfien mill-ġlied miftiehem, iżda esprimew ukoll il-kondoljanzi lill-poplu Ukreñ, kemm lill-vittmi ċivili kif ukoll militari tal-aggressjoni. Dwar il-kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel, Politika Ewropea tal-Viċinat b'saħħiha fil-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE tqieset bħala kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-governanza, tas-sigurtà, ekonomiċi, soċjali u ambjentali fil-Mediterran, inkluż fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani. Inħarġet sejħa għal azzjoni aktar ambizzjuża tal-UE, kemm fil-Lvant kif ukoll fin-Nofsinhar tal-fruntieri tagħha, sabiex jiġu ggarantiti s-sigurtà, l-istabbiltà u l-paċi fil-kontinent Ewropew.

Il-fatt li I-Konferenza tal-Presidenti fl-2021 kienet saret mill-bogħod ma ppermettiex l-adozzjoni ta' konklużjonijiet, għalhekk il-Konferenza tal-2022 kienet l-ewwel waħda mill-2019 li adottat test.

Fil-Konklużjonijiet tal-Presidenza, li ġew adottati b'kunsens ġenerali, il-Presidenti ikkundannaw "in the strongest possible terms Russia's military aggression against the sovereign state of Ukraine" (bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-istat sovran tal-Ukrajna), u kkunsidrawha bħala attakk fuq l-ordni internazzjonali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Huma appellaw biex l-Ewropa ssaħħaħ ir-rwl tagħha fil-viċinat tagħha, b'mod partikolari l-Balkani tal-Punent, filwaqt li jippromwovu pjan direzzjonali ċar biex il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jissiebħu fl-UE u jappellaw għal kooperazzjoni mtejba bejn l-UE u t-Turkija.

Il-konklużjonijiet irreferew ukoll għall-importanza tal-Parlamenti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħall-pandemja tal-COVID-19, meta miżuri straordinarji b'mod partikolari jeħtieġu sorveljanza demokratika. Il-Presidenti laqgħu l-ammont kbir ta' impenn u innovazzjoni muri mill-Parlamenti fl-adattament tal-ħidma tagħhom għaċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali tal-pandemja. Fl-aħħar nett, il-Presidenti adottaw xi paragrafi dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX), inkluż li jħeġġu lill-Parlamenti jtellgħu t-testi tar-riżoluzzjonijiet tagħhom dwar l-Ukrajna.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Il-Konferenza tal-Presidenti saret bi preżenza fiżika għall-ewwel darba mill-2019 (il-Konferenza tal-2020 ġiet ikkanċellata u I-Konferenza tal-2021 saret mill-bogħod).
- Ġew adottati konklużjonijiet sħaħi għall-ewwel darba mill-2019 (il-Konferenza fl-2020 adottat il-"Konklużjonijiet tal-Presidenza", peress li l-format mill-bogħod ma kienx jippermetti n-negozjar ta' test).
- Il-Konferenza eżaminat fil-fond il-kunflitt li għaddej fl-Ukrajna, bil-parteċipazzjoni mill-bogħod ta' Ruslan Stefanchuck, il-President tal-Parlament tal-Ukrajna.

2. KONFERENZI INTERPARLAMENTARI

2.1. Ġimġha Parlamentari Ewropea, Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE u Konferenza dwar is-Semestru Ewropew (IPC SECG)

Il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE (stabibilità f'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja [il-Patt Fiskali]) tiprovođi qafas għal dibattitu u skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti u għal kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew.

Il-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew tirrapreżenta opportunità għal skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni taċ-ċikli tas-Semestru Ewropew u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bil-ħsieb li jsir eżerċizzju ta' skrutinu fuq l-azzjonijiet tal-eżekuttiv fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew.

Iż-żewġ konferensi jiffurmaw il-Ġimġha Parlamentari Ewropea, li tlaqqa' flimkien membri parlamentari tal-UE kollha biex jiddiskutu dwar kwistjonijiet ekonomiċi, baġitarji u soċjali. Iż-żewġ konferensi saru appuntamenti fissi fil-kalendariju tal-attività interparlamentari u huma fora konsolidati għad-dibattitu interparlamentari f'dawn l-oqsma politiċi importanti.



[Ġimġha Parlamentari Ewropea poster,](#)

© UE, PE

Il-Parlament Ewropew, flimkien mal-Parlament Franċiż, organizza għat-tien sena konsekuttiva [Ġimġha Parlamentari Ewropea 2022](#). Minħabba l-kriżi tal-COVID-19, il-laqqha saret mill-bogħod permezz ta' vidjokonferenza mill-binja tal-Parlament Ewropew fi Brussell fil-15 u s-16 ta' Marzu 2022.

Kienet il-11-il okkażjoni li fiha qjet organizzata l-Ġimġha Parlamentari Ewropea u attendew madwar 90 membru parlamentari mill-24 Stat Membru tal-UE u żewġ pajjiżi kandidati u osservaturi biex jiddiskutu kwistjonijiet ekonomiċi, baġitarji, ambientali u soċjali. Aktar minn 60 Membru rrappreżentaw lill-Parlament Ewropew. In-numru kbir ta' parteċipanti huwa xhieda tas-suċċess, ir-rilevanza u l-ħtieġa għal skambju parlamentari dwar is-suġġetti proposti fiż-żminijiet diffiċli tal-lum.

Il-programm kien jinkludi indirizzi ewlenin minn Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew, Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u Antonio Costa, il-Prim Ministr tal-Portugall. Id-dibattiti ta' din is-sena kienu ddominati mill-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-ekonomiji tal-UE, l-irkupru u l-passi li jmiss.



Ĝimxha Parlamentari Ewropea – Governanza Ekonomika tal-UE minn Perspettiva Parlamentari, Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea, 15-16 ta' Marzu 2022
© Unjoni Ewropea 2022 PE/Alain Rolland


L-ewwel sessjoni plenarja kienet iddedikata **għar-riżorsi proprii tal-UE**. Matul id-dibattitu, il-Membri mill-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew enfasizzaw li l-introduzzjoni tal-pjan ta' rkupru “[NextGenerationEU](#)” tirrappreżenta punt ta’ bidla deċiżiva. Fil-kontribuzzjonijiet għad-dibattitu, il-parteċipanti enfasizzaw li l-pakkett ta’ appoġġi enormi għall-Istati Membri, iffinanzjat principally permezz ta’ self fis-swieq finanzjarji u li eventwalment għandu jiġi rimborżat, ħoloq impetu għall-ħolqien ta’ sorsi ġodda ta’ dħul għall-UE. Għalhekk huma indikaw li n-nuqqas ta’ riżorsi proprii ġodda mill-2027 ‘il quddiem jimplika tnaqqis fil-baġit b’medja ta’ EUR 15-il biljun fis-sena biex jitħallas lura d-dejn akkumulat mill-pjan ta’ rkupru. Il-konklużjonijiet ewlenin li ħarġu kienu li dan ma jkunx aċċettabbli u jkun kontra l-interessi tal-ċċenerazzjonijiet futuri



Il-motto ta’ [NextGenerationEU](#), l-strument ta’ rkupru temporanju ta’ EUR 800 biljun tal-UE biex jappoġġja l-irkupru ekonomiku mill-pandemija tal-coronavirus u jibni futur aktar ekoloġiku, aktar digżitali u aktar reżiljenti.

It-tieni sessjoni plenarja kienet iddedikata **għar-riforma tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir**. Il-Membri tal-PE u l-Membri Parlamentari nazzjonali ddiskutew ir-rieżami li jmiss tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir u semgħu r-rimarki introduttoriji mill-Kummissarji Ewropej responsabbi, Valdis Dombrovskis (Kummerċ) u Paolo Gentiloni (Ekonomija). L-iskambju ta’ fehmiet bejn il-membri parlamentari Ewropej u l-membri parlamentari nazzjonali għal darb oħra afferma mill-ġdid li l-invażjoni Russa tal-Ukrajna għamlitha saħansitra aktar importanti għall-pajjiżi tal-UE li jaġixxu b'mod koordinat meta jiffaċċjaw iċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu li huma mistennija fil-futur. Il-Membri nnotaw li fir-rieżami tal-patt, aspett importanti jkun li jinstab bilanċ bejn l-adozzjoni ta’ regoli li jwasslu għal baġits stabbli u fl-istess ħin jippermettu t-tranżizzjonijiet meħtieġa. Matul is-sessjoni, ġie enfasizzat li r-rieżami tal-qafas leġiż-lattiv makroekonomiku għandu jibni fuq it-tagħlimiet meħuda min-NextGenerationEU u li d-diż-żiavva liberatorja ġenerali għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid bir-reqqa,

peress li programmi ġodda ta' investiment, bħall-Pjan REPowerEU, huma ppjanati permezz ta' żieda mal-programmi ta' investiment digħi miftiehma.



L-objettivi ewlenin ta' [REPowerEU](#), pjan biex titnaqqas malajr id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi sal-2027 u biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika.

It-tielet sessjoni plenarja “**High-Level Conference on the Recovery and Resilience Facility: Lessons for the future**” (**Konferenzata’ Livell Għolidwar il-Faċilità għall-Irkupru ur-Reżiljenza: Lezzjonijiet għall-futur**) saret fit-tieni jum. Il-Kopresidenti mill-PE u mill-Parlament Franċiż it-tnejn iddikjaraw li l-kriżi tal-Ukrajna kienet aggravat il-perspettiva ekonomika u soċjali tal-UE u introduċiet bosta sfidi ġodda, inklużi l-inflazzjoni u l-ktajjen tal-provvista distorti. Huma tennew il-ħtieġa ta' użu effiċċienti u kkoordinat tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, peress li dan kien rispons koordinat, rapidu u kuraġġuż għall-kriżi u kien irriżulta f'irkupru ekonomiku tal-UE u rata baxxa ta' qgħad. Il-membri tal-gruppi ta’ esperti esprimew il-fehma li l-invażjoni Russa, flimkien maż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-ktajjen tal-provvista distorti, kienu jeħtieġu li jittieħdu d-deċiżjonijiet it-tajba fil-futur. Id-diskussioni indikat li kellu jiġi żgurat li t-tnaqqis tad-defiċits u d-djun isir b'mod politikament u soċjalment sostenibbli.



Il-banner tal-[Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza \(RRF\)](#), li hija l-instrument ewljeni fil-qalba tan-NextGenerationEU biex tgħin lill-UE toħroġ aktar b'saħħithha u aktar reżiljenti mill-kriżi attwali

Matul l-iskambji li ġejjin ma' Membri tal-Parlamenti nazzjonali u mal-Parlament Ewropew, kif ukoll ma' membri tal-gruppi ta’ esperti mis-settur privat li jirrapreżentaw kumpaniji tal-enerġija u istituzzjonijiet fiskali indipendent, ġie enfassizzat li l-flus kollha minn din l-għoddha rivoluzzjonarja jintefqu tajjeb. Huma ssottolinjaw kemm kien importanti li jkun hemm ekonomija b'saħħithha u reżiljenti, li tista' tgħin biex jiġu minimizzati l-konseguenze ekonomiċi tal-gwerra fl-Ukrajna. Ġie enfassizzat li fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ingħatat prominenza lil proġetti dwar is-sigurtà tal-enerġija u t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika, kif ukoll l-importanza tal-awtonomija strateġika tal-UE.

Kif inhu drawwa fit-tieni nofs tas-sena, fl-10 u l-11 ta' Ottubru 2022 fi Praga, il-belt kapitali tal-Presidenza tal-Kunsill saret it-[18-il sessjoni tal-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE](#). Din kienet l-ewwel konferenza f'dan il-format mit-tifqigħa tal-COVID-19 bi preżenza fiżika. Matul il-konferenza, Membri mill-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, flimkien ma' rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Presidenza, iddiskutew kwistjonijiet finanzjarji u ekonomiċi attwali fid-dawl tal-gwerra fl-Ukrajna u l-effett konsegwenzjali tagħha fuq l-ekonomiji Ewropej.



Kummenti tal-ftuħ minn Markéta Pekarová Adamová, il-President tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament taċ-Ċekja fit-[18-il Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE](#) fl-10 ta' Ottubru 2022 fi Praga

© Il-Presidenza Ċeka

L-ewwel sessjoni kopriet **I-istat attwali ta' implementazzjoni u l-isfidi l-ġodda tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**. Il-parċeċċanti enfasizzaw li t-triq lejn l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 kienet għiet affettwata mill-kunflitt fl-Ukrajna. Il-Membri qajmu l-kwistjoni tal-effetti tal-gwerra mhux ġustifikata fil-fruntieri tal-UE, li kienet aggravat l-effett negattiv fuq l-ekonomija tal-UE, li kienet qed tiffaċċja żieda fl-inflazzjoni u fil-prezzijiet tal-enerġija. Matul is-sessjoni, l-inizjattiva REPowerEU għiet diskussa bħala rispons mill-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza l-iż-żviluppi fis-swieq globali tal-enerġija u t-tfixxil tagħhom. Ġie nnutat li l-linkorporazzjoni tar-REPowerEU fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħti inċentiv saħansitra akbar lill-Istati Membri tal-UE; barra minn hekk, id-disinn tagħha jista' jgħin biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili permezz ta' riformi u investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika u l-ħolqien ta' sistema tal-enerġija aktar reżiljenti. Ġie enfasizzat li ż-żieda ta' EUR 20 biljun f'għotjiet lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tippermetti lill-Istati Membri tal-UE jiksbu dawn l-għanijiet ġodda u jħaffu t-trasformazzjoni tagħhom għal enerġiji nodfa. Dan se jsir billi jiġu aġġornati I-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom bil-kapitoli l-ġodda tar-REPowerEU. L-akbar tħassib espress mill-Membri kien l-inflazzjoni dejjem tikber u l-biża' ta' reċessjoni tal-ekonomija tal-UE minħabba l-kriżi tal-enerġija. Xi punti mqajma matul l-iskambju ta' fehmiet kienu l-problema tal-infrastruttura dgħajfa tal-enerġija u n-nuqqas ta' speċjalisti mħarrġa fil-qasam tal-enerġija. Il-Membri indikaw ukoll li għandha ssir enfasi akbar fuq il-finalizzazzjoni tar-riżorsi propri l-ġodda li jgħinu biex jitħallas lura d-dejn akkumulat taħt in-NextGenerationEU.

It-tieni sessjoni indirizzat **I-ispejjeż tal-indipendenza enerġetika u l-finanzjament tal-miżuri tal-enerġija u l-klima**. Il-membri kollha tal-gruppi ta' esperti enfasizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Matul id-diskussjoni ġie indikat li l-prezzijiet tal-enerġija kienu bdew jiżdiedu bi ftit fl-ewwel kwart tal-2021, u żdiedu b'pass aktar mgħaqgħel fit-tieni nofs tas-sena. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija kienet prinċipalment xprunata mill-kriżi tal-COVID-19 u żieda fil-konsum assoċjata mal-irkupru ekonomiku. Huma ssottolinjaw li wara li faqqgħet il-gwerra fl-Ukrajna, l-inċertezza dwar il-provvisti tal-gass u taż-żejt kompliet tkabbar iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Matul is-sessjoni, ġew diskussi l-vantaġġi tal-[Fond Soċjali għall-Klima 2025-2032](#), b'mod partikolari l-fatt li l-istabbiliment tal-Fond jgħin biex jittaffew il-bidliet, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u l-industriji l-aktar vulnerabbli. Ġie enfasizzat li l-Fond għandu jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprii tal-Unjoni u, mill-2026 'il quddiem, minn dħul mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet mis-setturi tal-bini u tat-transport bit-triq (25% tad-dħul mistenni). Ħafna kontributuri għad-dibattitu appoġġjaw ix-xiri konġunt tal-enerġija propost mill-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE. Ġie enfasizzat ukoll li diversifikazzjoni aktar rapida tar-riżorsi u l-provvisti, u r-ritorn u l-użu akbar tal-enerġija nukleari jista' jkollhom impatt kbir fuq ir-riżoluzzjoni tal-kriżi tal-enerġija li l-UE qed tiġġieled bħalissa.



Spjegazzjoni tal-[Fond Soċjali għall-Klima 2025-2032](#), li se jipprovi finanzjament lill-Istati Membri sabiex jiġu appoġġjati l-unitajiet domestiċi, l-utenti tat-transport u l-mikrointrapriżi l-aktar vulnerabbi li jiffacċċjaw l-ispejjeż ogħla tal-enerġija u tat-transport li mistennija jirriżultaw mill-estensjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) għal żewġ setturi ġodda, jiġifieri dawk tal-bini u tat-transport bit-triq.

It-tielet sessjoni ttrattat **it-tiġihi tar-reżiljenza ekonomika tal-Europa u t-tħejjija tagħha għal kriżijiet futuri**. Il-kelliema indikaw li l-Europa kienet bilkemm irkuprat ekonomikament mill-effetti tal-kriżi finanzjarja u tad-dejn, meta ntaqqa mill-kriżi tal-coronavirus fl-2019. L-irkupru ekonomiku ta' wara l-pandemja ġab miegħu l-iżvantaġġ tal-prezzijiet li qed jogħlew. Il-Membri ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-pressjonijiet negattivi assċċati mal-irkupru ekonomiku kien mistennija jonqsu fl-2021. Madankollu, l-iżvilupp pożittiv kien twaqqaq mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Il-parċeċċanti qajmu l-kwistjoni li l-gwerra fl-Ukrajna kienet qed tintensifika l-effetti negattivi eżistenti fuq l-ekonomija u tnaqqas ir-ritmu tat-tkabbir tal-PDG. L-inflazzjoni u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija kien l-akbar sfidi li l-UE kienet qed tiffaċċja llum. Skont il-parċeċċanti, l-inċerterza kienet qed iżżomm lura l-investiment u r-reżiljenza tkun is-soluzzjoni kontra l-kriżi li jmiss. Il-konklużjonijiet ewlenin kien li l-UE kellha bżonn taġixxi b'solidarjetà u tibni futur solidu tal-UE bl-istumenti kollha, dawk klassiċi kif ukoll dawk temporanji (QFP, Faċilità għall-İrkupru u r-Reżiljenza, Fondi Strutturali, REPowerEU, Fond Soċjali għall-Klima, eċċ.). Min-naħħa l-oħra, l-UE kellha tuża l-potenzjal tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), li jipprovi finanzjament għal projekti biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE. Flimkien mal-Fond Ewropew tal-Investiment, li l-BEI huwa azzjonist maġġoritarju tiegħi, kien wieħed mill-pilastri ewlenin għall-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti. Matul id-dibattitu, ġie enfasizzat li minbarra l-finanzjament tal-innovazzjoni, l-infrastruttura jew l-SMEs, il-BEI kien ukoll minn ta' quddiem fil-finanzjament ekoloġiku.

Dawn id-diskussionijiet kellhom jitkomplew fil-Ġimgħa Parlamentari Ewropea li jmiss skedata li ssir fi Brussell fis-27-28 ta' Frar 2023.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- L-iskambji fiziż-żewġ laqgħat iffukaw fuq l-impatt tal-istrateġija ta' ħruġ mill-kriżi, il-ħolqien ta' riżorsi proprji ġodda, it-tiġihi tar-reżiljenza u r-rispons ekonomiku tal-Europa bħala riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna u l-effett konsegwenzjali tagħha fuq l-ekonomiji tal-UE.
- Ir-rilevanza tas-suġġetti ppermettiet lill-kelliema ewlenin ta' livell għoli u lill-membri parlamentari biex jiddibattu s-soluzzjonijiet possibbi għas-sitwazzjoni kkumplikata attwali li l-UE qed tiffaċċja internament (inflazzjoni għolja, prezzi jidher għolja tal-enerġija) u esternament (gwerra fl-Ukrajna).
- It-18-il sessjoni tal-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fi Praga kienet l-ewwel laqgħa bi preżenza fiżika minn mindu faqqgħet il-COVID-19. Il-Membri nazzjonali u Ewropej laqgħu b'sodisfazzjon il-format "lura għan-normal".

2.2. Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)

Il-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), li ġiet stabbilita b'deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE fl-2012, hija l-pjattaforma interparlamentari għad-dibattitu dwar il-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE. Il-konferenza, li tīġi organizzata darbejn fis-sena mill-Parlament tal-Istat Membru tal-UE li jikkollu l-Prezidenta tal-Kunsill b'rotazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, jattendu għaliha b'mod regolari parlamentari mill-UE kollha. Barra minn hekk, il-Kumitat AFET tal-Parlament Ewropew ta' spiss jistieden lill-Parlamenti nazzjonali għal-laqgħat tiegħu fi Brussell, li jikkomplementaw id-djalogu interparlamentari f'dan il-qasam politiku essenzjali.



Conférence interparlementaire pour la politique étrangère et de sécurité commune (PESK) et
la politique de sécurité et de défense commune (PSDK)
Sénat - Palais du Luxembourg
24 et 25 février 2022

Ritratt tal-grupp tal-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, 24-25 ta' Frar 2022, Pariġi

© Parlament Ewropew

Fl-2022, l-20 sessjoni tal-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK saret f'Pariġi (24-25 ta' Frar) u l-21 sessjoni fi Praga (4-5 ta' Settembru), it-tnejn bi preżenza fiżika. Wara sentejn ta' laqgħat mill-bogħod, id-delegazzjonijiet tal-PE għaż-żeġw laqgħat kienu magħmula minn Membri tal-Kumitat għall-Affarijet Barranin u s-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tiegħu, u kienu ppreseduti minn David McAllister, il-President tal-Kumitat għall-Affarijet Barranin.

2.2.1. L-[20 sessjoni tal-Konferenza Interparlamentari tal-PESK/PSDK f'Pariġi fl-24-25 ta' Frar 2022](#) saret fis-Senat Franċiż u adottat, b'kunsens, "Dikjarazzjoni" dwar l-Ukrajna. L-aġenda tal-Konferenza Interparlamentari nbidlet fl-aħħar minuta fl-ewwel jum tal-Konferenza Interparlamentari, peress li l-Federazzjoni Russa kienet wettqet attakk militari u invażjoni illegali tal-Ukrajna f'dak il-jum stess.

Il-konferenza kienet maqsuma fi tliet sessionijiet, li kollha jittrattaw aspetti differenti tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna: "Special session on the situation in Ukraine" (Sessjoni speċjali dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna), "The European Union's response to the crisis in Ukraine" (Ir-rispons tal-Unjoni Ewropea għall-kriżi fl-Ukrajna) u "The European Union's action in support of Ukraine's sovereignty and territorial integrity". (L-azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għas-Sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna). L-organizzazzjoni ta' Sessjoni Speċjali dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, bil-kontribut tal-Ambaxxatur Ukren għal Franza kienet żvilupp ewljeni f'din il-Konferenza Interparlamentari. Id-dikjarazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' Sviatlana Tsikhanouskaya, il-mexxejja tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja u r-rebbieħa tal-Premju Sakharov fl-2020, fit-tielet sessjoni kienu ta' kontribut importanti għall-

Konferenza Interparlamentari.

144 membru parlamentari mis-27 Parlament nazzjonali tal-UE attendew il-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK f'Pariġi, flimkien ma' delegazzjoni tal-PE ta' 15-il Membru tal-PE, kif ukoll Membri ta' żewġ Parlamenti tal-pajjiżi kandidati tal-UE (il-Montenegro u s-Serbja) u erba' Parlamenti tal-pajjiżi membri tan-NATO (l-Iżlanda, in-Norveġja, ir-Renju Unit u t-Turkija).



Kummenti tal-ftuħ minn David Mc Allister, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament Ewropew fil-Konferenza Interparlamentari tal-PESK/PSDK fis-Senat Français fil-25 ta' Frar 2022 f'Pariġi

© UE 2022 PE/Jesús Gomez

Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Konferenza Interparlamentari, ġiet adottata [Dikjarazzjoni](#) konċunta b'kunsens, mingħajr emendi, dwar il-gwerra fuq l-Ukrain, għalhekk la ġew adottati konklużjonijiet u lanqas dikjarazzjoni tal-kopresidenti. [Minuti tad-dibattiti dettaljati](#) huma disponibbli online.

Id-dibattiti intensivi taw l-opportunità lill-Membri Parlamentari u lill-Membri tal-PE biex jitkellmu u jikkundannaw l-attakk militari tar-Russia fuq l-Ukrain; huma appellaw lill-forzi Russi biex iwaqqfu l-attivitàtajiet militari tagħhom, jadottaw waqfien mill-ġlied u biex ir-Russia tirtira l-forzi tagħha. Il-Presidenti esprimew ukoll is-solidarjetà tagħhom mal-poplu Ukreu u appellaw biex l-UE u l-gvernijiet tagħhom stess jappoġġjawhom.

Il-konklużjonijiet ewlenin li ħarġu kienu li dan kien jirrappreżenta mument storiku fl-Ewropa, li kien jeħtieġ azzjonijiet immedjati u b'saħħithom; li kien meħtieġ biex jiġu mmodifikati l-istrutturi tad-difiża tal-UE u jiżdiedu l-baġits għad-difiża biex ikunu aktar ippreparati għal dawn l-isfidi. Ġie enfasizzat li l-awtonomija strateġika tal-UE u l-istruttura awtonoma tal-UE għall-provvista u d-difiża tal-enerġija għandhom jitħaffu u jinbwex mingħajr dewmien. Intalbu sanzjonijiet qawwija kontra r-Russia, partikolarmen dawk immirati kontra l-mexxejja ewlenin tagħha, inkluż it-tkeċċija tar-Russia mis-sistema bankarja SWIFT u l-għeluq tan-negożjati dwar il-pipeline tal-gass Nord Stream. Kienet mitluba wkoll l-impożizzjoni ta' projbizzjoni ġenerali tal-UE fuq l-interessi finanzjarji u ekonomiċi Russi.



Ritratt tal-grupp tal-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, 4-5 ta' Settembru 2022, Praga

©Presidenza Čekay

2.2.2. Il-21 sessjoni tal-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK saret fl-4-5 ta' Settembru 2022 fiċ-Ċentru tal-Kungress ta' Praga. Attendew għall-konferenza rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-Parlament Ewropew, kif ukoll rappreżentanti tal-Parlamenti tal-pajjiżi kandidati (l-Albanija, il-Montenegro, it-Turkija, l-Ukrajna) u rappreżentanti tal-Parlamenti tal-Iż-żlanda, il-Kosovo¹, in-Norveġja u r-Renju Unit bħala mistednin. B'kollox attendew 135 membru parlamentari minn 35 delegazzjoni, inklużi 11-il Membru tal-PE.

Għalkemm il-format kien kemxejn iqsar minn Konferenzi Interparlamentari preċedenti, huwa inkluda b-suċċess il-kwistjonijiet rilevanti u ta' attwalitā kollha b'erba' sessionijiet li jdumu 90 minuta kull wieħed dwar:

1. Prijoritajiet tal-PESK/PSDK, b'enfasi speċjali fuq il-Boxxla Strateġika tal-UE;
2. L-Ukrajna: mudelli ta' appoġġ politiku u rikostruzzjoni;
3. Il-politika tat-tkabbir tal-UE fid-dawl tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna – il-Balkani tal-Punent u s-Şhubja tal-Lvant: appoġġ aċċelerat ta' qabel l-adeżżoni tal-UE;
4. Id-diżinformazjoni u t-theddid ibridu, iċ-ċiberdifiża.

Il-Konferenza Interparlamentari adottat ukoll dikjarazzjoni konġunta mill-Kopresidenti li tiffoka fuq il-gwerra fl-Ukrajna, it-tkabbir tal-UE u t-tisħiħ tal-politika ta' difiża tal-UE.



David McAllister, Chair of the Committee on Foreign Affairs of the European Parliament moderating the first session on 'CFSP/CSDP priorities and current issues, with special emphasis on the EU's Strategic Compass' on 5 September 2022 in Prague.

© Presidenza Čekay

The first session, a discussion with Josep Borrell, Vice-President of the Commission / High L-ewwel

¹ Dan l-isem huwa mingħajr preġjudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-status, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/1999 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

sessjoni, diskussjoni ma' Josep Borrell, il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ġiet immoderata minn David McAllister, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament Ewropew. Il-Membri insistew fuq il-ħtieġa li tiġi implementata l-Boxxla Strateġika u li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE, u ssottolinjaw l-importanza li jissaħħu l-politika estera u l-politiki u l-kapaċitajiet ta' dīfiża tal-UE, kif ukoll li tissaħħaħ l-unità u s-ħubija man-NATO.

Matul iż-żeġ sessjonijiet ta' wara, id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ kontinwu tagħhom lill-Ukrajna, b'xi Membri jtenu appelli għal projbizzjoni sħiħa tal-viżi għaċ-ċittadini Russi u appellaw għal sanzjonijiet aktar b'saħħiethom kontra r-Russia. Huma appellaw ukoll biex l-UE tagħti sinjal ċari l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, filwaqt li nnotaw l-importanza strateġika tar-reġjun.



CKontribut ta' Karel Rehka, il-Kap tal-Persuna Ġenerali tal-Forzi Armati Čeċi fir-raba' sessjoni dwar "Disinformation and Ibridu threats, cyber defence" (Id-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu, iċ-ċiberdifiża) fil-5 ta' Settembru 2022 fi Praga

© Presidenza Ċeka

Fir-raba' u l-aħħar sessjoni, xi Membri ssuġġerew, fost affarrijiet oħra, il-ħolqien ta' Schengen ċibernetiku, ir-ripatrizzjoni ta' data misruqa lejn l-Ukrajna, il-ħtieġa li jiġu protetti l-kejbils Ewropej ta' taħt l-ilma, il-ħtieġa li jiġu żviluppati xenarji komuni ta' ċiberdifiża, u l-ħtieġa li jiġu miġġielda l-kampanji ta' diżinformazzjoni fl-Afrika u li jiġi żgurat aċċess globali għal informazzjoni preċiża u affidabbli.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- It-tkomplijsa tal-laqqha interparlamentari bil-parteċipazzjoni bi preżenza fiżika seħħet għall-ewwel darba fil-Konferenza Interparlamentari tal-PESK/PSDK ta' Pariġi wara r-restrizzjonijiet tal-pandemja tal-COVID-19.
- Il-Konferenza Interparlamentari uriet li tista' tadatta u tirreaġixxi malajr għall-isfidi tar-relazzjonijiet internazzjonali. Hija mxiet mill-iskambju ta' informazzjoni, id-dibattitu u l-iskrutinju tal-politiki esteri u ta' dīfiża Ewropej għall-parteċipazzjoni attiva tagħhom permezz ta' reazzjoni rapida ħafna għall-aggressjoni militari mir-Russia kontra l-Ukrajna, inkluż l-adozzjoni, għall-ewwel darba, ta' Dikjarazzjoni konġunta b'kunsens, li tikkundanna l-għadha fl-Ukrajna

3. SORVELJANZA INTERPARLAMENTARI FIL-QASAM TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA

3.1. JGrupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol



L-Artikolu 88 tat-TFUE jippermetti lill-parlamenti nazzjonali biex għall-ewwel darba jiskrutinizzaw flimkien mal-Parlament Ewropew aġenzija tal-UE li topera fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Abbażi tar-Regolament tal-Europol, fl-2017 ġie stabbilit il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (JPSG) dwar il-Europol biex jiżgura li l-Europol tkun kompletament responsabli u trasparenti. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-JPSG huma deskritt fl-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Europol², li jiddefinixxi r-rwol tiegħu fil-monitoraġġ politiku tal-aktivitajiet tal-Europol b'enfasi partikolari fuq l-impatt ta' dawk l-aktivitajiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiziċċi.


Ir-Regolament dwar il-Europol ġie sussegwentement emendat³ u l-mandat rivedut tal-Europol, li daħal fis-seħħi fit-28 ta' Ġunju 2022, jipprovidi lill-Istati Membri bl-ġħodod li jeħtieġu fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, u t-terroriżmu. B'dan il-mandat imsaħħha kien hemm il-ħtieġa li jinstab il-bilanċi it-tajjeb fl-iżgurar ta' salvagwardji effettivi għad-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tad-data. Numru ta' dispożizzjonijiet ġoddha ta' governanza huma relatati mal-JPSG sejkollhom impatt fuq il-ħidma futura tiegħu.

Il-JPSG huwa struttura istituzzjonali innovattiva stabbilit għall-iskrutinju parlamentari u jorganizza żewġ laqqħat fis-sena: fl-ewwel nofs tas-sena, fil-parlament tal-pajjiż li jkun qed jeżerċita l-presidenza tal-Kunsill tal-UE b'rotazzjoni, u fit-tieni nofs tas-sena, fil-Parlament Ewropew.

L-10 laqqha tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol (JPSG) saret fit-28 ta' Frar 2022 permezz ta' parteċipazzjoni mill-bogħod. Kienet kopreseduta mill-Parlament Franċiż u l-Parlament Ewropew u ospitata mill-Assemblée nationale Franċiża f'Pariġi. Kien possibbli li tiġi żgurata l-istruttura tradizzjonali tal-laqqha, il-ħin disponibbli għad-dibattitu u l-parteċipazzjoni ta' kelliema ta' livell għoli, minkejja l-format mill-bogħod u aktar kompatt.

² Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzijsa tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)

³ Ir-Regolament (UE) 2022/99¹ li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' data personali mill-Europol b'appoġġ għall-investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u l-innovazzjoni



Preżentazzjoni ta' Catherine De Bolle, id-Direttriċi Eżekuttiva tal-Europol, online mill-bogħod fl-10 laqgħa tal-JPSG dwar il-Europol, 28 ta' Frar 2022

©Presidenza Francija

L-aġenda inkludiet kontributi mid-Direttriċi Eżekuttiva tal-Europol, Catherine De Bolle, u diskors ewljeni minn Gérald Darmanin, Ministru Franċiż tal-Intern. Il-JPSG sema' wkoll preżentazzjoni mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, Wojciech Wiewiórowski. Żewġ dibattiti tematiki ma' esperti mil-livelli tal-UE u nazzjonali koprew is-suġġetti "Europol's contribution in the fight against migrant smugglers" (L-appoġġ tal-Europol fil-ġiedha kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti), u "Risks and opportunities of artificial intelligence for Europol" (Riskji u opportunitajiet ta' intelliġenza artifiċjali għall-Europol).

Kif kien il-każ għal laqgħat interparlamentari oħra, l-invażjoni Russa fl-Ukrajna u l-konsegwenzi tagħha ġew diskussi mill-JPSG. Id-delegati osservaw minuta silenzju, esprimew solidarjetà u appoġġ għall-poplu Ukreñ u staqsew dwar l-azzjonijiet tanġibbi li l-Europol tista' tieħu. Il-Kummissarju tal-UE għall-Affarijiet Interni, Ylva Johansson, li tattendi kull laqgħa tal-JPSG, kellha tikkanċċella l-partēcipazzjoni tagħha minħabba żjara urġenti fil-pajjiżi ġirien tal-Ukrajna u għiet sostitwita minn uffiċjal għoli tal-Kummissjoni Ewropea. [Ir-reġistrazzjoni sħiħa bil-vidjo tal-laqgħa hija disponibbli online.](#)

Il-[11-il Laqgħa tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt \(JPSG\) dwar il-Europol saret fl-24-25 ta' Ottubru 2022 fil-Parlament Ewropew fi Brussell](#). Din ġiet koorganizzata u kopreseduta mill-Parlament Ewropew u l-Parlament Ċek, u kienet laqgħa sħiħa bi preżenza fiżika, l-ewwel waħda mill-2019.



Poster tal-[11-il Laqgħa tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Aġenzja tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi fl-24-25 ta' Ottubru 2022 fil-Parlament Ewropew fi Brussell.](#)

© Unjoni Ewropea 2022 PE

Il-laqgħa ttrattat numru ta' kwistjonijiet li rriżultaw direttament mill-prerogattivi tal-JPSG skont l-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Europol u kienet tinkludi preżentazzjonijiet minn Catherine De Bolle, id-Direttriċi Eżekuttiva tal-Europol, Jérôme Bonet, il-President tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol, u Wojciech Wiewiórowski, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Kien hemm ukoll dibattitu tematiku dwar "Impact of the war in Ukraine on the area of security" (l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fuq il-qasam tas-sigurta) ma' Radek Kaňa, il-Viċi Ministru tal-Intern taċ-Ċekja, u esperti mill-Europol u l-Kummissjoni Ewropea. Minħabba impenji preċedenti, Vít Rakušan, il-Ministru tal-Intern taċ-Ċekja u Ylva Johansson, il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni, indirizzaw il-JPSG permezz ta' messaġġi bil-vidjo.



Kummenti tal-ftuħ minn Juan Fernando López Aguilar, il-Kopresident tal-JPSG u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-JPSG fil-[11-il laqqha tal-JPSG dwar il-Europol, fi Brussell fl-24 ta' Ottubru 2022](#)

© Unjoni Ewropea 2022 PE

Il-JPSG ġie kkonsultat dwar id-dokument ta' programmazzjoni pluriennali tal-Europol 2023-2025 u matul id-diskors tagħha, id-Direttriċi Eżekuttiva tal-Europol intalbet tirreaġixxi għall-kummenti bil-miktub li waslu. Dawn il-mistoqsijiet u t-tweġibiet huma disponibbli fuq [is-sit web tal-IPEX iddedikat għall-JPSG](#).

Sessjoni tal-11-il Laqgħa kienet iddedikata spċifikament għall-implimentazzjoni tar-Regolament rivedut tal-Europol dwar kwistjonijiet relatati mal-JPSG. Fil-mandat rivedut tal-Europol, fis-seħħi mit-28 ta' Ġunju 2022, saru numru ta' bidliet fil-kapaċitajiet ġenerali tal-Europol, bħall-kooperazzjoni tagħha ma' partijiet privati u pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali applikabbli għall-Europol.

Hemm ukoll numru ta' dispożizzjonijiet ġodda ta' governanza relatati mal-JPSG:

- żewġ rappreżentanti tal-JPSG se jiġu mistiedna bħala osservaturi għal mill-inqas żewġ laqgħat tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol;
- obbligi ta' rappurtar għall-Europol fir-rigward tal-JPSG issaħħew, bħal meta l-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ma jqisx l-opinjoni tal-JPSG dwar id-Dokument ta' Programmazzjoni Pluriennali tiegħu;
- Forum Konsultattiv dwar id-Drittijiet Fundamentali, marbut mal-JPSG, għandu jiġi stabbilit mill-JPSG biex jassistih billi jipprovd pariri indipendenti dwar kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali fuq talba. Il-JPSG u d-Direttriċi Eżekuttiva jistgħu jikkonsultaw lill-forum konsultattiv dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mad-drittijiet fundamentali. Huwa f'idjejn il-JPSG li jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-Forum Konsultattiv u dwar il-metodi ta' ħidma tiegħu.

L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-Forum Konsultattiv dwar id-Drittijiet Fundamentali teħtieġ l-lemenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-JPSG u, wara d-deċiżjoni tat-Trojka Presidenzjali tal-JPSG, il-Kopresidenti stiednu lid-delegati tal-JPSG biex iressqu proposti bil-ħsieb li jitnieda Grupp ta' Ħidma dwar l-Istabbiliment tal-Forum Konsultattiv.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Ir-reviżjoni tal-mandat tal-Europol u dispożizzjonijiet ġodda ta' governanza li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskrutinju.
- Id-deċiżjoni li jitwaqqaf Grupp ta' Ħidma dwar ir-Reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-JPSG, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.
- It-tkomplija tal-laqqha bil-parteċipazzjoni bi preżenza fiżika, bla xkiel mil-limitazzjonijiet tekniċi, li jippermettu skambji aktar bir-reqqa (ħin ta' mistoqsijiet mad-Direttriċi Eżekuttiva tal-Europol, "catch the eye" matul ir-rawnds ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet) u networking.

3.2. Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-Evalwazzjoni tal-Eurojust

Sa mill-ħolqien tagħha fl-2002, il-Eurojust saret attur ċentrali fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. F'konformità mal-Artikolu 85 tat-TFUE, ir-regolamenti tal-UE li jirregolaw il-Eurojust iridu wkoll “jiddeterminaw [...] l-arranġamenti ta’ assoċiazjoni tal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali fil-valutazzjoni ta’ l-attivitajiet ta’ l-Eurojust”. Fl-2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw Regolament ġdid dwar il-Eurojust⁴ bil-ħsieb li jiġi pprovdut qafas legali uniku u mgħedded għal Aġenzija ġidida għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust).

Sabiex tiżdied it-trasparenza u s-sorveljanza demokratika tal-Eurojust, ir-regolament jiprovođi mekkaniżmu għall-evalwazzjoni konġunta tal-attivitajiet tal-Eurojust mill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE⁵. L-evalwazzjoni għandha ssir fil-qafas ta’ Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati organizzata mill-Parlament Ewropew fil-bini tagħha fi Brussell, bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE.

L-ewwel Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust ġiet organizzata fl-1 ta’ Diċembru 2020 fil-Parlament Ewropew fi Brussell mill-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew, f’kooperazzjoni mal-Parlament Ġermaniż.

3.2.1. It-Tieni Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati Annwali dwar l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust kellha ssir fi tmiem l-2021, iżda għal raġunijiet amministrattivi u logiściċi kellha tiġi posposta għal ftit ġimġħat sal-1 ta’ Frar 2022. B’riżultat tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, il-laqgħa saret fil-Parlament Ewropew fi Brussell u permezz ta’ vidjokonferenza. L-avveniment kien ippresedut minn Juan Fernando López Aguilar (il-President tal-LIBE) u madwar 48 Membru Parlamentari minn 20 Stat Membru u 26 Kamra, kif ukoll madwar 20 Membru Parlamentari Ewropew, ipparteċipaw fl-avveniment.

Juan Fernando López Aguilar, il-President tal-Kumitat tal-PE għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), Yaël Braun-Pivet, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Assemblea Nazzjonali Franciċa u François-Noël Buffet, il-President tal-Kumitat għad-Dritt Kostituzzjonal, il-Leġiżlazzjoni, il-Vot Universali, ir-Regoli ta’ Proċedura u l-Amministrazzjoni Ġenerali tas-Senat Franciċ, fetħu l-laqgħa.



Poster tat-Tieni Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-Attivitajiet tal-Eurojust fl-1 ta’ Frar 2022
© Unjoni Ewropea 2022 PE

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 jittratta dawk l-arranġamenti fil-punt 62 tal-preambolu tiegħu u fl-Artikolu 67.

Il-preżentazzjonijiet u r-rawnds ta' Mistoqsijiet u Twejgibet segwew iż-żewġ sessionijiet. L-ewwel sessjoni dwar "Eurojust current and future activities, especially in the current pandemic" (l-attivitajiet attwali u futuri tal-Eurojust, speċjalment fil-pandemja attwali) għejt inawġurata bi preżentazzjoni tal-President tal-Eurojust, Ladislav Hamran. Huwa rrapperta li f'dawn l-aħħar 10 snin, ix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust żidied bil-kbir. Huwa nnota tliet oqsma ewlenin għall-attivitajiet futuri tal-Eurojust: l-immoderizzar tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, l-istabbiliment ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri bejn l-awtoritajiet nazzjonali u t-tkomplija tat-tiġiha tan-network globali lil ħin mill-fruntier tal-UE. Il-preżentazzjoni tiegħu kienet segwita minn skambju vivaċi ta' fehmiet bejn il-membri parlamentari nazzjonali u l-Membri tal-PE.

It-tieni sessjoni dwar "the cooperation between Eurojust, the European Public Prosecutor's Office and national authorities" (il-kooperazzjoni bejn il-Eurojust, l-Uffiċju tal-Prosekur Pubbliku Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali) infetħet minn José de la Mata, Membru Nazzjonali għal Spanja u l-punt ta' kuntatt tal-Eurojust għall-Uffiċju tal-Prosekur Pubbliku Ewropew (UPPE), li qabbel il-kompetenzi u r-rwoli differenti tal-Eurojust u tal-UPPE. Il-membru tal-grupp ta' esperti li jmiss, Frédéric Baab, il-Prosekur Ewropew Franċiż, ta' ħarsa ġenerali lejn l-arranġamenti ta' ħidma ffirmati mal-Eurojust. Fl-aħħar nett, Nils Behrndt, aġent Deputat Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni, indirizza żewġ kwistjonijiet fir-rigward tal-Eurojust: id-diġitalizzazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-UPPE. It-tieni sessjoni reġgħet għejt segwita minn dibattit mqanqal mill-Membri tal-PE u l-Membri tal-Parlament nazzjonali. [Ir-reġistrazzjoni sħiħa bil-vidjo tal-laqqha hija disponibbli online](#).

3.2.2. It-Tielet Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat Annwali dwar l-Attivitajiet tal-Eurojust saret fit-30 ta' Novembru 2022, fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell, bħala laqqha bi preżenza fiżika.

Wara ċ-ċirkostanzi straordinarji marbuta mal-gwerra fl-Ukrajna, ir-Regolament tal-Eurojust kien ġie emendat malajr b-dispożizzjonijiet ġodda⁶. Dan il-mandat estiż daħal fis-seħħi fl-1 ta' Ġunju 2022 u ta lill-aġenzija l-possibbiltà legali li tiġib, tippreserva u tikkondivid evidenza dwar delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ġenoċidju. Dan ipprovda raġuni konvinċenti oħra biex isir skambju bejn il-Eurojust u l-Parlamenti Ewropej u nazzjonali biex jiġu diskussi dawn l-iżviluppi.



Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat LIBE dwar l-Evalwazzjoni tal-Attivitajiet tal-Eurojust fit-30 ta' Novembru 2022

© Unjoni Ewropea 2022 PE/ Philippe Buissin

Il-laqqha nfetħet mill-President tal-Kumitat LIBE u minn Membru tal-Kumitat għall-Affarijjiet Kostituzzjonali u Legali tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament Ċek. Fid-diskors ewlieni tiegħu, Didier Reynders, il-Kummissarju għall-Ġustizzja, faħħar lill-Eurojust għall-kisbiet tiegħu u ddeskriva l-miżuri l-aktar reċenti tal-Kummissjoni b'appoġġ għall-aġenzija.

⁶ [Ir-Regolament \(UE\) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022](#)

Fl-ewwel sessjoni ddedikata għar-rieżami tal-attivitàajiet tal-Eurojust u l-prospetti futuri, Ladislav Hamran, il-President tal-Eurojust, ta' preżentazzjoni bir-reqqa tal-ħidma tal-Eurojust, aġenzija fil-qalba tal-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri. Huwa indirizza n-numru dejjem jikber ta' każijiet tiegħu, l-isfidi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja transkonfinali futura f'materji kriminali u l-ħtieġa li jsir progress fir-Reġistru Ġudizzjarju Kontra t-Terroriżmu u l-pjattaforma ta' kollaborazzjoni għall-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta. Il-preżentazzjoni kienet segwita minn sessjoni ta' Mistoqsija u Tweġiba, b'mistoqsijiet li jvarjaw mit-traffikar tal-bnedmin jew reati ambjentali, għaċ-ċiberkriminalità u r-restrizzjonijiet baġitarji u loġistiċi li Itaqgħet magħħom l-aġenzija.

It-tieni sessjoni ttrattat il-mandat imsaħħaħ tal-Eurojust fir-rigward ta' reati internazzjonali ewlenin. Fil-kontributi tagħhom, il-President u żewġ Viċi Presidenti tal-Eurojust, Margarita Šniuttye-Daugeliene u Boštjan Škrlec, taw rendikonti dettaljati tat-tiċhi ħ tal-mandat tal-Eurojust ippromulgat dik is-sena, inkluż il-mobilizzazzjoni u l-attivitàajiet mingħajr preċedent imwettqa fil-pront fir-rigward tal-gwerra fl-Ukrajna b'appoġġ għall-ġbir u l-kondiviżjoni ta' evidenza relatata ma' reati internazzjonali ewlenin. Fid-dibattitu sussegamenti, il-membri parlamentari qajmu l-kwistjoni taż-żieda fl-effiċjenza tal-kooperazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji fir-rigward tal-gwerra fl-Ukrajna u l-ħtieġa għal respons aktar effettiv fil-ġlieda kontra l-impunità għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.

Is-sessjoni ta' konklużjoni pprovdiet retrospettiva tal-20 sena esperienza tal-aġenzija u tat prospettiva usa' dwar il-futur tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-UE. [Ir-reġistrazzjoni sħiħa bil-vidjo tal-laqqha hija disponibbli online](#).

.Żviluppi ewlenin fl-2022

- Is-sena 2022 kienet sena eċċeżżjonali ħafna għall-Eurojust, peress li l-membri parlamentari kellhom żewġ laqgħat biex iwettqu l-mandat tagħhom biex jevalwaw l-attivitàajiet tagħha b'mod konġunt, li waħda minnhom saret kompletament bi preżenza fiżika għall-ewwel darba minn meta ġiet organizzata din it-tip ta' Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati.
- It-tiċhi ħ tal-mandat tal-aġenzija permezz ta' reviżjoni tar-Regolament dwar il-Eurojust kien simboliku, fl-isfond tal-aggressjoni Russa tal-Ukrajna, peress li saħħaħ id-dimensjoni transkonfinali tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, li issa testendi lil hinn mill-fruntieri tal-UE;
- Hekk kif l-aġenzija ċċelebrat l-20 anniversarju tagħha, it-Tielet Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati dwar il-Eurojust ipprovdiet l-opportunità li ssir riflessjoni konġunta dwar il-perkors tal-20 sena ta' esperienza li l-Eurojust kienet għaddiet minnu.

4. LAQGĦAT INTERPARLAMENTARI TAL-KUMITATI U KOOPERAZZJONI INTERPARLAMENTARI OĦRA

4.1. Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati

Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati huma t-tip standard ta' laqgħa organizzata mill-Parlament Ewropew għal skambji speċifiċi bejn il-kumitati settorjali dwar kwistjonijiet leġiżlattivi u politiċi ewlenin skont l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll Nru 1 tat-Trattati. Il-kalendaru tal-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati jintbagħat mill-President tal-Parlament Ewropew lill-Presidenti tal-parlamenti nazzjonali kollha kull semestru.

Il-kumitati tal-Parlament Ewropew jorganizzaw sa 20 Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati fis-sena, u jistiednu lill-kumitati korrispondenti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE jinvolvu ruħhom f'dibattiti mmirati. Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati wrew li huma mod siewi għall-Membri tal-Parlament Ewropew biex jaqsmu fehmiet mal-kontropartijiet nazzjonali tagħhom. Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati mhumiex biss forum għall-iskambju dwar kwistjonijiet leġiżlattivi, u b'hekk jikkontribwixxu għal tfassil aħjar tal-liġijiet, iżda huma wkoll pjattaforma li fiha jiġu diskussi kwistjonijiet politiċi ta' interress komuni u biex isiru laqgħat mal-Kummissarji u mar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati huma koorganizzati fuq l-inizjattiva ta' kumitat wieħed jew aktar tal-Parlament Ewropew bl-appoġġ tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali.

Fl-2022, 17-il Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati ġew koorganizzati minn 12-il kumitat parlamentari differenti,⁷ (811-il kumitat permanenti u kumitat speċjalisti wieħed), li jipprevedu dibattiti bejn 720 Membru tal-Parlamenti nazzjonali u 463 Membru tal-Parlament Ewropew. Iż-żieda fin-numru ta' Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati fl-2022 hija riżultat tal-perjodu ta' wara l-COVID, peress li diversi kumitati kienu ddeċidew li jipposponu l-laqgħat tagħhom li oriġinarjament kienu skedati fl-2020 jew l-2021 għall-2022.

Il-biċċa l-kbira tal-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati fl-2022 saru bi preżenza fiżika; madankollu l-formati ibridi u mill-bogħod intużaw ukoll. Fil-format ibridu, uħud mill-Membri tal-PE u l-kelliema ngħaqdu mill-binja tal-Parlament Ewropew fi Bruxelles, filwaqt li l-Membri tal-Parlament nazzjonali u kelliema mistiedna oħra pparteċipaw online.

Il-Kumitat Speċjalisti dwar l-Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni (INGE) stieden lill-Membri Parlamentari mill-Parlamenti nazzjonali tat-tliet stati Baltiċi, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, biex jipparteċipaw fil-laqgħa tal-kumitat tagħhom fil-Parlament Ewropew fi Bruxelles **Fl-1 ta' Frar 2022**. Dan involva "Exchange of views with the Baltic States on foreign interference". (Skambju ta' fehmiet mal-Istati Baltiċi dwar indħil barrani). Is-sensibilizzazzjoni dwar l-indħil Ċiniż u, b'mod partikolari, dak Russu li l-pajjiżi Baltiċi ilhom jesperjenzaw għal ħafna snin tista' twassal għal miżuri konkreti fl-UE. Ġie enfasizzat li l-UE tkun tista' tiġiġieled b'mod effettiv l-indħil barrani u d-diżinformazzjoni ostili abbażi ta' approċċ komuni u kooperazzjoni f'kull livell.

Fl-1 ta' Frar 2022, l-ewwel Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-"Evalwazzjoni tal-Eurojust" ġiet organizzata mill-Kumitat **LIBE**, li kienet ukoll it-tieni laqgħa annwali dwar l-evalwazzjoni tal-

⁷ Kalendarju tal-attività interparlamentari mal-Parlamenti nazzjonali għall-2021: l-ewwel semestru (https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/235467/Calendar%201st%20semester%202021_rev07.pdf)

⁸ Kalendarju tal-attività interparlamentari mal-Parlamenti nazzjonali għall-2021: it-tieni semestru: (https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/254760/Final%20calendar%20second%20semester%202022_updated0102022%20.pdf)

Eurojust. Rendikont dettaljat tal-laqqha u l-eżitu tagħha huwa disponibbli fil-Kapitolu 3.2.



. *Il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat tal-Kumitat FEMM fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Mara fit-3 ta' Marzu 2022 – An ambitious future for Europe's women after COVID-19: mental load, gender equality in teleworking and unpaid care work after the pandemic (Futur ambizzuż għan-nisa tal-Ewropa wara l-COVID-19: it-tagħbjja mentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-telexogħol u x-xogħol ta' kura mhux imħallas wara l-pandemja) – diskors tal-ftuħ minn Roberta Metsola, President tal-PE © EU 2022 PE/Jesús Gomez.*

© EU 2022 EP/ Jesús Gomez.

Il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat tal-Kumitat FEMM bit-titlu "An ambitious future for Europe's women after COVID-19" (Futur ambizzuż għan-nisa tal-Ewropa wara l-COVID-19), bis-sottotitolu "Mental load, gender equality in teleworking and unpaid care work after the pandemic" (It-tagħbjja mentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-telexogħol u x-xogħol ta' kura mhux imħallas wara l-pandemja) saret online fil-Parlament Ewropew fi Brussell fit-3 ta' Marzu 2022. L-għan ewljeni tal-laqqha kien li tiġi diskussa l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari n-nuqqas ta' trasparenza fil-pagi u s-sehem inugwali tax-xogħol ta' kura fid-dawl tal-pandemja. Il-kriżi tal-Ukrajna, li kienet għadha kemm bdiet, kellha impatt fuq il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitat, peress li ħafna mill-parteċipanti esprimew is-solidarjetà tagħihom mal-poplu Ukren. Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew, fetħet il-laqqha. Élisabeth Moreno, il-Ministru għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, id-Diversità u l-Opportunitajiet Indaqqs ta' Franza u Věra Jourová, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, ġadu sehem ukoll. Wara d-diskors ewljeni minn Katrín Jakobsdóttir, il-Prim Ministro tal-İzlanda, il-President tal-Parlament tal-Kumitat tal-Ukrajna għall-integrazzjoni tal-Ukrajna fl-Unjoni Ewropea, Ivanna Klympush-Tsintsadze, ipprovdiet l-aħħar aħbarijiet dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.



Ġimgħa Parlamentari Ewropea – Governanza Ekonomika tal-UE minn Perspettiva Parlamentari, Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea

© Unjoni Ewropea 2022 PE/ Alain Rolland

Ġew organizzati tliet Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitat mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (**ECON**), il-Kumitat għall-Baġits (BUDG), u l-Kumitat għall-Impjieg i u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) fil-qafas tal-[Gimħa Parlamentari Ewropea fil-15-16ta' Marzu 2022](#). Dawn jikkostitwixxu l-Konferenza tas-Semestru Ewropew u pprovdew opportunità għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni taċ-ċikli tas-Semestru Ewropew u għat-tishħiħ tal-kooperazzjoni sabiex jiġi skrutinizzati l-azzjonijiet tal-eżekutivi fil-livell nazzjonali u Ewropew. Aktar informazzjoni dwar il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea hija disponibbli fil-Kapitolu 2.1.

[Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitat tal-Kumitat DROI-JURI dwar "Corporate responsibility for serious human rights abuses in third countries"](#) (Responsabbiltà korporattiva għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi) saret mill-bogħod fil- 21 ta' April 2022. Din iddiskutiet il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar id-diliġenzo dovuta dwar is-sostenibbiltà korporattiva u l-implikazzjonijiet tagħha għar-responsabbiltà korporattiva għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi mhux tal-UE. Il-Membri tal-Parlamenti nazzjonali ġew mistiedna jaqsmu l-fehmiet u l-esperjenzi tagħhom dwar kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar id-diliġenzo dovuta li kienet ġiet adottata jew li se tiġi adottata fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.



I Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitat CONT dwar "Common experiences and challenges in exercising budgetary control functions" (L-esperjenzi u l-isfidi komuni fl-eż-żejt tal-funzjonijiet ta' kontroll baġitarju)"

© Unjoni Ewropea 2022 PE/ Emilie Gomez

[Il-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitat tal-Kumitat JURI dwar "Il-mekkaniżmu tas-sussidjarjetà tal-UE" saret fil-25 ta' April 2022](#) fil-Parlament Ewropew fi Brussell, u permezz ta' vidjokonferenza (parteċipazzjoni mill-bogħod). L-għan tal-laqgħa kien li tiġi diskussa l-effiċċenza tal-mekkaniżmu tas-sussidjarjetà fl-UE mal-atturi ewlenin involuti: Membri Parlamentari, rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, esperti u prattikanti tal-liġi. L-aġenda kien fiha preżentazzjonijiet u skambji ta' fehmiet iffukati fuq: l-opinjonijiet motivati jsiru aktar effiċċienti u jittejjeb id-djalgu politiku; ir-rwol tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fil-kontroll tas-sussidjarjetà; il-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-liġi tal-UE; u prattiki tajba fl-evitar ta' "gold plating" fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE.

[Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitat tal-Kumitat AFCO dwar "First results of the Conference on the Future of the European Union"](#) (L-ewwel rिज़ultati tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Unjoni Ewropea) saret mill-bogħod permezz ta' vidjokonferenza fis-17 ta' Mejju 2022. L-għan tal-laqgħa kien li jiġu diskussi s-segwitu u l-implimentazzjoni tal-proposti tal-Konferenza. Dubravka Šuica, il-Kummissarju Ewropew għad-Demokrazija u d-Demografija u l-Kopresident tal-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, enfasizzat kif il-Parlament Ewropew qed "jikkumpensa għad-diskrepanzi" biex tiġi msaħħha l-ekosistema tad-demokrazija u wrriet l-impenn tagħha li tkompli din il-prattika maċ-ċittadini, mal-komunitajiet lokali u reġjonali u mal-istituzzjonijiet nazzjonali.

Fl-14 ta' Ġunju 2022, saret Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitat DEVE dwar "The debt crisis in developing countries" (Il-kriżi tad-dejn fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw) fil-Parlament Ewropew fi Brussell permezz ta' vidjokonferenza. L-għan ewlieni tal-laqgħa kien li tiġi indirizzata l-kriżi tad-

dejn fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jinħoloq spazju għad-diskussjoni dwar is-suġġett mal-esperti u l-partijiet ikkonċernati involuti. Il-Kumitat għall-Iżvilupp (DEVE) stieden lill-Membri tal-Parlamenti nazzjonali biex jaqsmu l-femmet u l-esperjenzi tagħhom, filwaqt li jipprovd kontribut essenzjali għad-diskussjoni. L-aġenda inkludiet preżentazzjonijiet u skambji ta' fehmiet dwar il-problemi u s-soluzzjonijiet fir-rigward tad-djun tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll studju tal-każ dwar iż-Żambja.



Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati of the CONT committee on 'Common experiences and challenges in exercising budgetary control functions'.

© Unjoni Ewropea 2022 PE/ Alain Rolland

Fis-16 ta' ġunju 2022 qjet organizzata Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati tal-Kumitat CONT dwar "Common Experiences and Challenges in Exercising Budgetary Control Functions" (Esperjenzi u Sfidi Komuni fl-Eżerċizzu tal-Funzjonijiet tal-Kontroll tal-Baġit). Numru magħżul ta' Parlamenti nazzjonali ġew mistiedna għal din il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati. Il-laqqha pprovdiet forum eċċelletti għal dibattitu u skambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika dwar kif pajjiżi differenti tal-UE jeżerċitaw funzjonijiet ta' kontroll baġitarju. Il-laqqha kienet opportunità biex jiġu skambjati ideat dwar kif jiġi żgurat li l-flus pubbliċi jintefqu b'mod effiċjenti u effettiv, u li l-frodi potenzjali tiġi evitata jew identifikata.

Fis-27 ta' ġunju 2022, saret Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati tal-Kumitat AFET dwar "EU Enlargement Policy in the Aftermath of Russia's Invasion of Ukraine" (Il-Politika tat-Tkabbir tal-UE wara l-Invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia). L-għan tal-laqqha kien li tiġi diskussa u skambjata informazzjoni sabiex jiġi evalwati l-implikazzjonijiet tal-gwerra fl-Ukrajna għall-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi kandidati attwali u potenzjali tal-UE. L-iskambju kien partikolarmen importanti, peress li segwa l-laqqha tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' ġunju 2022, li matulha ġew diskussi l-applikazzjonijiet għas-sħubija fl-UE tal-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia. Id-dibattitu dwar il-perspettiva tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-futur tal-politika tat-tkabbir tal-UE kien partikolarmen rilevanti u f'waqtu.

Tliet kumitati, il-Kumitati FEMM-LIBE-EMPL kellhom Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati konċunta dwar "The rights of Ukrainian women fleeing the war" (Id-drittijiet tan-nisa Ukreni li qed jaħarbu mill-gwerra) fit- 12 ta' Lulju 2022. Din il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati wriet li kienet forum eċċelletti għall-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali biex jiddibattu, jiskambjaw informazzjoni dwar u jevalwaw l-implikazzjonijiet tal-gwerra fl-Ukrajna għan-nisa li qed jaħarbu mill-gwerra u għar-reazzjonijiet politiċi tal-UE. Il-laqqha kienet tikkonsisti f'żewġ gruppi ta' esperti. L-ewwel grupp ta' esperti ġie organizzat b'mod konġunt mill-Kumitat FEMM u LIBE u ttratta s-sitwazzjoni tan-nisa rifuġjati Ukreni fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, il-miżuri ta' protezzjoni u r-riskji għas-sikurezza. It-tieni grupp ta' esperti ġie organizzat b'mod konġunt mill-Kumitati FEMM u EMPL u ddiskuta l-aċċess tan-nisa għall-protezzjoni soċjali u s-suq tax-xogħol, l-akkomodazzjoni, il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal u l-edukazzjoni.



Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati tal-Kumitat AFCO — L-ewwel riżultati tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa
© Unjoni Ewropea 2022 PE/ Philippe Buissin

Fis-26 ta' Ottubru 2022 saret Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati tal-Kumitat AFCO dwar il-["Conclusions of the Conference on the Future of Europe and the role of national Parliaments"](#) (Konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali). Matul din it-tieni laqgħa, il-Membri tal-PE, il-Membri mill-Parlamenti nazzjonali u t-tliet Kopresidenti tal-Bord Eżekuttiv tal-CoFE ddiskutew is-segwitu u l-implimentazzjoni tal-proposti tal-Konferenza, inklużi bidliet potenzjali fit-Trattati u r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE. Huma qablu dwar l-importanza li tiġi promossa l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u li ċ-ċittadini jsiru parti mill-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE.



[AFCO ICM – Conclusions of the Conference on the Future of Europe and the Role of National Parliaments in the EU.](#)
© Unjoni Ewropea 2022 PE/ Eric Vidal

Il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati DROI-JURI dwar "Universal jurisdiction – improving accountability for serious international crimes" (Il-ġuriżdizzjoni universali – it-titjib tal-obbligu ta' rendikont qħal reati internazzjonali serji) saret fit-28 ta' Novembru 2022 f'format ibridu. L-għan tal-laqqha kien li jiġi diskuss sa liema punt il-ġuriżdizzjoni universali jista' jkollha rwol bħala parti minn strateġija usa' ta' responsabbiltà, komplementari għall-qrat internazzjonali u prosekuzzjonijiet fuq bażżejjiet ġuriżdizzjoni oħra.

Fit-30 ta' Novembru 2022, it-tieni Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati qjet organizzata mill-Kumitat AFET fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell, bl-isem ta' "Europe in the world – Supporting Ukraine" (L-Ewropa fid-dinja – Appoġġ għall-Ukrajna). Il-laqqha kienet tikkonsisti f'żewġ sessjonijiet: l-ewwel waħda kienet iddedikata għal "Europe in the world – reinvigorating our global alliances and partnerships" (L-Ewropa fid-dinja – it-tiġi mill-ġdid tal-alleanzi u s-sħubijiet globali tagħha); it-tieni għal "Supporting Ukraine – European resilience, commitment and unity for the challenges ahead" (Appoġġ lill-Ukrajna – reżiljenza, impenn u unità Ewropea għall-isfidi li ġejjin).

It-Tielet Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati tal-Kumitat LIBE dwar “Evaluating Eurojust’s activities” (Evalwazzjoni tal-attivitàjiet tal-Eurojust) saret fit-30 ta’ Novembru 2022, kollha kemm hi bħala laqgħa bi preżenza fiżika. Rendikont dettaljat tal-laqqha u l-eżitu tagħha huwa disponibbli fil-Kapitolu 3.2.




Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati tal-Kumitat LIBE – “The situation of the rule of law in the EU” (Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE).

© Unjoni Ewropea 2022 PE/ Philippe Buissin

L-għada, fl-1 ta’ Diċembru 2022, il-Kumitat LIBE organizza Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati oħra dwar “The situation of the rule of law in the EU” (Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE). Il-laqqha, skambju annwali regolari bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew mill-2020, għandha l-għan li tippromwovi u tissalvagwardja l-valuri komuni tal-UE sabiex tkompli d-dibattitu dwar ir-rwol tal-Unjoni, tal-Istati Membri u tal-Parlamenti nazzjonali f'dan ir-rigward. Il-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati nqasmet f'żewġ sessjonijiet; l-ewwel waħda iffokat fuq ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi u t-tieni fuq il-libertà u t-trasparenza tal-midja bħala pilastri ewlenin tad-demokrazija. Didier Reynders, il-Kummissarju għall-Ġustizzja ppreżenta r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt u Mikuláš Bek, il-Ministru Ċek għall-Affarijiet Ewropej, ippreżenta l-ħidma tal-Presidenza Ċeka fi ħdan il-Kunsill dwar l-istat tad-dritt.

Fl-1 ta’ Diċembru 2022, il-kumitat speċjali ING2 organizza Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati ibrida dwar “Legislative Resilience, Electoral Laws and Information Manipulation Campaigns” (Ir-Reżiljenza Leġiżlattiva, il-Liqqijiet Elettorali u l-Kampanji dwar il-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni). Ġew diskussi tentattivi minn atturi statali u mhux statali biex jinterferixxu fil-ħajja demokratika u politika fl-UE u fl-istati Membri tagħha f'dawn l-aħħar għaxar snin. Kwistjoni oħra eżaminata kienet kif atturi barranin għandhom l-għan li jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tas-soċjetajiet miftuħa tagħna u li jimminaw il-fiduċja fl-istituzzjonijiet tagħna u fid-demokrazija fir-rigward tal-elezzjonijiet leġiżlattivi u/jew presidenzjali. Il-mod li bih atturi barranin malizzjużi jużaw il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u tattiċi oħra biex jinterferixxu fil-proċessi demokratiċi u kif għandhom l-għan li jdqħajfu l-governanza demokratika tal-pajjiżi fil-mira, kien parti mid-dibattitu. Din il-laqqha pprovdiet forum tajjeb għal diskussionijiet u skambju ta’ informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar il-ħidma relatata mal-indħil barrani fil-livelli tal-UE, nazzjonali u internazzjonali, u għabek aktar għarfien u għarfien espert dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati minn dawn l-atti ta’ ndħil u kif jinbnew demokraziji reżiljenti, kif ukoll ħarset lejn reazzjonijiet possibbli għal atti ta’ ndħil barrani.



Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati tal-Kumitat FEMM dwar "Gender Mainstreaming" (L-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri).

© Unjoni Ewropea 2022 PE

L-aħħar laqgħa tas-sena kienet Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati mill-bogħod tal-Kumitat FEMM dwar "Gender Mainstreaming" (L-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri), li saret fit-8 ta' Diċembru 2022. Din il-laqgħha pprovdiet forum għall-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali biex jiddibattu, jiskambjaw informazzjoni u jevalwaw l-implikazzjonijiet tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ħajja parlamentari. L-iskambji saru matul żewġ gruppi ta' esperti: dwar il-protokolli kontra l-fastidju, l-implimentazzjoni u s-sanzjonijiet tagħihom, u dwar il-pjanijiet ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Fl-2022, kien hemm żieda (+ 36%) fil-parteċipazzjoni fost il-Membri tal-Parlament Ewropew – minn 340 fl-2021 għal 463. Fl-istess ħin, il-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Parlamenti nazzjonali fil-Laqqhat Interparlamentari tal-Kumitati naqset (-12%) minn 816-il membru parlamentari fl-2021 għal 720 fl-2022. Raġuni possibbli għal dan tista' tkun il-konċentrazzjoni ta' Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati f'perjodu qasir ta' żmien, li jista' jkun ta' sfida, b'mod partikolari għall-Kmamar iż-żgħar.

Is-snin tal-pandemija tal-COVID-19 aċċelleraw l-użu ta' għodod digiżi; madankollu, ir-ritorn għall-parteċipazzjoni bi preżenza fiżika fisser li l-parteċipanti setgħu jibbenifikaw mill-valur miżjud ta' kuntatti personali u skambji ta' fehmiet. Filwaqt li l-laqgħat mill-bogħod jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fil-Laqqhat Interparlamentari tal-Kumitati mingħajr ma jkollhom jivvjaġġaw, il-format bi preżenza fiżika jipprovdi konsiderevolment aktar interazzjoni bejn il-Membri. Id-dibattit u l-iskambji huma aktar ċari u hemm aktar diskussionijiet informali, laqgħat bilaterali u possibbiltajiet ta' networking f'waqfiet għall-kafè, ikliet ta' fil-ġħaxja jew ikliet ta' nofsinhar. Lista tal-Laqqhat Interparlamentari tal-Kumitati organizzati mill-kumitati tal-Parlament Ewropew fl-2022 u statistika aktar dettaljata tista' tinstab fl-Anness II.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Spjegazzjoni waħda possibbli għan-numru kbir ta' Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati fl-2022 hija l-posponiment ta' bosta laqgħat mill-2021.
- It-tliet formati tal-laqgħat – bi preżenza fiżika, ibridi u mill-bogħod – kienu fis-seħħi b'mod parallel, u dan ħoloq sfidi addizzjonal għall-organizzazzjoni u fl-aspetti amministrattivi tal-Laqqhat Interparlamentari tal-Kumitati.
- Ir-ritorn għal-laqgħat bi preżenza fiżika żied in-numru ta' Membri tal-PE parteċipanti iż-żda naqqas in-numru ta' Membri tal-Parlament nazzjonali parteċipanti, b'mod partikolari meta kien hemm numru kbir ta' Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati f'perjodu qasir ta' żmien.

4.2. Laqgħa tal-Presidenti tal-Parlament Nazzjonali mal-President tal-Parlament Ukren u Laqgħa tal-Presidenti Nisa tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea

Laqgħa tal-Presidenti tal-Parlament Nazzjonali mal-President tal-Parlament tal-Ukrajna fl-4 ta' Marzu 2022

Ftit jiem biss wara l-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russia u fuq l-inizjattiva tal-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, il-Presidenti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE kellhom laqgħha online mill-bogħod fl-4 ta' Marzu 2022 ma' Ruslan Stefanchuk, il-Presidenti tal-Parlament Ukren.



I-kontribut online ta' Ruslan Stefanchuk, il-President tal-Parlament tal-Ukrajna, fl-4 ta' Marzu 2022 matul il-laqgħa online mill-bogħod mal-Presidenti tal-Parlamenti Nazzjonali fis-sala tal-laqgħat tal-Parlament Ewropew.

© Unjoni Ewropea 2022 PE/ Jesús Gomez

Diversi Parlamenti nazzjonali u Stati Membri kienu esprimew l-ewwel sinjali ġenerużi tagħhom ta' solidarjetà mal-Parlament tal-Ukrajna wara l-invażjoni illegali u mhux provokata tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022. (Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġibok ara t-taqṣima 4.3. dwar in-Network ta' Appoġġ għad-Demokrazija u l-IPEX). Ġimħa wara l-bidu tal-gwerra, il-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, stiednet lill-Presidenti tal-Parlamenti nazzjonali kollha tal-UE biex jingħaqdu magħha f'laqgħha straordinarja mill-bogħod mal-President tal-Parlament tal-Ukrajna, Ruslan Stefanchuk.

Il-laqgħa straordinarja saret fl-4 ta' Marzu 2022. Attendew aktar minn 30 President (jew Presidenti tal-Parlament) u Deputati Presidenti (jew Viċi Presidenti tal-Parlament). L-avveniment ġie organizzat u mwettaq fi żmien qasir. Din kienet dimostrazzjoni tanġibbli tal-appoġġ mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew għall-ġlieda tal-Ukrajna għal-libertà fl-Ewropa u għas-sħubja tal-Ukrajna fl-UE. Fl-istess ħin, dan indika l-fehim komuni li d-demokrazija parlamentari hija għoddha fundamentali għat-trawwim ta' valuri demokratiċi komuni. Dan wera kemm jista' jinkiseb permezz tal-promozzjoni tiegħu, billi kkonsolida s-sħubja bejn il-Parlamenti.

Laqgħa tal-Presidenti Nisa tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Ottubru 2022.

Imniedja mis-Sejm tal-Polonja fuq l-inizjattiva tal-President tagħha, Elżbieta Witek, il-Presidenti Nisa tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea Itaqgħu f'April u Mejju 2022 biex jiddiskutu l-qagħda mwiegħħra tan-nisa refuġjati Ukrenej. L-invażjoni tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa rriżultat f'numru kbir ta' nies li ġarbu mill-pajjiż u beżgħu għal ħajjithom, il-maġġoranza l-kgħira tagħhom kienu nisa u tfal.

Fuq l-inizjattiva tal-Presidenti Pollakki u Ċeki, il-Parlament Ewropew ospita laqgħha ta' segwitu fit-12 ta' Ottubru 2022. L-avveniment kien kopresedut mill-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, u l-President tal-Kamra tad-Deputati taċ-Ċekja, Markéta Pekarová Adamová, li tirrappreżenta l-Prezidenta Ċeka. Għall-avveniment attendew il-Presidenti tas-Sejm Pollakk, tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Ċipru, tas-Seimas Litwan, tas-Senat Rumen u l-Viċi Kelliema tas-Saeima

Latvjana u tal-Assemblea Nazzjonalni Slovena (Državni Zbor). Id-Deputat President tal-Parlament tal-Ukrajna, Olena Kondratuk, ipparteċipat ukoll fl-avveniment.



Laqgħa tal-Presidenti Nisa tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea: skambju ta' fehmiet ma' Roberta Metsola, il-President tal-PE ritratt tal-grupp

© Parlament Ewropew

Din il-laqqha ppermettiet lill-Presidenti Nisa jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-wasla ta' nisa, tfal u anzjani mill-Ukrajna mifnija bil-gwerra u l-integrazzjoni tagħhom, kif ukoll il-ġestjoni ta' kwistjonijiet soċjali, bħall-aċċess għall-protezzjoni soċjali, is-suq tax-xogħol u s-sistemi tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħha. Barra minn hekk, il-laqqha tat ukoll lill-Presidenti Nisa l-opportunità li jiddiskutu l-attakki bil-missili barbariċi mir-Russia mmirati lejn żoni riservati għal-logħob, lejn pontijiet pedonali, faċilitajiet tal-enerġija, mużewijiet u toroq mimilja nies fl-ibliet Ukreni li kienu seħħew immedjatamente qabel u matul il-laqqha. Il-parteċipanti kellhom ukoll l-opportunità matul iż-żjara tagħhom li jiskambjaw fehmiet ma' Sviatlana Tsikhanouskaya, mexxejja tal-forzi demokratiċi tal-Belarussja u rebbieħa tal-Premju Sakharov fl-2020.

Inħarġet dikjarazzjoni konġunta mill-Kopresidenti li tikkundanna b'mod inekwivoku l-attakki Russi kontra miri ċivili fl-Ukrajna, li tappoġġja l-istabbiliment ta' tribunal internazzjonali speċjali li jżomm lill-awturi responsabbi għad-delitti tal-gwerra tagħhom u tappella għal appoġġ kontinwu lill-Ukreni fl-Ukrajna u f'pajjiżi oħra. Id-dikjarazzjoni konġunta kienet appoġġjata unanimament mill-Presidenti kollha.

4.3. Kooperazzjoni interparlamentari fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE u assemblej parlamentari multilaterali

F'dawn l-aħħar fit-snini, id-demokrazija parlamentari, l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità u l-azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet fundamentali kisbu importanza strateġika u saru punt fokali ta' interess komuni għall-Parlamenti fl-UE. Ir-riżultat sodisaċenti tal-forom ta' skambju interparlamentari f'dawn l-oqsma ħeġġeġ lid-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali biex jippromwovi kooperazzjoni strateġika bejn il-Parlamenti tal-UE u l-Parlament Ewropew fil-qasam tad-demokrazija parlamentari. F'kooperazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni, l-għan ta' dan il-proġett ta' tliet snin huwa li jinħoloq network ta' kollegi mill-Parlamenti tal-UE li jittrattaw programmi ma' Parlamenti ta' pajiżi mhux tal-UE emmirati lejn it-tišeħiħ tad-demokrazija fl-aspetti varji tagħha. Permezz tat-titħbi u l-konsolidazzjoni ta' kuntatti u mezzi informali, skambji ta' dokumenti u informazzjoni, u t-tħejja ta' laqgħat parlamentari mas-servizzi tal-Parlament nazzjonali, l-għan aħħari huwa li ssir kontribuzzjoni għat-tišeħiħ tal-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE permezz tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni.

L-iskambji bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali fl-oqsma tal-azzjoni esterna tal-UE ilhom jikbru matul is-snini f'termini kemm ta' frekwenza kif ukoll ta' varjetà ta' avvenimenti. Bi tweġiba għall-interess kondiviż dejjem jikber u b'kont meħud tal-eżitu promettenti tat-taqṣima tal-pjattaforma IPEX iddedikata għall-Appoġġ għad-Demokrazija, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, flimkien mad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni (DG EXPO), iddeċieda li jniedi proġett strateġiku għall-2022-2024 bil-ġhan li jippromwovi l-ħolqien ta' skambju permanenti fost il-Parlamenti fl-oqsma ta':

- Assemblej u fora parlamentari multilaterali
- Appoġġ għad-Demokrazija u assistenza ta' qabel l-adeżjoni
- Delegazzjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali
- Azzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
- Medjazzjoni

L-objettiv kondiviż ta' dan l-iskambju strateġiku bejn il-Parlamenti Ewropej u l-parlamenti nazzjonali huwa li jtejjeb is-sinerġiji u jipprevjeni d-duplikazzjoni fil-ħidma tal-Parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew f'dan il-qasam, kif ukoll li jippermetti sorveljanza u skrutinju parlamentari aħjar tal-UE meta tittratta d-dimensjoni esterna tagħha.

Matul l-2022, li bdiet bl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-forom eżistenti ta' skambju taw prova tal-utilità tagħhom. Mill-jiem immedjatamente wara l-invażjoni, kemm il-PE kif ukoll il-Parlamenti nazzjonali attivaw diversi formati ta' skambju biex jimmonitorjaw u jsegwu l-azzjonijiet istituzzjonali kollha u l-adozzjoni ta' dokumenti fir-rigward tal-gwerra u l-appoġġ lill-Ukrajna. Taqṣima ddedikata lill-Ukrajna ġiet attivata immedjatamente fuq il-pjattaforma IPEX. Peress li l-invażjoni tista' titqies ukoll bħala dikjarazzjoni ta' gwerra kontra l-valuri fundamentali tal-UE u tal-pajiżi kandidati tagħha, din irriżultat f'aktar tišeħiħ tal-ġħarfien digħi qawwi tal-ħtieġa għal skambji parlamentari strutturati.

Network ta' Appoġġ għad-Demokrazjajk

Il-Parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew involvew ruħhom f'diversi attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija mal-Parlamenti ta' pajiżi mhux tal-UE, b'livelli differenti ta' involviment, għodod u prioritajiet. L-ġħan ta' dan in-network bejn il-personal tal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE huwa li jtejjeb il-fehim reċiproku permezz tal-kondiviżjoni tal-ġħarfien u l-iskambju tal-aħjar prattiki.

L-IPEX jippermetti lill-membri tal-personal tal-Parlamenti involuti fin-Network ta' Appoġġ għad-

Demokrazija jikkondividu l-attivitajiet tagħhom. L-għan huwa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni, fil-livell amministrattiv u politiku, billi l-atturi kollha jitħallew ikollhom ħarsa ġenerali komprensiva tal-attivitajiet f'Parlament Sieħeb partikolari, li qed jitħejjew, għadhom għaddejjin jew ġew konklużi. Kull Parlament nazzjonali tal-UE għażel persuna responsabbi għan-network f'kull Kamra.



[Paġna web speċjali fuq is-sit web tal-IPEX hija ddedikata għall-attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija tan-Network ta' Appoġġ għad-Demokrazija tal-Parlamenti Nazzjonali tal-UE u tal-Parlament Ewropew.](#)

Saru diversi laqgħat matul l-2022, inkluż l-ewwel [aqgħha bi preżenza fiżika tan-Network ta' Appoġġ għad-Demokrazija, li saret fi Brussell fl-1 ta' Diċembru 2022.](#)

Til-laqgħa ġiet organizzata f'kooperazzjoni mal-Unità tal-Appoġġ Parlamentari u l-Bini tal-Kapaċità tad-Direttorat għas-Sostenn għad-Demokrazija tad-DG EXPO. Attendew rappreżentanti ta' 22 Parlament nazzjonali/Kmamar fil-livell tal-persunal.

Dan kien maqsum fi tliet gruppi ta' esperti u, wara r-rimarki tal-ftuħ, sar skambju ta' fehmiet dwar "l-attivitajiet fil-Balkani tal-Punent", li fih Parlamenti nazzjonali magħżula: Iċ-Ċekja, I-İż-vezja, I-Ungeria, I-Awstrija, il-Kroazja u I-Ġermanja, li huma partikolarmen attivi fil-qasam tal-appoġġ għad-demokrazija fil-Balkani tal-Punent, ippreżentaw l-esperjenza tax-xogħol tagħħom. Diskussioni dettaljata ħafna u produttiva fost il-parteċipanti wasslet għal rieda mtennija għal aktar kooperazzjoni fin-Network ta' Appoġġ għad-Demokrazija, ibbażata fuq fehim komuni u prammatiku, li għandu jippermetti rि�zultati konkreti fil-futur.

Ir-realtà istituzzjonal i-ġidida, riflessa mill-ħolqien tad-Direttorat Ġenerali għas-Sħubji għad-Demokrazija Parlamentari fil-Parlament Ewropew, se tinfluwenza b'mod pożittiv l-iżvilupp ta' skambji strutturali parlamentari multilaterali.

L-objettivi għall-2023 huma li jiġu vvalutati u indirizzati l-opportunitajiet u l-isfidi tal-ġħodod u n-networks eżistenti għall-kooperazzjoni interparlamentari fil-qasam tad-demokrazija parlamentari; li jikkontribwixxu għat-tfassil ta' kalendarju konġunt ta' avvenimenti interparlamentari relatati mal-oqsma speċifiċi magħżula u li jippromwovu skambji regolari kontinwi fi ħdan in-Network ta' Appoġġ għad-Demokrazija, b'mod partikolari bl-appoġġ għall-organizzazzjoni ta' laqgħat annwali bi preżenza fiżika ospitati minn wieħed mill-Parlamenti parteċipanti.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- L-ewwel laqgħa personali tan-Network ta' Appoġġ għad-Demokrazija saret fi Brussell fl-1 ta' Diċembru 2022, u kkonfermat ir-rieda tal-parteċipanti kollha li jkomplu jiż-żviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni abbażi ta' approċċ tanġibbli u prammatiku.

4.4. Żjarat bilaterali u skambji bilaterali oħra

Iż-żarat bilaterali min-naħħa tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew huma strument u format f'evoluzzjoni kostanti għad-djalogu interparlamentari. Dan il-format huwa ffukat ħafna, imfassal apposta, flessibbi u kosteffiċċenti u effiċċienti fil-ħin. Jippermetti li jsiru diskussionijiet dwar kwistionijiet li jikkonċernaw lill-Parlamenti nazzjonali individwali.

Bara minn hekk, skambji ta' fehmiet oħra fil-livell bilaterali jistgħu jkunu forma utli ta' kooperazzjoni interparlamentari fuq skala żgħira meta l-membri parlamentari jkollhom bżonn jibdew kollaborazzjoni, jikkonċentraw fuq suġġetti speċifiċi jew japrofondixxu l-kollaborazzjoni f'oqsma konkreti ta' interessa reċiproku.

Iż-żarat bilaterali tradizzjonalment huma forma importanti ta' kooperazzjoni interparlamentari. Il-laqgħat isiru f'diversi livelli u f'diversi formati, mid-diskussionijiet politiċi tal-ogħla livell għaż-żżarat ta' studju fil-livell tal-persunal tekniku.

Fl-2022, wara waqfa twila, reċċgħu saru žarat u skambji bilaterali bi preżenza fiżika, u saru 26 żara mill-Parlamenti nazzjonali. Anki jekk in-numru tagħhom kien ferm aktar baxx mir-rata ta' qabel il-pandemja, madankollu dan kien żvilupp pożittiv ħafna. B'paragun, minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 u l-kundizzjonijiet li japplikaw fil-Parlament Ewropew, prattikament ma saret l-ebda delegazzjoni jew żara bi preżenza fiżika fl-2021.

Iż-żarat kienu kemm politiċi, inklużi žarat ta' livell għoli (Presidenti jew Ministri tal-Parlament) kif ukoll žarat tal-Membri, u ta' natura amministrattiva. Il-parlamentari nazzjonali kellhom skambju ta' fehmiet mal-kontropartijiet tagħhom mill-kumitat magħżu korrispondenti tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam tal-politiki interni. Iż-żarat tal-persunal laqqgħu flimkien uffiċċiali minn diversi servizzi, inklużi iż-żira mhux limitati għas-sesegħi tal-kumitat. Il-Parlamenti Żvediż u Spanjoli pparteċipaw fi žarat ta' studju mmirati lejn it-tħejjija ottimali tad-dimensjoni parlamentari tal-presidenzi li jmiss.

B'kuntrast mal-2021, ma ġie stabbilit l-ebda skambju bilaterali organizzat mill-bogħod bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali fl-2022; madankollu, għall-avvenimenti tal-COSAC u għal-laqgħat interparlamentari tal-kumitat, spiss intużaw vidjokonferenzi.

Lista komprensiva taż-żżarat u l-iskambji bilaterali tinsab fl-Anness III

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Minħabba t-titjib tas-sitwazzjoni epidemjoloġika u t-tħaffif tar-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-Parlament Ewropew, iż-żżarat bilaterali mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fil-binja tal-Parlament Ewropew setgħu fl-aħħar jerġgħu jibdew, anki jekk in-numru tagħhom kien aktar baxx milli fis-snin ta' qabel il-pandemja.
- Il-vidjokonferenzi, li kienu l-format prinċipali tal-iskambji bilaterali fl-2021, ma baqgħu jintużaw, anki jekk jibqgħu mezz importanti ta' komunikazzjoni għal skambji bilaterali diretti u mmirati.

5. KOOPERAZZJONI LEĠIŻLATTIVA MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE

5.1. Is-Sistema ta' Twissija Preventiva u I-Protokoll Nru 2 tat-Trattati

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà (minqux fl-Artikolu 5 tat-TUE), fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza eskużiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda jkunu jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-objettivi tat-Trattati.

Il-Parlamenti nazzjonali għandhom jaraw lil-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi rispettats kont il-proċedura prevista fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Dan il-Protokoll jistabbilixxi mekkaniżmu ta' reviżjoni, is-Sistema ta' Twissija Preventiva. Fl-ambitu ta' dan il-mekkaniżmu, il-Parlamenti nazzjonali jistgħu, fi żmien tmien ġimġħat minn meta jirċievu abbozz ta' att leġiżlattiv, jibagħtu lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqisli li l-abbozz in kwistjoni ma jinxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

5.1.1 Sistema ta' Twissija Preventiva

Fir-rigward tas-Sistema ta' Twissija Preventiva, l-osservazzjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE jitqiesu skont il-kategoriji li ġejjin⁹:

1. Opinjoni motivata: jekk tiġi ppreżentata taħt dik l-intestatura u tasal qabel it-terminu ta' tmien ġimġħat imsemmi fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 għat-Trattati¹⁰, u titqajjem il-kwistjoni ta' nuqqas ta' rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.
2. Kontribut: jekk l-osservazzjoni ppreżentata ma tissodisfax il-kriterji ta' hawn fuq.

Meta l-opinjonijiet motivati jirrappreżentaw għall-anqas terz tal-voti allokat i-l-Parlamenti nazzjonali, l-abbozz ta' att leġiżlattiv irid jiġi rivedut (karta safra). L-istituzzjoni li minnha jkun ġej l-abbozz ta' att tista' tiddeċċiedi jew li żżomm l-abbozz, jew temendah, jew inkella tirtirah, u tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tieħu. Fir-rigward ta' abbozzi ta' atti relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija jew il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, dan il-limitu huwa inqas (kwart tal-voti).

Jekk, fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlamenti nazzjonali b'tal-anqas maġġoranza sempliċi tal-voti jikkontestaw il-konformità tal-proposta leġiżlattiva mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni jeħtiġilha tirrevedi l-proposta tagħha u tiddeċċiedi jekk iżżommhiex, temendahiem jew tirtirahiex. Jekk tiddeċċiedi li żżomm il-proposta tagħha, il-kwistjoni tiġi rriferuta lil-leġiżlatur (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) u l-Kummissjoni jkollha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha (proċedura tal-karta oranġjo). Jekk il-leġiżlatur iqisli li l-proposta leġiżlattiva mhijiex kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa jista' jirrifutaha b'maġġoranza ta' 55% tal-Membri tal-Kunsill jew tal-maġġoranza sempliċi tal-voti espresso fil-Parlament Ewropew. Sal-lum, il-proċedura tal-karta safra ġiet attivata

⁹ Ara d-dokument tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitat tal-15 ta' Diċembru 2010: "Common approach for the treatment at committee level of national Parliaments' reasoned opinions and all other contributions of national Parliaments" (Approċċ komuni għat-trattamento fil-livell tal-kumitat tal-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali u tal-kontributi l-oħra kollha tal-Parlamenti nazzjonali).

¹⁰ L-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità: "Kull parlament nazzjonali jew kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu, fi żmien tmien ġimġħat mid-data minn meta jirċievu abbozz ta' att leġiżlattiv fil-lingwi uffiċċiali tal-Unjoni, jibgħatu lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqisli li l-abbozz in kwistjoni ma jinxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kull parlament nazzjonali u kull kamra ta' parlament

tliet darbiet¹¹, filwaqt li l-proċedura tal-karta oranġjo qatt ma ġiet attivata.

Fi ħdan il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) huwa l-kumitat responsabbi għall-monitoraġġ tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà tal-opinjonijiet motivati¹². Kull sitt xhur, membru tal-kumitat jinħatar bħala rapporteur permanenti għas-sussidjarjetà abbażi ta' mekkaniżmu ta' rotazzjoni fost il-gruppi politiċi.


Nacho Sánchez Amor (S&D) MEP u Karen Melchior (Renew¹³) issodisfaw ir-rwol ta' rapporteurs permanenti għas-sussidjarjetà għas-sena 2022. Il-Kumitat JURI jħejji wkoll regolarment rapport dwar ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

5.1.2 Osservazzjonijiet ippreżentati mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE

In 2022, the European Parliament formally received **265 submissions** from national Parliaments under Protocol No 2 on the application of the principles of subsidiarity and proportionality. Of these 249 submissions, **34 (13%) were reasoned opinions and 231 (87%) contributions** (submissions not raising concerns about subsidiarity).

By comparison, in 2021 there had been 227 submissions, of which 24 were reasoned opinions and 203 contributions.

In 2022, 13 out of 39 Parliaments/Chambers submitted reasoned opinions and 19 submitted contributions.



L-aktar Parlamenti attivi fit-trażmissjoni ta' opinjonijiet motivati kienu r-Riksdag Żvediż bi 13-il opinjoni motivata, il-Kamra tad-Deputati Ċeka b'ħamsa u s-Senat Franċiż b'erbgħa


¹¹ Il-proċedura tal-karta safra ntużat fl-2012 fir-rigward ta' proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-eżerċizzu tad-dritt li tittleħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ("Monti II"). Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kummissjoni rtirat il-proposta tagħha, iżda qieset li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kienx inkiser. Din reġgħet intużat fl-2013 wara l-preżentazzjoni tal-proposta għal regolament dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-proposta, billi argumentat li kienet konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Intużat ukoll fl-2016 kontra l-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema. Il-Kummissjoni tat-raġun ijietdettaljati għaż-żamma tal-proposta tagħha, peress li ma kinitx tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi l-kwistjoni tal-ħaddiema stazzjonati hija, skont it-tifsira tagħha stess, waħda transnazjonali.

¹² It-Taqsima XVI tal-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew tistipula li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali huwa responsabbi "għall-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-Liġi tal-Unjoni, u għall-konformità tal-atti tal-Unjoni mal-leġiżlazzjoni primarja, b'mod partikulari l-għażla tal-bażi legali u r-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità".


¹³ "Is-Soċjalisti u d-Demokratiċi" (S&D) u "Grupp Renew Europe" (Renew) huma gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew.

In-numru ta' kontributi riċevuti fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fl-2022 – skont il-Kamra			
Country	Parliaments/Chambers	Contributions	
ES	Cortes	58	
CZ	Senát	55	
CZ	Poslanecká sněmovna	21	
DE	Bundesrat	17	
PT	Assembleia da Republica	16	
NL	Eerste Kamer	13	
RO	Senat	11	
IT	Camera dei deputati	9	
IT	Senato	6	
FR	Sénat	6	
IE	Houses of Oireachtas	5	
AT	Bundesrat	3	
RO	Camera deputatilor	2	
FR	Assemblée nationale	2	
DK	Folketinget	2	
HU	Országgyűlés	1	
FI	Eduskunta	1	
BG	Narodno Sabranie	1	
BE	Sénat	1	
SE	Riksdag	1	

Fir-rigward tal-kontributi, l-aktar Parlamenti/Kmamar attivi kienu rispettivament: il-Parlament Spanjol bi 58 kontribut ippreżentati, is-Senat Ċek b'56 u l-Kamra Ċeka b'21. Statistika aktar dettaljata għall-2022 tista' tinstab fl-Anness IV.



Il-kumitat li rċevew l-aktar opinjonijiet motivati (sitt opinjonijiet motivati kull wieħed) kieni l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija.



Il-kumitat li rċevew **l-aktar kontributi** kieni l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (57 kontributi), il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (35 kontributi) u l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (29 kontributi).

Mid-dħul fis-seħħi tat-Trattat ta' Liżbona fl-2009, intbagħtu total ta' 1,176 abbozz ta' atti leġiżlattivi lill-Parlamenti nazzjonali biex jiġu eżaminati skont it-termini tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Liżbona. Bi tweġiba, il-Parlament Ewropew irċieva **3,946 osservazzjoni** mill-Parlamenti nazzjonali. Minn dawn, **545 (14%) huma opinjonijiet motivati**, filwaqt li t-**3,401 (86%)** li jifdal huma kontributi.

Din l-istatistika tikkonferma li l-parlamenti nazzjonali tal-UE jużaw il-Protokoll Nru 2 bħala mezz biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sustanza tal-proposti aktar ta' spiss milli dwar is-sussidjarjet. Dan jista' jirrifletti x-xewqa tagħhom li jkunu involuti aktar mill-qrib fis-sustanza tal-proċess leġiżlattiv.

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jiġura li l-osservazzjonijiet kollha li jintbagħtu mill-Parlamenti nazzjonali jkunu disponibbli għall-Membri, għall-korpi politiċi u għas-servizzi tal-Parlament Ewropew. Id-Direttorat ifornihom, b'mod partikolari lir-rapporteurs, għarfien espert speċifiku u informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE matul iċ-ċiklu leġiżlattiv, li jkunu ntużaw bħala spunt għall-abbozzar tar-rapporti tal-kumitat u għan-negozjati tat-trilogo mal-Kunsill. Id-Direttorat jipprovdik kull xahar fatti, ċifri u statistika dwar in-numru u n-natura ta' dawn id-dokumenti permezz tal-pubblikazzjoni tiegħi ta' kull xahar "State of Play Note" dwar il-Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Liżbona, u jieħu ħsieb ukoll il-bażi tad-data

CONNECT¹⁴, li fiha l-opinjonijiet motivati u l-kontributi kollha ppreżentati mill-Parlamenti nazzjonal.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- In-numru ta' osservazzjonijiet ippreżentati mill-Parlamenti nazzjonal żidet b'16%, minn 227 fl-2021 għal 265 fl-2022.
- Il-maġġoranza ta' dawn l-osservazzjonijiet ippreżentati (86%) kienu kontributi li ma qajmux tħassib dwar is-sussidjarjet. Dan in-numru juri r-rieda tal-Parlamenti nazzjonal li jesprimu t-tħassib u l-opinjonijiet tagħhom dwar is-sustanza tal-proposti. Dan il-mekkaniżmu ta' twissija preventiva jintuża primarjament bħala għodda għal djalogu leġiżlattiv mal-koleġiżlaturi tal-UE.

5.1.3 State of Play Note ta' Kull Xahar

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonal jiiproduċi [State of Play Note](#) ta' kull xahar dwar l-opinjonijiet motivati u l-kontributi ppreżentati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll Nru 2. Din in-Nota, li tintbagħha lill-Membri, lis-servizzi rilevanti tal-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonal, tagħti ġħarsa ġenerali lejn l-osservazzjonijiet ippreżentati kollha li waslu wara n-nota preċedenti u tirreferi għall-fajls leġiżlattivi kollha li jinsabu fuq l-aġenda tas-sessjoni plenarja li jkun imiss tal-Parlament Ewropew. In-Nota hija inkluża wkoll fil-fajl tal-laqqgħa għall-Konferenza tal-Presidenti tal-Kunitati tal-Parlament Ewropew. Hija ppubblikata wkoll fuq is-sit web tad-Direttorat qabel kull sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew.

III. FACTS & FIGURES

A. Since the previous State of Play note (1 November 2021):
Since the previous update on the State of Play, the European Parliament has received:
 • 9 draft legislative acts in the context of Protocol 2.
 • 2 motions of opinion on different draft legislative acts.
 • 8 contributions by various Committees on different draft legislative acts.

B. For the 9th legislature in term (2019-2024):
Since the beginning of the 9th legislature in 2019, the European Parliament has received 294 draft legislative acts, 47 motions of opinion and 726 contributions.

**No of opinions and AME notifications up to date Committee
9th legislature**

EP Committee	Proposed	Received opinion	Contributed	AME received opinion and contributions
AMCO	2	0	0	0
APET	0	0	0	0
AGRI	16	0	17	33
BUDG	0	2	13	15
CIVIT	0	0	0	0
CULT	3	1	5	8
DEVE	2	0	0	2
EDOIN	0	0	50	50
EMPL	0	0	22	22
ENVI	0	0	25	25
FEMM	2	1	3	5
INDU	0	0	444	444
IMRTA	10	0	8	8
ITRE	21	0	40	57
JURI	13	3	16	16
LAW	45	11	125	136
PECH	2	0	0	2
REGI	0	0	23	23
TRAN	0	0	31	31
TOTAL	294	67	126	362


C. Visit the online database of the Union Treaty (UT) (available 2009):
Visit the website of the Office of the European Treaty, <http://www.orientweb.europa.eu> (Draft legislation later than 2009 is not yet available). Proceedings for compliance under the terms of Protocol No 2 of the Treaty of Lisbon.
On request, the European Parliament has received 294 contributions from various institutions. Of these, all the received opinions will be included. **362** are contributions.

D. European citizens and constituents from around Parliament in EU; registrations are available via the following Office or at <http://www.consilium.europa.eu/legislate/parliament/>


¹⁴ Ara aktar fil-Kapitolo 7.2.

5.2. Djalogu Politiku Informali u I-Protokoll Nru 1 tat-Trattati

Il-Protokoll Nru 1 tat-Trattat dwar I-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li I-Parlamenti nazzjonali tal-UE jistgħu jikkumentaw dwar fajs leġiżlattivi li jaqqħu taħt il-kompetenza eskużiva tal-UE kif ukoll dwar dokumenti mhux leġiżlattivi, pereżempju, fir-rigward tad-dibattiti li għaddejjin fil-livell Ewropew, tal-Green/White Papers tal-Kummissjoni jew tal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn il-kontributi jiġu ttrattati fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali (DPI).



Fl-2022, il-Parlamenti nazzjonali tal-UE komplew jagħmlu użu attiv minn din l-għoddha, billi bagħtu 144 kontributi taħt id-Djalogu Politiku Informali. F'dan il-kuntest, it-tliet Parlamenti/Kmamar l-aktar attivi fl-2022 kienu s-Senat Ċek (35), il-Kamra tad-Deputati Rumena (34) u l-Kamra tad-Deputati Ċeka (17).



L-erba' kumitat li rċevew l-aktar kontributi taħt id-Djalogu Politiku Informali kienu l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) bi 23, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) b'19, u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċibili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) bi 15. "PROPRU" tifisser li din it-tip ta' osservazzjoni ppreżentata minn Parlament nazzjonali ma ġietx attribwita lil xi kumitat speċifiku fil-PE.

Mill-2009, il-Parlament Ewropew irċieva madwar 2,810 kontribut mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1, li ġew ippubblikati wkoll fil-bażi tad-data CONNECT. Statistika dettaljata dwar il-kontributi riċevuti fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali fl-2022 hija disponibbli fl-Anness V.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- In-numru ta' kontributi ppreżentati fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali naqas b'36%, minn 222 fl-2021 għal 143 fl-2022. L-aktar raġuni probabbli għal dan hija li fl-2021, il-Kummissjoni kellha rwol attiv ħafna fil-propożizzjoni ta' leġiżlazzjoni ġidha bħala risposta għall-pandemija tal-COVID 19, iżda l-ħtieja għal leġiżlazzjoni ġidha saret inqas akuta b'mod parallel mat-tnejnej fis-severità tal-pandemija.
- Il-Parlamenti Nazzjonali fornew aktar sommarji bl-Ingliż mal-osservazzjonijiet tagħħhom kemm fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 kif ukoll fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1, u dan iffaċilita l-ħidma tal-leġiżlaturi.

6. NETWORKS U SKAMBUJU TA' INFORMAZZJONI

6.1. Skambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX)

L-Iskambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX) jappoġġja l-kooperazzjoni interparlamentari billi jiprovođi pjattaforma u network għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni relatata mal-UE bejn il-parlamenti fl-UE. L-IPEX tnieda bħala inizjattiva tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE u ġie żviluppat bl-assistenza teknika tal-Parlament Ewropew. Illum, 39 kamra ta' 27 Parlament nazzjonali u l-Parlament Ewropew qed jużaw l-IPEX fl-aktivitajiet tagħhom ta' kuljum. L-IPEX huwa soġġett għal titjb kontinwu biex iwieġeb għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-utenti tiegħu. L-għan aħħari huwa li l-IPEX isir "il-punt uniku ta' servizz" għall-aktivitajiet interparlamentari.

L-IPEX huwa kkaratterizzat b'mod varjat minn funzjonijiet ta'"għoddha", "pjattaforma" u "network". Dawn it-tliet definizzjonijiet huma xhieda tal-evoluzzjoni tal-istrument. L-iżvilupp tiegħu minn għodda għal network kien bil-mod iżda issa qed tilħaq l-għan tagħha

L-2022 immarkat l-ewwel sena sħiħa ta' attivit għall-pjattaforma IPEX il-ġgdida (IPEX v3). Matul is-sena seħħew ħames rilaxxi ewlenin bil-għan li jiżdiedu l-affidabbiltà u l-aċċessibbiltà tal-pjattaforma. Dawn ir-rilaxxi ġew immonitorjati mill-Grupp ta' Tmexxija ppresedut mill-Parlament Sloven. Il-ħidma ewlenija tal-Grupp ta' Tmexxija kienet li jindirizza l-adattamenti u jirrevedi kwalunkwe żball tekniku li jista' jseħħi matul il-fażi tal-iżvilupp u l-it-testjar.

Minbarra li jindirizza l-aspetti tekniċi tal-pjattaforma, in-network IPEX, li jinkludi l-korrispondenti tiegħu, il-Gruppi ta' Ħidma u l-Bord, iddedika l-enerġiji tagħhom għall-implimentazzjoni tal-kompli stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Kontinwu IPEX 2021-2023. Bħala riżultat ta' dawn l-isforzi, sa tmiem is-sena l-*Grupp ta' Ħidma dwar il-Kontenut* iffinalizza s-segwitu għall-istudju ta' referenza, li ffoka fuq għarfiem ġdid dwar l-użu tal-IPEX u t-tiġiha tan-networks interparlamentari.

B'mod parallel, il-*Grupp ta' Ħidma dwar il-Promozzjoni u l-Midja Soċjali* ħadem fuq analiżi tal-utenti bil-għan li jinkiseb fehim aħjar tal-ħtiġijiet tal-utenti u li jiġu identifikati funzjonijiet ġoddha tal-IPEX li għandhom jiġu żviluppati. Bil-kombinament tal-aproċċ ta' dawn iż-żewġ Gruppi ta' Ħidma, id-diversi kapitoli tal-abbozz tal-kwestjonarju u l-iskeda ta' żmien għall-istudju ta' segwit u ġew diskussi mal-Bord, li approva t-triq'il quddiem. Wara l-aspirazzjoni espressa mis-Segretarji Ġenerali fil-laqgħa tagħħom f'Ljubljana, parti speċifika tal-kwestjonarju ta' studju ta' referenza kienet iddedikata għall-komunità xjentifika, sabiex jibbenefikaw minn studji dwar l-aktivitajiet tal-Parlamenti nazzjonali fil-livell tal-UE fil-ħidma ta' riċerka.

Il-*Grupp ta' Ħidma dwar it-Taħriġ* iffoka prinċipalment fuq l-għotni ta' appoġġ lill-Korrispondenti Nazzjonali, l-aġġornament tal-materjali ta' taħriġ eżistenti sabiex isir aktar faċli għall-utent u d-diskussjoni dwar l-aħjar mod kif jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-Korrispondenti. Il-Grupp ta' Ħidma ħadem fuq materjal ta' taħriġ fuq kontenut ġdid proprio u beda jindirizza kwistjoni li taffettwa t-*taqsima tan-Network ta' Appoġġ għad-Demokrazija* dwar l-IPEX, fejn in-nuqqas ta' uploads kompleti u f'waqt hom minn xi korrispondenti deher li żvela ħtiġijiet speċifiċi ta' taħriġ.

Ta' min isemmi wkoll, fost ir-riżultati miksuba matul l-2022, l-adozzjoni tal-*Pakketti tal-Identità Viżwali* li għandhom jintużaw mill-Korrispondenti tal-IPEX, il-Presidenti tal-IPEX, l-Ufficial tal-Informazzjoni tal-IPEX, l-organizzaturi tal-Konferenza tal-Utenti u tal-Laqqha tal-Korrispondenti tal-IPEX, u l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE. Sadanittant, tnedew kampanji fuq Twitter fuq diversi laqgħat interparlamentari, (COSAC, PESK/PSDK) u f'Jum l-Ewropa.

Waħda mill-kisbiet l-aktar sinifikanti tas-sena kienet l-adozzjoni ta' kompromess finali dwar *ir-reviżjoni*

tal-Linji Gwida tal-IPEx. It-tnedija tal-pjattaforma l-ġdida IPEx v3 għamlitha neċċessarja li jiġu adottati linji gwida ġodda f'konformità mal-funzjonalitajiet il-ġodda offruti mill-pjattaforma. Ir-riżultati pożittivi ta' dan il-proċess delikat u diffiċli kieni fihom infushom kisba f'termini ta' kooperazzjoni interparlamentari.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Jintlaħaq kompromess finali dwar ir-reviżjoni tal-Linji Gwida tal-IPEx.
- Il-finalizzazzjoni tal-istudju ta' segwit u referenza u tal-kwestjonarju lill-utenti.
- Adozzjoni tal-Pakketti tal-Identità Viżwali.

6.2. Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)

Immexxi b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, I-ECPRD jinkludi 64 Kamra parlamentari (inklużi 39 fl-Unjoni Ewropea) minn 53 pajjiż u istituzzjoni tal-UE fost il-membri tiegħu.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li jeskludi I-Federazzjoni Russa fis-16 ta' Marzu 2022 fissret li d-Duma u I-Kunsill tal-Federazzjoni Russa ma għadhomx parti mill-ECPRD u ma jistgħux jipparteċipaw fl-aktivitajiet tiegħu B'rizzultat ta' dan, I-aċċess tal-korrispondenti Russi għan-network tal-ECPRD ġie diżattivat. Kważi 119-il korrispondent u viċi korrispondent jirrapreżentaw il-Parlamenti rispettivi tagħhom fin-network u jikkontribwixxu għall-objettivi ewlenin tal-ECPRD: il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar praktika dwar suġġetti ta' interess komuni. L-ECPRD jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Kmamar membri billi jagħti bidu għal talbiet komparattivi tal-ECPRD u jorganizza seminars.



Fi żminijiet meta l-ħtieġa li jsir skambju, kooperazzjoni u tagħlim minn xulxin qed tikber, I-ECPRD huwa storja ta' suċċess li hija dovuta ħafna għad-dedikazzjoni u l-professionaliżmu tal-korrispondenti f'kull Parlament nazzjonali.

Iż-żeuwg pilastri tal-aktivitajiet tal-ECPRD baqgħu *talbiet komparattivi* minn naħħa waħda u *seminars* min-naħħa l-oħra.

Fl-2022, in-network tal-ECPRD gradwalment reġa' lura għan-normalità wara sentejn tal-pandemja, li kienet affettwat b'mod profond il-funzjonament tiegħu. Madankollu, is-sena tidher li kkonfermat li I-metodi ta' tħidma l-ġodda stabbiliti biex jinżammu I-aktivitajiet matul il-kriżi tal-COVID-19 se jkollhom ħajja twila. Filwaqt li l-laqqħat bi preżenza fiżika reġgħu bdew bil-mod, b'mod partikolari fil-Konferenza Annwali tal-Korrispondenti li saret f'Novembru f'Yerevan, I-Armenja, il-maġġoranza tal-laqqħat xorta saru virtwalment.

Il-prattika attwali tidher li miejxa lejn bilanċ ta' laqqħat virtwali u bi preżenza fiżika, sabiex tibbenfika mill-vantaġġi taż-żeuwg għażiex: I-organizzazzjoni ta' numru akbar ta' webinars dwar suġġetti ta' interess komuni, li jippermettu l-parteċipazzjoni ta' numru akbar ta' kollegi mill-Parlamenti nazzjonali, u ż-żamma ta' seminars regolari wiċċi imb wiċċi, li jippermettu interazzjonijiet personali, li huma kruċjali għal network immirat lejn il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u praktika tajba.


1. Talbiet komparattivi

Fl-2022, il-Parlamenti membri tal-ECPRD ressju 342 talba komparattiva lin-network, li rriżulta f'9,154 tweġiba. Meta mqabbel maċ-ċifra tal-2021, kien hemm tnaqqis żgħir fin-numru ta' talbiet (356 talba komparattiva fl-2021), iżda żieda fl-għadd ta' tweġibet (8,928 tweġiba fl-2021).



It-talbiet għal informazzjoni koprew ġafna setturi, ta' importanza partikolari mogħtija lil suġġetti relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol F'amministrazzjoni parlamentari u ma' kwistjonijiet soċjali, tas-saħħha u tal-migrazzjoni. Numru sostanzjali ta' talbiet intbagħtu dwar kwistjonijiet legali u finanzjarji, u dwar kwistjonijiet parlamentari b'mod ġenerali. Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali pprovda wkoll appoġġ l-i diversi servizzi tal-Parlament Ewropew billi ffaċilita u bagħat it-talbiet tagħihom lin-network ECPRD. B'kollo, il-Parlament Ewropew ressaq 16-il talba lin-network tal-ECPRD fl-2022. Dan jirrappreżenta żieda żgħira mill-2021, li fiha kien hemm 14-il talba tal-Parlament Ewropew, u mill-2020, li fiha kien hemm 12-il talba.

Fl-2022, il-Parlament Ewropew ta 88 tweġiba għal talbiet mill-Parlamenti I-oħra tal-ECPRD, b'rata ta' rispons ta' 94.2%, tnaqqis żgħir meta mqabbel mad-89 tweġiba li ta fl-2021, b'rata ta' rispons ta' 97.8%, iżda aktar mid-79 tweġiba fl-2020, b'rata ta' rispons ta' 88.7% u saħansitra aktar meta mqabbha mas-27 tweġiba li ta fl-2019, u t-30 li ta fl-2018.



2. Sommarji finali

Final summaries are the best way to highlight the immense number and usefulness of ECPRD requests and answers. Solutions to encourage the drafting of final summaries have been under consideration for some time. In this regard, the new version of the ECPRD website, put online in October 2020 with the support of the European Parliament's IT services, aimed to *modify the correspondents' dashboard in order to invite them to submit their final summaries* and to give visibility to those uploaded to the ECPRD website. Following this reflection, in 2020, the *ECPRD final summary rate* increased considerably, with 41 % of requests leading to the publication of a reply analysis (compared to 16 % in 2019 and 11.3 % in 2018). Unfortunately, this figure fell back down to 21 % in 2021; however, *in 2022, there was a slight increase to 27.5 %*.



Cloud tal-kliem ewlieni relatati mal-ECPRD


3. Laqgħat statutorjis

It-tliet laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv fl-2022 ġew organizzati mill-bogħod fil-31 ta' Marzu, fid-9 ta' Ġunju u fit-8 ta' Settembru mill-Parlament Ewropew. L-objettiv ewlieni ta' dawn il-laqgħat kien it-tħejjija tal-*Konferenza Annwali li jmiss. Fid-dawl tat-tnejħha progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-laqgħat u l-ivvjaġġar, il-Konferenza Annwali tal-Korrispondenti tal-ECPRD 2022* saret bi preżenza fiżika wara sentejn ta' laqgħat virtwali minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. Il-Konferenza Annwali saret *f'Yerevan fl-10-11 ta' Novembru 2022* fuq stedina tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Armenja.

Is-sessjoni ta' qabel il-konferenza ffukat fuq is-suġġett ta' "Legislative monitoring and research as parliamentary oversight tools". (Monitoraġġ u riċerka leġiżlattivi bħala għodod ta' sorveljanza parlamentari). Il-Konferenza nnifisha offriet opportunità biex tilqa' u tiggwida l-korrispondenti l-ġoddha tal-ECPRD u ffukat *fuq is-segwitu tal-linji gwida tal-ECPRD għal talbiet u t-tweġibiet adottati mill-Konferenza Annwali ta' Londra* s-sena ta' qabel. Dan kien segwit minn preżentazzjoni tal-istħarriġ online l-ġdid u l-funzjonalità tat-talbiet u t-tweġibiet tas-sit web tal-ECPRD.

4. Seminars

Is-sommarji finali huma l-aħjar mod kif jiġu enfasizzati n-numru enormi u l-utilità tat-talbiet u t-tweġibiet tal-ECPRD. Soluzzjonijiet biex jiġi mħeġġeġ l-abbozzar tas-sommarji finali ilhom jiġu kkunsidrati għal xi żmien. F'dan ir-rigward, il-verżjoni l-ġidha tas-sit web tal-ECPRD, li ttellgħet online f'Ottubru 2020 bl-appoġġ tas-servizzi informatiċi tal-Parlament Ewropew, kellha l-għan *li timmodi ka t-tabu tħalli sabiex jiġi mistiedna jressqu s-sommarji finali tagħhom* u jagħtu viżibbiltà lil dawk li jittellgħu fuq is-sit web tal-ECPRD. Wara din ir-riflessjoni, fl-2020, *ir-rata ta' sommarji finali tal-ECPRD* żdiedet b'mod konsiderevoli, b'41% tat-talbiet iwasslu għall-pubblikazzjoni ta' analiżi ta' tweġiba (meta mqabbla ma' 16% fl-2019 u 11.3% fl-2018). Sfornatament, din iċ-ċifra reġgħet naqset għal 21% fl-2021; madankollu, *fl-2022, kien hemm żieda żgħira għal 27.5%*.



Til-paġna ta' quddiem tas-sit web tan-network tal-ECPRD hija pubblika, filwaqt li l-aċċess għat-talbiet u għat-tweġibet huwa ristrett għall-korrispondenti tal-IPEX mill-Parlamenti parteċipanti.

Fl-2022, is-Segretarjat tal-ECPRD kien involut fl-organizzazzjoni ta' tmien webinars u seminars tal-ECPRD. L-istatistika dettaljata dwar l-avvenimenti tal-ECPRD tista' tinstab fl-Anness VI. C.

1. I. Fil-Qasam ta' Interess tal-“ICT fil-Parlamenti”, ġie ospitat webinar mill-bogħod mill-Knesset f’Ġerusalem fit-28 ta' Marzu 2022 dwar “*ICT2022 Fit for a fast change IT environment – How to involve staff*” (ICT2022 Adattat għal ambjent tal-IT li qed jinbidel malajr - Kif tinvolvi lill-personal). Peress li t-trasformazzjoni digħiġi jaftieġ li tiġi appoġġjata mill-membri u l-personal li għandhom l-gharfiex tal-proċessi eżistenti u l-ħiliet biex jużaw l-għodod digħiġi l-ġoddha, dan is-seminar offra l-opportunità li jiġu kondiviżi l-ħsibijiet u jintwerew proġetti dwar it-trasformazzjoni digħiġi, il-professioniġiet rilevanti, il-komunitajiet tal-gharfiex u t-tagħlim digħiġi.
2. IFil-Qasam ta' Interess “Affarijiet ekonomiċi u baġitarji”, ġie ospitat mill-bogħod *webinar* dwar “*Parliamentary involvement in the implementation of the National Recovery and Resilience Plans*” (L-involvement parlamentari fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza) f'Ruma fit-18 ta' Mejju 2022 mill-Kamra tad-Deputati u s-Senat tar-Repubblika tal-Italja. Dan ġie organizzat bil-kooperazzjoni tal-Unità ta' Appoġġ għall-Governanza Ekonomika (EGOV) tal-Parlament Ewropew. Ġie organizzat bħala segwitu għal-laqgħa tal-ECPRD li saret fit-23 ta' April 2021, li ffukat fuq ir-rwl tal-Parlamenti nazzjonali fit-tfassil tal-pjanijiet imsemmija hawn fuq. Filwaqt li jibni fuq id-diskussjoni preċedenti, il-webinar kellu l-ġhan li jippromwovi skambju ta' informazzjoni dwar kif il-Parlamenti kienu qed jorganizzaw l-attivitàajiet tagħihom u jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħihom, filwaqt li jissorvelja l-implimentazzjoni attwali tal-pjanijiet.
3. Ukoll fil-Qasam ta' Interess “Affarijiet ekonomiċi u baġitarji”, *seminar* dwar “*Budgetary autonomy and sovereignty of Parliaments*” (L-awtonomija baġitarja u s-sovranità tal-Parlamenti), ġie ospitat mill-Bundesrat f’kooperazzjoni mal-Bundestag f’Berlin fit-30 ta' *Ġunju u l-1 ta' Lulju 2022*. Wara aktar minn sentejn ta' laqgħat virtwali, dan is-seminar kien l-ewwel avveniment bi preżenza fiżika minn Novembru 2019. L-ġhan tas-seminar kien li janalizza sa liema punt il-Parlamenti jistgħu jinfluwenzaw it-tħejjija u l-adozzjoni tal-baġiġts tagħihom stess u sa liema punt igawdu mill-awtonomija baġitarja. Suġġetti oħra diskussi kienu jinkludu l-finanzjament tal-gruppi parlamentari u l-partiti politiċi permezz tal-baġiġts parlamentari u l-iskrutinju tal-baġiġts parlamentari mill-qrat, il-kumitat tal-awditjar u l-uffiċċi tal-awditjar.
4. Fil-Qasam ta' Interess “Libreriji, servizzi ta' riċerka u arkivji”, ġie ospitat seminar mill-Parlament Ewropew fi Brussell f'format ibridu fit-23-24 ta' *Ġunju 2022* dwar “*Parliamentary research enters a new age: Foresight, Strategy and Innovation*”. (Ir-riċerka parlamentari tidħol f'era ġidida: Prospettiva, Strateġija u Innovazzjoni). Dan is-seminar kien l-ewwel seminar organizzat mill-ECPRD f'format ibridu. Organizzat b'mod konġunt mill-EPRS u d-Direttorat tal-PE għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, huwa pprova forum għall-iskambju bejn is-servizzi ta' riċerka parlamentari u l-libreriji dwar l-istrateġiji li kienu żviluppaw matul il-kriżi tal-COVID-19 biex tiġi żgurata l-kontinwitā tan-negożju u dwar l-innovazzjonijiet li kienu għamlu sabiex dawn l-istrateġiji jitwettqu b'mod effettiv. Barra minn hekk, is-seminar iffoka fuq l-isfidi

u l-opportunitajiet li din l-era l-ġdida kienet fetħet u fuq l-importanza dejjem tikber tal-prospettiva strateġika fil-qasam tar-riċerka. Othmar Karas, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew, ta messaġġ ta' merħba.

Sarū erba' webinars fil-Qasam ta' Interess tal-“Prattika u Proċedura Parlamentari:

5. *Webinar* dwar “*Mainstreaming EU Affairs in Parliamentary Administrations*” (L-Integrazzjoni tal-Affarijiet tal-UE fl-Amministrazzjonijiet Parlamentari) ġie ospitat mill-bogħod mill-Parlament Awstrijak fi *Vjenna fil-21 ta' Frar 2022*. Din il-laqgħa kienet it-tieni waħda f'sensiela ġdida ta' webinars bil-parteċipazzjoni ta' akkademiċi ewlenin fil-qasam tal-istudji demokratiċi u parlamentari. Ix-xjentista politika Anna-Lena Högenauer (Università tal-Lussemburgo) tkellmet dwar is-suġġett fit-titlu tal-webinar u ppreżentat l-istudju tagħha dwar kif l-affarijiet tal-UE huma ttrattati minn numru kbir ta' esperti u dipartimenti fl-amministrazzjonijiet parlamentari.
6. *Webinar* ieħor dwar “*Parliaments and the whistleblowing directive*” (Il-Parlamenti u d-direttiva dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta) ġie ospitat mill-bogħod mill-Kamra tad-Deputati Belġjana fi *Brussell fis-6 ta' Ottubru 2022*. Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tal-liġi tal-Unjoni kellha tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali sas-17 ta' Diċembru 2021. Madankollu, ħafna Stati Membri tal-UE b'mod ġenerali, u l-parlamenti b'mod partikolari, huma mħassba dwar l-implementazzjoni tagħha u qed ifixtu mudell li jirrispetta l-awtonomija tal-parlamenti u l-kunċetti varji tas-separazzjoni tas-setgħat. Il-webinar ipprovda opportunità biex jiġu skambjati fehmiet u approċċi minn diversi perspektivi u biex wieħed jitgħallem kif parlamenti differenti ttrattaw il-proċess ta' implementazzjoni sa issa.
7. Webinar dwar “*Parliaments and the General Data Protection Regulation*” (Il-Parlamenti u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ġie ospitat mill-bogħod mill-Parlament Awstrijak fi Vjenna fis-7 ta' Novembru 2022. Dan il-webinar iddiskuta l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) fil-kuntest tal-proċedimenti tal-kumitat, il-prattika tad-“dritt li tkun minsi” fil-parlamenti u l-użu ta' restrizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 23 tal-GDPR.
8. Il-webinar finali fl-2022 ġie ospitat mill-bogħod mill-Parlament Awstrijak fi *Vjenna fit-12 ta' Diċembru 2022* dwar “*Parliaments and Coordination Committees in Parliaments*” (Il-Parlamenti u Kumitat ta' Koordinazzjoni fil-Parlamenti). Il-Professur Sieberer ta' ħarsa ġenerali qasira lejn l-aktar żviluppi reċenti dwar il-kumitat ta' koordinazzjoni fil-parlamenti u ddiskuta l-kwistjonijiet u l-mistoqsijiet li l-parteċipanti ħassew li kienu l-aktar importanti għall-prattiki tagħhom. Dan kien segwit minn skambju ta' fehmiet ma' prattikanti u esperti parlamentari.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Kooperazzjoni msaħħha bejn l-Unità EGOV tal-PE u l-Qasam ta' Interess Ekonomiku u Baġitarju tal-ECPRD, u bejn l-EPRS u s-Servizzi ta' Librerija, Riċerka u l-Arkivji Parlamentari tal-ECPRD f'oqsma ta' interess u investigazzjoni komun.
- Żieda fl-organizzazzjoni ta' laqgħat wiċċi imb wiċċi.
- Żieda fil-parteċipazzjoni fil-webinars.

6.3. Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza

Il-Parlament Ewropew ippromwova b'mod kostanti kooperazzjoni mill-qrib bejn l-amministrazzjoni tiegħu u dawk tal-parlamenti nazzjonali, b'mod partikolari fil-fażi preparatorja tad-dimensjoni parlamentari ta' kull Presidenza tal-Kunsill tal-UE. Il-Parlament Ewropew joffri l'il kull Parlament tal-Presidenza li jmiss l-opportunità li jipparteċipa fi programm organizzat għall-persunal fi Brussell bil-ħsieb li jhejj i attivitajiet fil-kuntest tad-dimensjoni parlamentari tal-Presidenza. Il-Parlament Ewropew jista' jiprovd i-l-Parlament tal-Presidenza programm ta' appoġġ imfassal apposta, abbażi ta' talbiet, htigħiġiet u prioritatijet spċifici. Din l-inizjattiva toffri opportunità biex jinħoloq network u jinbnew kuntatti personali ma' dawk kollha involuti u tippermetti l-kondiżjoni effettiva tal-informazzjoni u tal-ġharfien espert, u b'hekk tiffaċilita aktar ħidma u tiżgura l-konsistenza. Il-Parlament Ewropew jista' jikkontribwixxi għall-kost tal-programm fuq bażi kondiżja mal-parlament nazzjonali korrispondenti.

Il-“Presidency Parliament Support Programme” (Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza) tal-Parlament Ewropew orīginarjament inħoloq bħala għodda biex jassisti lill-Parlamenti mill-Istati Membri tal-UE li kelleu jkollhom il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għall-ewwel darba. Madankollu, minħabba li wera li kien għodda utli matul il-fażi preparatorja tal-Presidenzi, u fid-dawl tal-iżviluppi kontinwi fil-kooperazzjoni interparlamentari, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali ddeċċieda li jestendi l-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza għall-Presidenzi futuri kollha. F'dawn l-aħħar snin, il-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE għamlu aktar enfasi fuq id-dimensjoni parlamentari u investew aktar fiha, biex iżidu l-għadd ta' avvenimenti, laqgħat u inizjattivi li jorganizzaw matul is-semestru tal-Presidenza tagħhom, meta mqabbel ma' għaxar snin ilu.

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali għal darboħra laqa' l-Parlamenti futuri tal-Presidenza fil-binja tal-Parlament Ewropew fi Brussell fl-2022, wara intervall ta' aktar minn sentejn. Fl-2020 u fl-2021, dan ma kienx possibbli fiċ-ċirkostanzi partikolari li fihom l-ivvjaġġar u l-laqgħat bi preżenza fiżika kienu ristretti bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19. Id-Direttorat organizza żewġ laqgħat fl-2022: waħda għall-Parlament nazzjonali Ċek u waħda għall-Parlament Żvediż.



Il-programm għall-uffiċjali mis-Senat Ċek u l-Kamra tad-Deputati Ċeka sar fit-12 ta' Mejju 2022. Il-kolleġi li ġew minn Praga kellhom skambji ma' għadd ta' kolleġi mis-Segretarjat tal-Parlament Ewropew, li qasemu l-esperjenzi tagħhom fl-organizzazzjoni tal-firxa sħiħa ta' avvenimenti u attivitajiet interparlamentari: il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE. L-avvenimenti koperti kienu ż-żjara tal-Konferenza tal-Presidenti fil-belt kapitali tal-Presidenza, il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Governanza, il-laqgħat tal-COSAC, il-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK, il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol u l-Laqqha Interparlamentari tal-Kumitati dwar il-Eurojust.

Bl-istess mod, il-programm għall-uffiċjali mir-Riksdag Żvediż offra l-opportunità lill-kolleġi mill-Parlament Żvediż involuti fit-thejjiji għad-dimensionsi parlamentari tal-Presidenza Żvediżha tal-Kunsill tal-UE biex jiľtaqqhu ma' diversi kolleġi mis-Segretarjat tal-Parlament Ewropew, prinċipalment dawk li jaħdmu fis-segretarjati tal-kumitati.

Minbarra d-diskussionijiet dwar il-laqgħat interparlamentari standard u tradizzjoni (Konferenza dwar l-Istabbiltà, il-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Governanza; Konferenza dwar il-PESK/PSDK; il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol; żjara tal-Konferenza tal-Presidenti fil-belt kapitali tal-Presidenta), ġew organizzati wkoll serje ta' skambji dwar suġġetti li se jiġu indirizzati mill-Parlament Żvediż f'konferenzi tematiċi li għandhom jiġu organizzati fl-2023. Dawn il-konferenzi se jsiru dwar "challenges and opportunities for the EU's future energy supply" (sfidi u opportunitajiet għall-provvista futura tal-enerġija tal-UE), dwar "democracy in Europe (the rule of law, transparency, etc.)" (id-demokrazija fl-Ewropa (l-istat tad-dritt, it-trasparenza, eċċ.)) u dwar "the European Green Deal with a focus on the circular bio-economy" (il-Patt Ekoloġiku Ewropew b'enfasi fuq il-bijoekonomija ċirkolari).



L-ġħan ta' dawn il-laqgħat kien li jiġu stabbiliti l-kuntatti neċċesarji bejn l-uffiċjali mill-pajjiż tal-Presidenta u l-persunal tal-Parlament Ewropew u li tingħata l-opportunità għal skambji inizjali ta' informazzjoni dwar proċeduri, suġġetti u aġendi għal avvenimenti u attivitajiet futuri.

Minbarra l-programm ewljeni, kif deskritt hawn fuq, id-Direttorat iffaċilita wkoll l-organizzazzjoni ta' laqgħat bilaterali, li kienu ntalbu għal numru limitat ta' viżitaturi mill-Parlamenti tal-Presidenta. Is-suġġetti koperti mil-laqgħat bilaterali kienu jinkludu:

- I-organizzazzjoni ta' laqgħat mill-bogħod u ibridi, b'mod partikolari dawk li jinvolvu għadd kbir ta' konnessjonijiet u parteċipanti, u l-użu ta' għadd kbir ta' lingwi;
- proċeduri ta' protokoll u żjarat ta' livell għoli;
- komunikazzjoni u sigurtà.

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Il-Programm ta' Appoġġ tal-Presidenta ġie offrut, għall-ewwel darba wara sentejn, bħala laqgħa bi preżenza fiżika fi Brussell. Konnessjonijiet mill-bogħod limitati f'xi każijiet ippermettew il-parteċipazzjoni ta' kollegi li ma setgħux jivvja ġġagħaw lejn Brussell.
- Fl-ewwel semestru tal-2022, tfassal u ġie offrut Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenta lill-Parlament Ċek, sabiex jitħejja għall-Presidenta fit-tieni semestru tal-2022.
- Fit-tieni semestru tal-2022, tfassal u ġie offrut Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenta lill-Parlament Żvediż, sabiex jitħejja għall-Presidenta fl-ewwel semestru tal-2023.

6.4. Network tar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jilqa' u jospita lir-rappreżentanti amministrattivi maħtura mill-Parlamenti/Kmamar parlamentari nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew. Mill-1991, bil-ħsieb li tissaħħa il-kooperazzjoni interparlamentari fl-UE, il-Parlament Ewropew offra lir-rappreżentanti spazju tal-uffiċċju bla ħlas u faċilitajiet interni oħra fuq talba, fil-bini tiegħu fi Brussell u fi Strasburgu.

Il-Parlamenti nazzjonali tal-UE jibaghlu ufficijali nazzjonali fi Brussell biex jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet mal-UE. Bħalissa, 55 membru tal-persunal mis-27 Parlament nazzjonali fl-UE qed jokkupaw 43

uffiċċju fil-bini tal-Parlament Ewropew¹⁵. Dawn ir-rappreżentanti huma uffiċċiali nazzjonali li, minbarra li jingħataw kompiti amministrattivi, huma inkarigati mill-kondiżjoni reċiproka tal-informazzjoni (bi fluss bidirezzjonal bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE), bħala fattur ewljeni fl-affarijiet tal-UE.

Ir-rappreżentanti jaħdmu fl-istess bini li jospita d-Direttorat. Dan joħloq diversi sinerġiji u jippromwovi skambji faċli. Fl-2022, il-kuntatt sar aktar faċli, peress li r-restrizzjonijiet stabbiliti minħabba l-pandemja tal-coronavirus tneħħew gradwalment u sar possibbli li jerġgħu jsiru avvenimenti soċjali u laqgħat bi preżenza fížika.

Lista tar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali hija disponibbli fis-sit:

<http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/networks/representatives-of-national-parliaments.html>

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Laqgħa fl-10 ta' Frar 2022 bejn ir-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali u Othmar Karas, l-Ewwel Viċi President elett ġdid għar-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali u mal-COSAC.
- Laqgħa fis-16 ta' Novembru 2022 bejn ir-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali u Klaus Welle, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, qabel tmiem il-mandat tiegħi.

6.5. Seminars tal-persunal

Kif afferma l-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2018 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-Parlamenti nazzjonali¹⁶, “interazzjoni aħjar u skambju mtejjeb ta’ informazzjoni bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-Membri Parlamentari kif ukoll bejn l-impiegati taċ-civil tal-Parlamenti nazzjonali jistgħu jgħiġi biex jitjieb l-iskrutinju tad-dibattitu Ewropew fil-livell nazzjonali u b'hekk titrawwem kultura parlamentari u politika ġenwinament Ewropea”. Fl-2019, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali organizza sensiela ta’ seminars għall-persunal mill-Parlamenti nazzjonali/Kmamar parlamentari tal-UE. L-għan tagħhom kien li jaqqgħu flimkien persunal tal-parlamenti nazzjonali u tal-PE sabiex jippreżentaw u jiddiskutu diversi suġġetti Ewropej rilevanti, jitgħallmu minn xulxin u jiskambjaw l-aħjar prattiki.

Minbarra l-kooperazzjoni interparlamentari fil-livell politiku, żvilupp importanti f'dawn l-aħħar snin kien jikkonsisti fl-orgaṇnazzjoni ta’ seminars tal-persunal sabiex jiġu aġevolati l-iskambji tekniċi fil-livell tal-persunal. Is-seminars tal-persunal jipprovdu pjattaforma importanti għall-amministrazzjonijiet tal-Parlamenti biex jorganizzaw skambji aktar speċifiċi u mmirati fuq oqsma ta’ interessa komuni. Dawn jikkostitwixxu element dinamiku tal-ħidma kemm tal-PE kif ukoll tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE.

6.5.1 Seminar tal-persunal dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u d-Diversità fis-16 ta’ Ġunju 2022

Eżempju tajjeb tas-suċċess tas-seminars tal-persunal mal-Parlamenti nazzjonali tal-UE kien l-avveniment organizzat b'mod konġunt mid-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali u l-kolleġi tal-Unità għall-Ugwaljanza, l-Inklużjoni u d-Diversità fid-DG Persunal. Wara talba mill-Grupp ta’ Livell Għoli tal-PE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u d-Diversità, sar seminar

¹⁵ Is-sitwazzjoni mis-17 ta’ Jannar 2022, inklużi s-Segretarjat tal-COSAC u l-uffiċċjal tal-informazzjoni IPEX.

¹⁶ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta’ April 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-Parlamenti nazzjonali (ĠU C 390, 18.11.2019, p. 121).

interparlamentari tal-persunal fis-16 ta' Ġunju 2022 fi Brussell. L-avveniment ippermetta li s-servizzi relatati tal-PE u ta' diversi Parlamenti nazzjonal ijezaminaw l-aħjar prattiki dwar l-inklużjoni u d-diversità fil-politiki interni taqħhom dwar ir-riżorsi umani.

6.5.2 Staff seminar with Medical Services on 29-30 September 2022

Fl-2022, kien hemm żvilupp ġdid sinifikanti meta ġie organizzat seminar tal-persunal mill-bogħod biex ilaqqa' flimkien kollegi mill-Parlament Ewropew u mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Parlament, li huma responsabbi biex jipprovdu attenzjoni medika u rispons ta' emerġenza lill-Membri u lill-persunal. Is-Servizz Mediku tal-PE ospita s-seminar. L-ippjanar tal-avveniment orīginarjament kien beda kmieni fl-2020, iżda kien imdewwem meta ġew imposti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u laqgħat bi preżenza fiżika biex tiġi kkontrollata l-pandemija tal-COVID-19. Is-seminar fl-aħħar sarbhala avveniment bi preżenza fiżika fid-29-30 ta' Settembru 2022. Ġew inklużi sessionijiet ta' tħidma fil-programm biex jiġi żgurat li l-parċeċipanti kollha setgħu jagħtu kontribut attiv u s-seminar irriżulta fi skambju siewi tal-aħjar prattiki.

6.5.3 Seminar tal-persunal mas-Servizzi Medici fid-29-30 ta' Settembru 2022

L-Unità ta' Appoġġ għall-Governanza Ekonomika, f'kooperazzjoni mad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, kompliet torganizza seminars tal-persunal biex tikkondivid i-l-aħħar informazzjoni dwar is-Semestru Ewropew. Dan kien jinkludi suġġetti bħall-prioritajiet ekonomiċi u t-tiġiha tal-kooperazzjoni dwar u t-titjib tal-fehim taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien, u l-iskambju tal-aħjar prattiki. Fl-2022, ġew organizzati sitt seminars ta' dan it-tip, li tnejn minnhom saru bi preżenza fiżika, f'Berlin u Praga, u erbgħa virtwalment, inkluż webinar dwar il-qwerra fl-Ukrajina.

Ta' min isemmi wkoll li l-iskambji interparlamentari tal-persunal li jkopru oqsma speċifiċi tal-ħajja amministrattiva, li kieni bdew b'seminars tal-persunal fil-passat, komplew l-attività tagħhom. Eżempju ta' network bħal dan, li organizza avveniment fl-2022, kien għall-persunal parlamentari li jaħdem biex jittratta l-impronta ambientali tal-operazzjonijiet tal-Parlamenti, li fih il-PE kien rappreżentat mill-Unità tal-Iskema ta' Ĝestion u Verifika Ambientali (EMAS).

Żviluppi ewlenin fl-2022:

- L-organizzazzjoni tas-seminar tal-personal dwar I-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u d-Diversità fis-16 ta' Ġunju 2022 u s-seminar tal-personal mas-Servizzi Mediċi fid-29-30 ta' Settembru 2022.
 - Il-kontinwazzjoni tal-attività min-networks stabbiliti f'seminars tal-personal tal-passat, bħan-network għall-personal li jittratta l-impronta ambientali tal-operazzjonijiet tal-Parlamenti.
 - Il-laqgħat virtwali wrew li huma għodda utli biex jissaħħaħ l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazionali fil-qasam tal-governanza ekonomika.

7. GĦODOD U ATTIVITAJIET TA' APPOĠġ

7.1. L-organizzazzjoni ta' laqgħat mill-bogħod u vidjokonf

Il-Parlament Ewropew kien digħà beda juża l-vidjokonferenzi bħala għoddha biex jiffaċilita l-kooperazzjoni interparlamentari ffit tas-snин ilu. Għal żmien twil, il-Parlament Ewropew kellu soluzzjonijiet tekniċi biex jippermetti l-vidjokonferenzi b'immaġni u ħoss ta' kwalità tajba ħafna, kif ukoll interpretazzjoni f'diversi lingwi. Madankollu, qabel l-2020, l-użu tal-vidjokonferenzi kien limitat. Fil-bidu tal-kriżi tas-saħħha fl-2020, il-ħtieġa li jiġu adattati u mtejba l-modi ġoddha ta' ħidma u kooperazzjoni mill-bogħod wasslet għal qabża diġitali u teknika kbira fl-organizzazzjoni ta' laqgħat parlamentari mill-bogħod. Fl-2022, il-vidjokonferenzi komplew jintużaw, għalkemm il-kriżi tas-saħħha ewlenija kienet għaddiet u l-metodi ta' ħidma kienu bdew jirritornaw għar-realtà ta' qabel il-COVID. Il-vidjokonferenzi saru parti integrali mill-ħidma fil-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew, minħabba l-kompożizzjoni speċifika tiegħu ta' Membri minn 27 pajjiż differenti, ilu żmien twil konxju mill-vantaġġi tal-vidjokonferenzi, bħall-iffaċilitar ta' aktar kuntatti regolari bejn il-membri parlamentari filwaqt li jnaqqas il-ħin tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż u l-impronta tal-karbonju. Kumplessivament, il-vidjokonferenzi huma għoddha effikaċi f'termini tal-kostijiet u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent għall-organizzazzjoni tal-laqgħat, u għalhekk ġew investiti riżorsi adegwati biex tiġi appoġġjata. F'dawn l-aħħar snin u, b'mod partikolari, minħabba t-tifqigħha tal-pandemja tal-COVID-19, sar progress konsiderevoli fit-teknoloġiji diġitali u l-użu tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

Is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-2022 tjiebet biżżejjed biex tippermetti t-tkimplja ġenerali tal-ivvjaġġar u l-organizzazzjoni ta' laqgħat kbar bi preżenza fiżika. Madankollu, għall-kooperazzjoni interparlamentari, il-laqgħat mill-bogħod kienu għadhom l-aktar format użat b'mod komuni, b'mod partikolari fl-ewwel nofs tas-sena. Fl-2022, il-Parlament Ewropew kompla juża pjattaforma – Interactio – għal laqgħat multilingwi b'interpretazzjoni pprovduta għal-laqgħat tal-kumitat u l-konferenzi interparlamentari. Dan il-mod ġdid ta' organizzazzjoni ta' skambji kompla għal ħafna mil-laqgħat u l-attivitajiet organizzati.

Matul is-snин tar-restrizzjonijiet relatati mas-saħħha pubblika, meta d-dibattiti mill-bogħod u l-laqgħat ibridi ntużaw b'mod wiesa', il-Membri kemm tal-Parlamenti nazzjonali kif ukoll tal-Parlament Ewropew ħassew in-nuqqas tal-iskambji wiċċi imb wiċċi aktar interattivi u tal-kuntatti personali. It-tkimplja tal-laqgħat bi preżenza fiżika fit-tieni nofs tas-sena ntlaqgħet b'entużjażmu u sodisfazzjon.


Żviluppi ewlenin fl-2022:

- Bħal fis-snin preċedenti, il-laqgħat mill-bogħod li saru permezz tal-vidjokonferenzi kienu għadhom il-meżż preferut għall-iskambji interparlamentari fl-ewwel nofs tas-sena fl-2022, li jvarjaw minn laqgħat bilaterali informali bil-vidjo għal konferenzi kumplessi ta' livell għoli li jinvolvu bosta parteċipanti. Il-laqgħat mill-bogħod jew ibridi saru l-alternattiva għal-laqgħat bil-preżenza fiżika fil-Parlament Ewropew.
- Il-parteċipazzjoni tal-Membri Parlamentari, il-Membri tal-PE u l-kelliema ta' livell għoli f'laqgħat mill-bogħod baqgħet għolja, b'dawn tal-aħħar jidhru aktar faċilment disponibbli biex jieħdu sehem f'laqgħat li jsiru mill-bogħod milli fi skambji bi preżenza fiżika.

7.2. CONNECT – il-bażi tad-data tal-Parlament Ewropew ta’ osservazzjonijiet ippreżentati mill-Parlamenti nazzjonali

CONNECT

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jforni lill-Membri tal-PE (b'mod partikolari lir-rapporteurs) u lill-korpi politiċi u lis-servizzi tal-Parlament Ewropew għarfien espert speċifiku dwar l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Parlamenti nazzjonali fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1 u 2 matul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu. F'dan il-kuntest, id-Direttorat jiġġestixxi l-bażi tad-data CONNECT, li tinkludi d-dokumenti kollha riċevuti mill-Parlamenti nazzjonali mid-dħul fis-seħħi tat-Trattat ta’ Liżbona skont il-Protokolli Nru 1 u Nru 2. Opinjonijiet motivati relatati mas-Sistema ta’ Twissija Preventiva huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.



Til-paġna ta’ kontroll tas-sussidjarjetà tas-sit web CONNECT, fejn huwa possibbli li tfittex l-osservazzjonijiet mibgħuta lill-Parlament Ewropew fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 tat-TFUE.

AMill-2017, il-bażi tad-data CONNECT tista’ tiġi kkonsultata fuq is-sit web tad-Direttorat. L-informazzjoni kollha f’CONNECT, inklużi l-opinjonijiet motivati u l-kontributi riċevuti mill-Parlamenti nazzjonali, hija direttament disponibbli fl-e-Committee, l-ispazju tax-xogħol komuni tad-DG IPOL u tad-DG EXPO, skont il-proċedura li huma relatati magħħha. Dan jaapplika mhux biss għall-opinjonijiet motivati iżda wkoll għall-kontributi kollha li jaslu mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Protokolli 1 u 2.

CONNECT tippermetti lir-rapporteurs, lill-Membri, lill-assistenti u lill-persunal tas-segretarjati tal-kumitat, kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati esterni kollha, li jkollhom stampa ġenerali aġġornata u kompluta tal-osservazzjonijiet kollha riċevuti mill-Parlamenti nazzjonali fi kwalunkwe mument ta’ proċedura leġiżlattiva partikolari. Fl-2022, waslu total ta’ 394 osservazzjoni: 250 (63%) ġew ippreżentati fil-qafas tal-kontrolli tas-sussidjarjetà tal-Protokoll Nru 2 u 144 (37%) fl-ambitu tad-DIALOGU Politiku Informali (Protokoll Nru 1).

Fl-1 ta’ Jannar 2022, total ta’ 6,740 osservazzjoni (opinjonijiet motivati u kontributi) ippreżentata mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data CONNECT. Ġew ippreżentati 3,930 (58%) fil-qafas tal-kontrolli tas-sussidjarjetà tal-Protokoll Nru 2 u 2,810 (42%) ġew ippreżentati fl-ambitu tad-DIALOGU Politiku Informali.

Żvilupp ewlioni fl-2022:

- Il-bażi tad-data CONNECT tinsab fil-proċess li tiġi aġġornata biex issir aktar kompatibbli mar-riċeviment awtomatiku tal-osservazzjonijiet permezz tal-pjattaforma l-ġidida ta' għall-Osservazzjonijiet tal-Parlamenti Nazzjonali (National Parliaments Submissions, NPS).

7.3. Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti (CorCom)

CORCOM

Id-Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti (CorCom) huwa riżorsa ta' informazzjoni dwar il-kumitati tal-Parlamenti nazzjonali li jikkorrispondu għall-kumitati tal-Parlament Ewropew. Jagħti wkoll informazzjoni dwar is-segretarjati tal-kumitati differenti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE u tal-PE. L-informazzjoni inkluża fid-Direttorju hija fornuta mir-rappreżentanti permanenti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell.

CorCom huwa għodda utli għall-istabbiliment ta' rabtiet bejn il-kumitati tal-Parlament Ewropew u l-kumitati korrispondenti tal-Parlamenti nazzjonali. Dan iservi wkoll biex jiġu identifikati l-president u s-segretarjat tal-kumitati, li dejjem huwa partikolarmen utli għat-tiġi kumitati fil-livell ta' kumitat fil-limiti tal-approprjazzjonijiet baġitarji allokati għal dak il-għan. Dan jista' jinkludi forom xierqa ta' kooperazzjoni pre-leġiżlattiva u post-leġiżlattiva (Artikolu 150(3) tar-Regoli ta' Proċedura).

Wara l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni f'Mejju 2009 dwar l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew skont it-Trattat ta' Liżbona (rapporteur: Elmar Brok), ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ġew riveduti f'dan is-sens. Issa huma jgħidu li "kumitat jista' jidħol fi djalogu direttament mal-Parlamenti nazzjonali fil-livell ta' kumitat fil-limiti tal-approprjazzjonijiet baġitarji allokati għal dak il-għan. Dan jista' jinkludi forom xierqa ta' kooperazzjoni pre-leġiżlattiva u post-leġiżlattiva" (Artikolu 150(3) tar-Regoli ta' Proċedura).

L-applikazzjoni CorCom tiġi mtejba u aġġornata kontinwament biex tissodisfa l-ħtieġi li qed jinbidlu tal-utenti tagħha. Matul dawn l-aħħar ffit snin, din saret applikazzjoni bbażata fuq il-web, li hija għall-użu intern biss, b'aċċess ristrett għall-utenti. Din hija disponibbli fuq l-intranet tal-Parlament Ewropew. Saret ħafna aktar faċli għall-utent u għandu firxa sħiħa ta' karakteristiċi ġodda. Fl-2022, kien hemm 436 żjara fl-applikazzjoni, b'420,643 viżwalizzazzjoni ta' applikazzjoni u b'118,276 viżwalizzazzjoni individwali fuq il-paġni web tagħha.

7.4. Għodda għall-Osservazzjoni tal-Parlamenti Nazzjonali (Għodda NPS)

L-Ġħodda għall-Osservazzjoni tal-Parlamenti Nazzjonali (Għodda NPS) hija pjattaforma online tal-PE faċli għall-utent maħluqa spċċifikament għat-trażmissjoni tal-kontributi tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE dwar il-Protokoll Nru 1 u l-Protokoll Nru 2.

L-ġhan tagħha huwa li tiżgura, tissimplifika u tuffiċċalizza l-proċedura biex tintbagħha osservazzjoni lill-Parlament Ewropew minn kwalunkwe Parlament nazzjonali.

L-iżvilupp tal-proġett tal-Ġħodda NPS beda fl-2019 fil-qafas tal-Portafoll tal-Proġett Parlamentari tal-Parlament Ewropew. Wara l-fażjiet pilota u tal-it-testjar, kif ukoll sensiela ta' sessjonijiet ta'

taħriġ organizzati fl-2022 bil-parteċipazzjoni ta' kollegi mill-Parlamenti nazzjonali, l-għoddha kienet mistennija li titnieda fl-ewwel nofs tal-2023.

L-għan tal-proġett kien li tinħoloq għoddha ta' reġistrazzjoni online awtomatizzata faċli għall-utent għall-preżentazzjoni ta' opinjonijiet motivati u kontributi mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE. Billi jimlew formola online, il-Parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jiprovvu informazzjoni dwar l-osservazzjoni (jimlew id-data meħtieġa) u jtellgħuha. Imbagħad tintbagħha awtomatikament lis-servizzi responsabbi tal-PE u tiġi attribwita u mgħoddija lil lista ta' distribuzzjoni interna definita minn qabel.

Il-benefiċċju tal-Ġħodda NPS huwa li hija sistema faċli għall-utent, rapida u aktar sigura biex jintbagħtu l-osservazzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-Protokoll Nru 1 u il-Protokoll Nru 2. Hijra aktar sikura f'termini ta' hacking u phishing tad-data.

Dan l-iżvilupp jgħin biex tinkiseb data korretta u preċiża dwar l-osservazzjonijiet. Hijra se tipprovd konferma immedjata tar-riċeviment uffiċjali tal-osservazzjoni ppreżentata mill-Parlament Ewropew. It-tħaffif tal-proċess iwassal biex l-osservazzjoni ppreżentata tasal għand il-kumitat responsabbi tal-PE u r-rapporteur fi żmien debitu, meta l-fajl ikun għadu fuq l-aġenda tal-kumitat. Se żżid l-effiċjenza tad-djalogu leġiżlattiv bejn il-PE u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE, kif ukoll tintensifikasi l-kooperazzjoni interparlamentari.

7.5. Il-pubblikazzjonijiet tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jiproduċi għadd ta' pubblikazzjonijiet.

Ir-Rapport Annwali dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE fih l-attivitàji u l-iżviluppi kollha fil-kooperazzjoni interparlamentari fl-UE f'sena partikolari, bi statistika dettaljata. Il-pubblikazzjoni "Spotlight on Parliaments in Europe" tiġib fil-qosor l-informazzjoni dwar ġerti kwistjonijiet ta' attwalit u titqassam fost il-Parlamenti fin-network tal-ECPRD. Il-pubblikazzjoni "Weekly Aġenda" toffri informazzjoni dwar l-attivitàji li jinvolvu lill-Parlamenti nazzjonali bil-ħsieb li jiżdiedu t-trasparenza u l-viżibbiltà tal-bosta attivitajiet interparlamentari mwettqa. Il-pubblikazzjoni "State of Play Note" toffri informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet li jaslu mill-Parlamenti nazzjonali. Il-pubblikazzjoni "Calendar of Interparliamentary Activities" tiġi ppubblikata kull semestru. Il-pubblikazzjoni "Factsheet on each EU national Parliament" hija dokument konċiż li fih deskriżżjoni ta' kull Parlament. Is-sit web tad-Direttorat huwa l-ispażju online fejn tista' tinstab l-informazzjoni aġġornata kollha.

7.5.1 Rapport Annwali dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE

Ir-rapporti dwar ir-relazzjonijiet interparlamentari tal-UE huma disponibbli mill-2010. Barra minn hekk, ir-Rapporti Annwali mill-2017 huma disponibbli fuq is-sit web li ġej tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali:

<https://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/annual-reports>

7.5.2 Spotlight on Parliaments in Europe

Il-pubblikazzjoni Spotlight tiġib fil-qosor l-informazzjoni dwar ġerti kwistjonijiet ta' attwalit. Din titqassam fost il-Parlamenti fin-network tal-ECPRD.

Fl-2022, id-Direttorat ħejja ħarġa waħda:

- [Spotlight Nru 37 – Frar 2022 – Governmental obligation to provide adequate information on](#)

[draft bills \(Obbligu tal-gvern li jiprovo informazzjoni adegwata dwar abbozzi ta' liġi\).](#)

Din il-pubblikazzjoni, kif ukoll dawk preċedenti, huma disponibbli fuq [is-sit web tad-Direttorat](#).

7.5.3 Weekly Aġenda

Il-pubblikazzjoni [Weekly Aġenda](#) tintbagħat nhar ta' Ġimgħa bil-posta elettronika lill-Membri u lis-servizzi kollha tal-Parlament Ewropew. Fl-2022, intbagħtu 39 ħarġa ta' Weekly Aġenda. Il-pubblikazzjoni tkopri avvenimenti interparlamentari għall-ġimagħtejn ta' wara, bħaż-żjarat bilaterali, il-konferenzi interparlamentari u l-laqqħat interparlamentari tal-kumitat. L-informazzjoni mogħtija tinkludi d-data, il-post, u s-servizzi tal-PE involuti.

7.5.4 State of Play Note

Id-Direttorat jipprodu pubblikazzjoni ta' kull xahar [State of Play Note](#) dwar l-opinjonijiet motivati u l-kontributi ppreżentati mill-Parlamenti nazzjonali. Aktar informazzjoni dwar State of Play Note tista' tinstab fil-Kapitolu 5.1.3.

7.5.5 Calendar of Interparliamentary Activities

Il-pubblikazzjoni [Calendar of Interparliamentary Activities](#) tiġi ppubblikata kull semestru. Din tkopri avvenimenti interparlamentari organizzati mill-Parlament tal-Presidenza u mill-Parlament Ewropew, bħal Konferenzi Interparlamentari, Konferenzi ta' Livell Għoli u Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitat.

7.5.6 Factsheets on EU national Parliaments

Kull waħda mid-39 pubblikazzjoni tal- [EU national Parliament/Chamber's individual Factsheet](#) hija disponibbli fuq is-sit web tad-Direttorat. Kull skeda informattiva hija dokument konċiż li fih deskrizzjoni ta' kull Parlament/Kamra.

7.5.7 Sit web

Id-Direttorat jieħu ħsieb ukoll [is-sit web](#) tiegħu stess li jforni informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-pubblikazzjoni futuri tiegħu: <https://www.europarl.europa.eu/relnatparl>

8. DIRETTORAT GħAR-RELAZZJONIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI



